Ħarġa nru. 20 – Novembru 2008

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar



**Rugby**
Tibda t-Tazza tan-Nazzjonijiet Ewropej, p58



**Intervista**
Rebecca Thoresen titkellem ma' SPORTIV, p52

**F.A. Trophy**
L-istorja ta' din it-tazza, p12



# Min qal li fl-Empire Stadium ma jikbirx ħaxix?!!




KMS • ATLETIKA • FORMULA 1 • ŻWIEMEL • MOTO GP • KOM • YFA • BOXING • CHAMPIONS LEAGUE • BASKETBALL • SNOOKER • REGATTA

THE WESTIN DRAGONARA RESORT Malta
IRBAĦ WESTIN WEEKEND BREAK




- Local & Overseas Car Hire
- Chauffeur Drive services (24 hours)
- Limousine VIP Service
- Weddings Service

Freephone 8007 2337

JOHNS GARAGE

38, Villambrosa Street, Hamrun, HMR1128 T: (+356) 2298 2298 F: (+356) 2298 2299
www.johnsgarageltd.com info@johnsgarageltd.com www.johnsgroup.eu

2008



# Novembru

Għoddu spiċċa xahar ieħor, xahar fejn l-attività sportiva ma naqsitx u għaldaqstant bħal dejjem SPORTIV iwasslilkom l-aħjar mumenti minn dan kollu.

Il-kontroversja fil-kampjonat Malti ma tieqafx. Smajna u rajna ħafna, finalment b'dak li għandna irridu ninqdew. Qalulna kampjonat stramb. Min hu favur u min hu kontra, kowċis irrabbjati u plejers issummati. Fl-aħħar mill-aħħar min hu ħati? Fl-analiżi nitkellem dwar dak li naħseb jien huwa l-fattur prinċipali ta' din l-għagħa kollha.

Mix-xena nternazzjonali l-aħħar paġni mill-istaġun tal-Moto GP u l-Formula 1. Għal Valentino Rossi u Lewis Hamilton dawn kienu suċċessi sinjifikattivi, b'Valentino jikser kull rekord u Hamilton isir l-iżgħar sewwieq fil-Formula 1 li rnexxielu jirbaħ kampjonat. Impressjonanti!

Dan ix-xahar ukoll ma jonqsux il-paġni dwar l-atletika, il-basketball u r-rugby. Il-paġni tal-Kunsill Malti għall-iSport u dawk tal-Wellness ukoll qegħdin iqajmu nteress kbir fostkom il-qarreja u dan ix-xahar b'aktar stejjer u inizjattivi ġodda. Iżda mhux biss, diversi stejjer oħra mill-passat li qegħdin iqanqlu nostalġija, dan ix-xahar storja dwar l-Empire Stadium, dak li darba kien il-mekka tal-futbol Malti, illum mitluq u minsi.

Insomma, kif issa darrejnikom, SPORTIV għal darb'oħra iwasslilkom paġni esklussivi ta' sport kif qatt ma rajtuhom qabel.

Għaldaqstant nilqagħkom għal ħarġa oħra u f'isem id-Diretturi u l-Ħaddiema kollha ta' SPORTIV nixtieq nawgura lilkom u lill-familji tagħkom l-isbaħ xewqat ta' Milied hieni u s-sena l-ġdida mimlija paċi u risq.



Jekk tixtieq tixtri Back Issues ta' SPORTIV għandek iċċempel fuq 25900263 jew tibgħat email fuq sportivmalta@yahoo.com u tniżżel id-dettalji neċċessarji.

SCRIMAGLIO

FASHION WINES
LONDON - PARIS - NEW YORK

TORTI




For more information contact International Merchants Co., Ltd.
tel: 21421987 / 21414117 - e-mail info@intmer.com - web: www.intmer.com

# PLAY THE GAME

# SEPARATE YOUR WASTE







MINISTERU
GĦALL-AFFARIJIET
RURALI U L-AMBJENT
**www.mrae.gov.mt**


## FREEPHONE

SERVIZZI AMBJENTALI - NUMRU WIEĦED

# 8007 2210









Ħarġa nru 20
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 25401217

**Pubblikaturi**
**Norman Darmanin Demajo**
**Paul Falzon**

**Editur**
**Björn Vassallo**
bjorn.vassallo@yahoo.com

**Riklamar**
**Claudia Cutajar**
sportivmalta@yahoo.com

**Disinn**
**Zen Grafiks**

**Ritratti**
**Stephen Gatt**

**Cover - Empire Stadium, Gżira**

**SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta**

# Werrej SPORTIV

**4** Malta v Iżlanda
90 minuta fjakki mill-Maltin

**6** Analiżi
Inżel inżel xita...

**8** Kamjonat Premier
Jirritorna mill-ġdid wara l-waqfa

**12** F.A. Trophy
Riżultati, Storja u statistika

**18** Futbol Lokali
Jibda l-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni

**26** L-Istorja tal-Futbol Malti
Tkompli... kif qatt ma rajtuha qabel...

**32** Bħal-Lum...
Darba kien l-Empire Stadium

**36** Kampjonati YFA
Ir-rebbieħa kollha

**40** Champions League
Bejn konfermi u nċertezzi

**47** Wrestling
Novembru xahar ta' rikordju

**48** Moto GP
Jirbaħ Stoner, iżda finalment jiċċelebra Rossi

**50** Formula 1
Tmiem drammatiku jagħti t-titlu lil Lewis Hamilton

**52** Intervista
Rebecca Thorensen, Maltija, plejer tal-Basketball fil-Ġermanja

**54** Basketball
Aktar logħob u statistika

**56** Boxing
Demis Tonna champion tal-Boxing Arena

**58** Rugby
Wara telfa tasal rebħa

**60** Kumitat Olimpiku
F'Diċembru l-MOC Awards

**63** Atletika
Jibda r-Road Running League

**64** Snooker
Tajlandiż isir champion mondjali

**66** Żwiemel
Bejn finali u l-kampjonat

**74** Storja tar-Regatta
Id-Disa' kapitlu

**78** Kunsill Malti għall-Isport
Informazzjoni u tagħrif sportiv lokali

**86** Table Tennis
Jiftaħ Ċentru ġdid tat-table tennis

**87** Wellness News
Il-piramida tal-attivita' fiżika

**88** Kriss-Kross
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkupjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# Tkompli s-sensiela NEGATTIVA

It-tim nazzjonali Malti sofra telfa oħra u b'hekk issa s-sensiela negattiva laħqet total ta' seba' logħbiet. Il-logħba kontra l-Islanda ftit ħalliet aspetti pożittivi għajr għall-plejers ġodda u debuttanti li għall-ewwel darba lagħbu għal ħin twil bil-flokk nazzjonali Malti. U kienu dawn 'l hekk imsejħa "żgħar" li l-aktar li ġibdu l-attenzjoni. Andrei Agius, li jilgħab fl-Italja ma' Igea Virtus, kellu wirja tajba u għalkemm żbalja fl-azzjoni tal-goal li sofrejna, il-plejer wera personalità u kunfidenza fil-logħob tiegħu. Plejer ieħor li kellu prestazzjoni tajba kien il-plejer ta' Hibernians, Clayton Failla, li daħal ħafna aktar fil-logħba matul it-tieni taqsima u ma ddiżappuntax. Fost oħrajn kellna wkoll ir-ritorn ta' Daniel Bogdanovic, li għalkemm m'għamel xejn kbir, kien dejjem attiv fil-logħba u kkonferma li jista' jkun ferm utli għat-tim. Il-plejer ta' Lokomotiv Sofia kien qiegħed jirritorna wara diversi snin mhux inkluż fl-iskwadra nazzjonali ta' Dusan Fitzel.

Fil-fatt Fitzel f'kumment li ta lil SPORTIV, l-għada tal-logħba, qal "Kuntent b'dak li għamlu l-plejers "iż-żgħar". Naħseb kollox ma' kollox kien jimmeritana draw, iżda dak huwa l-futbol. Il-goal ta' l-avversarji kien rigal min-naħa tagħna, iżda xorta waħda għalkemm tlifna rajt affarijiet tajba u kemm Agius, Bogdanovic u Failla laħqu l-aspettazzjonijiet tiegħi."

Intant matul l-ewwel ħinijiet il-logħob żvolġa ħafna f'nofs il-ground u l-azzjonijiet quddiem il-lasti avversarji kienu skarsi u limitati għal xi xuttijiet minn barra.

L-ewwel azzjoni dejna ta' nota waslet, fl-24 minuta, minn saqajn Emil Hallfredsson, meta minn corner dawwar il-ballun u Hogg kien pront biegħed il-periklu. L-istess plejer reġa' kien perikoluż ftit minuti wara minn free-kick, iżda Hogg kien attent u salva. L-ewwel taqsima għalqet mingħajr il-Maltin ma mpenjaw, l-anqas f'okkażjoni waħda, lill-goalkeeper avversarju Gunnleifsson. It-tim Malti deher nieqes mill-kunfidenza u l-inizjattiva, tant, li dejjem stennejna lill-avversarji tagħna jiddettaw u aħna nippruvaw nilagħbu logħob dirett fuq Michael Mifsud, li iżda, ma kienx fil-ġurnata solita tiegħu.

Fit-tieni taqsima, Fitzel għamel diversi bidliet, fejn mill-bidu tagħha daħlu jilagħbu aktar plejers żgħażagħ. Ryan Fenech, Alex Muscat u Roderick Briffa u kif ukoll il-veteran Mario Muscat kienu l-ewwel bidliet tal-kowċ nazzjonali.

Fis-66 minuta wasal il-goal tal-Islanda. Schembri laqat il-ballun ħażin li spiċċa fil-kaxxa Maltija, Agius bir-ras niżżel lejn Mario Muscat, iżda approfitta minn din l-indeċiżjoni l-plejer ta' Bolton Wanderers, HEIDAR HELGUSON, li mill-viċin ma kellu l-ebda diffikultà jegħleb lil Muscat.

Ir-reazzjoni ta' Malta kienet waħda dgħajfa u b'hekk Fitzel ipprova l-aħħar karta tiegħu permezz ta' Jean-Pierre Mifsud Triganza li ħa post Etienne Barbara fl-attakk. Din kienet l-ewwel dehra għall-attakkant ta' Birkirkara bil-flokk nazzjonali Malti. Fl-aħħar mumenti t-tim Malti pprova jwettaq pressjoni, iżda kemm il-konklużjonijiet ta' Said u kif ukoll xutt ta' Failla ma kienux biżejjed biex noħolqu periklu lid-difiża kompatta ta' l-avversarji. L-aħħar azzjoni waslet għand Mifsud Triganza, bil-goalkeeper avversarju jantiċipa fil-ħin lill-plejer Malti.

Għal Malta din kienet il-ħames logħba fejn it-tim naqas li jiskorja u l-kowċ nazzjonali jrid iħabbel moħħu mhux ftit biex jerġa' jġib l-iskwadra f'livelli aħjar u dan qabel il-konfront kontra l-Albanija, f'pajjiżna, fi Frar li ġej.


Daniel Bogdanovic issikkat minn plejers Islandiżi


It-Tim Nazzjonali Malti


It-Tim Nazzjonali Iżlandiżi


Brian Said ibiegħed il-periklu mil-lasti Maltin




Andre Schembri fl-azzjoni

**Logħba ta' ħbiberija**

**19.11.2008 - 14.30 hrs**

| | | |
|---|---|---|
| KSI | **Islanda** | **1** |
| | H. Helguson 66 | |
| | **Malta** | **0** |

**HT 0-0 Hibs Ground**

**Malta** – Andrew Hogg (Mario Muscat 46), Kenneth Scicluna (Alex Muscat 46), Clayton Failla, Brian Said, Andrei Agius, Daniel Bogdanovic, Michael Mifsud, Ivan Woods (Roderick Briffa 46), George Mallia (Ryan Fenech 46), Andre Schembri (Ian Azzopardi 69), Etienne Barbara (Jean Pierre Mifsud Triganza 75)
Coach: Dusan Fitzel

**Islanda** – Gunnlefsson Gunnleifur (Gautur Arason 46), Birkir Saevarsson, Indridi Sigurdsson (Olafur Eiriksson 74), Helgi Danielsson, Solvi Ottensen, Arnor Smarason, Hermann Hreidarsson, Aron Gunnarsson (Gardar Johansson 67), Heidar Helguson (David Vidarsson 67), Veigar Gunnarsson (Palmi Palmason 46), Emil Hallfredsson (Gudmundur Steinarsson 78)
Coach: Olafur Johannesson

**Referee** – Andrea De Marco (Italja)



# Inżel inżel xita... ...ħalli jikber il-ħaxix



Hekk konna nkantaw minn fuq il-bank ta' l-iskola. Illum aktar milli jikber il-ħaxix jikber id-diżappunt. U donnu l-futbol Malti mqabbad mal-ħaxix, dan l-imbierek ħaxix! Mela meta konna nilagħbu fl-Empire Stadium, il-Gżira, fuq art iebsa, konna nixtiequ li xi darba nilagħbu fuq il-ħaxix. Il-futbol barra l-pajjiż kien jintlagħab kollu fuq art ħadra, iżda aħna konna għadna ma wasalniex s'hemm. Anzi kienu jgħidulna li l-ħaxix ma jikbirx f'Malta. Iżda l-ħaxix kiber u meta morna Ta' Qali biex qlibna minn art bajda għal dik ħadra. Il-bidu kien diffiċli, il-ħaxix ħażin kien jikber ma' dak tajjeb, iżda dejjem aħjar miż-żrar tal-Empire Stadium.

Għaddew is-snin u l-ħaxix f'Ta' Qali sar turf sabiħ qisu bellus. Iżda l-kontroverżja tal-ħaxix f'pajjiżna baqgħet tikber u ma waqfitx hemm. Kull meta tinżel ix-xita, il-bellus isir tajn u jekk ma tibżax għalih u ma tħassarx il-logħbiet, ma tistax tiftaħar bih.

S'hawn kollox sew, għaliex meta jagħmel id-dulluvju huwa fid-dmir tal-uffiċjal tal-logħba li jipposponi l-konfront, iżda dan f'Malta rarament rajnieh iseħħ. L-ewwel għaliex dulluvju ta' xita f'pajjiżna qisu bħala *heat wave* fir-Renju Unit, jiġifieri fula f'mitt qamar u t-tieni għaliex il-logħbiet jitħassru ferm qabel il-ħin skedat biex jibdew.

Kulħadd igerger minn dan, igergru l-kowċis li jkunu ilhom jippreparaw biex ipoġġu lill-plejers fil-kundizzjoni massima tagħhom, il-plejers li jkunu ilhom jistennew il-logħba żmien biex juru dak li jafu, il-partitarji li jkunu pprogrammaw nofs ta' nhar 'il bogħod mid-dar u jkollhom jispiċċaw ibiddlu l-pjan u jispiċċaw jieħdu lis-sinjura dawra bil-karozza, tal-gazzetti li jridu jaraw biex se jimlew il-paġni sportivi u s-Segretarju Ġenerali li jkun irid iħabbel moħħu fejn se jdaħħal aktar logħbiet fil-kalendarju diġà mimli li għandna.

Biex insibu ftit pożittiv, irridu nirrimarkaw li t-teknoloġija qiegħda tgħin biex intaffu ftit minn dawn id-diżappunti. Fuq wiċċ sintetiku tilgħab dejjem, xemx, xita, sħana, kesħa, dulluvju jew mhux. Iżda xorta waħda mhux biżejjed. Is-sintetiku salvalna l-logħob tal-Ewwel, tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni, il-kampjonati tal-Youths u n-Nisa u kif ukoll dawk tal-Youth FA u xi assoċjazzjonijiet membri.

Alla ħares ma kienux ftit klabbs madwar Malta li fehmu l-bżonn u għarfu jdaħħlu din it-teknoloġija f'pajjiżna għaliex li kieku din il-qabża qatt ma għamilniha u tieħu xejn bi kbir li kieku għadna nilagħbu fuq art iebsa. L-assoċjazzjoni ppruvat ukoll, saru diversi strutturi, iżda l-flus iridu jinqasmu bejn ħafna u tant hawn xi jsir li l-anqas muntanja ewro ma sservi. Għalhekk ippermettuli nibqa' ngħid li dawn huma praspar u bużullotti ta' Malta biss li nibqgħu nippontaw subgħajna lejn il-ħaxix jew ix-xita, il-problema mhux dik iżda xi ħaġa aktar minn hekk.

stephengatt.com
FREELANCE SPORTS PHOTOGRAPHER

minn Björn Vassallo

# Bejn misthija u ħolm

Mela darba fost l-oħrajn ftit tas-snin ilu, Ingliż ħabib tiegħi żar Malta u flimkien konna sejrin naraw logħba mill-kampjonat Premier, iżda minflok konna spiċċajna l-Imdina nieħdu café.

Dak in-nhar filgħodu minn fuq sit elettroniku lokali kont ħadt l-aħbar li l-logħba ġiet posposta. Dan xorta waħda għaddejt għalih u biex tgħaxxaq ġie libes bin-nofs komma, ta' Ingliż li hu ħaseb li konna se nqattgħu xi tliet sigħat nixorbu l-birra u nieħdu gost flimkien. Meta rajtu hekk, libes bin-nofs komma, stħajt ngħidlu li l-logħba kienet tħassret minħabba l-kundizzjonijiet tal-pitch wara li mal-lejl kienet għamlet ftit xita. Ridt l-art tiblagħni x'ħin għamilt il-kuraġġ u għedtlu li kellna nbiddlu l-pjan, tgħidx kemm daħak. Qalli " ....tajjeb ukoll!! Mela fl-aktar pajjiż fl-Ewropa fejn l-inqas tagħmel xita tħassru l-logħob u aħna li ngħixu fix-xita dejjem għaddejjin!!...."

Jien u nsuq lejn l-Imdina tgħidx kemm irriflettejt fuq dak li kien għadu kif qalli sieħbi. Kellu raġun. Meta tistaqsi għaliex jitħassar il-logħob tiġik awtomatika... il-kundizzjoni tal-pitch! U hekk hu, il-problema mhux ix-xita, is-soluzzjoni biex il-kampjonat ma jieqafx hija ferm differenti minn din. Minn dak in-nhar bdejt noħlom li dik il-mistħija li kont stħajt setgħet xi darba twassal biex verament ir-referee jħassar logħba u dan għaliex il-pitch ma jkunx prattikabbli u mhux għaliex irid ikun miżmum f'kundizzjoni tajba għal dak li hemm skedat fil-jiem ta' wara.

Ħlomt li kull klabb fl-ogħla diviżjoni Maltija jkollu l-istadium żgħir tiegħu minn fejn ikun jista' jimraħ f'opportunitajiet ġodda li m'għandhomx limitu. Minn dak in-nhar għaddew is-snin u ġara li ġimgħatejn ilu, kellna sitwazzjoni ugwali u ħadt raġun miegħi nnifsi li kont ħriġt b'dik il-konklużjoni u li fil-lat ta' nfrastruttura sportiva aħna l-ifqar fl-Ewropa.

Fil-fatt il-Hibs Ground mhux dak il-ftit ilma kien se jgħarrqu, iżda l-konġestjoni ta' logħob li għandna u li jridu kollha jintlagħbu bejn tnejn jew tliet grounds. Kieku kien hemm logħba waħda, dik bejn Qormi u Valletta, kieku kollox mexa skond il-programm. Iżda ma stajniex. F'erbat'ijiem kien hemm ipprogrammati tliet logħbiet u għal dan il-wiċċ ma jiflaħx. Inzerta li waħda minnhom kienet tat-tim nazzjonali Malti, għalhekk hemm priorità u bix-xieraq. Meta tikkunsidra kollox, b'hekk f'pajjiżi oħra l-logħob ma jitħassarx minn filgħodu u b'hekk il-kampjonat jibqa' għaddej u b'hekk jissejħu professjonali.

F'Malta differenti, u bejn futbol u issa wkoll rugby, kollox irid jintlagħab fl-istess stadiums u għaldaqstant isejħulna dilettanti. Jien m'għadniex inwaħħal fix-xita. Mhux ix-xita kollox iżda l-limitazzjoni fejn nilagħbu. Huma ħafna dawk li ilhom joħorġu b'teoriji ta' x'għandu jsir u ma jsirx. Is-soluzzjoni faċli - nibnu aktar strutturi li jippermettulna l-lussu li fix-xita nibqgħu nilagħbu. Kif waslu fil-Gżejjer Faroe, f'San Marino, fil-Moldova, fl-Albanija u f'pajjiżi oħra ta' statura limitata, nistgħu naslu aħna wkoll u dan bi ftit ħsieb u nvestiment finanzjarju. Nifrankaw il-bdil fil-fixtures, f'kull diviżjoni, sezzjoni u kategorija jkollna programm staġjonali sħiħ u mhux wieħed li joħroġ ġimgħa ġimgħa. Insomma nirranġaw fil-konkret, fejn hemm bżonn u mhux inraqqgħu l-pannu bil-qargħa aħmar.

Meta konna nilagħbu fuq art iebsa ħlomna bil-ħaxix u wasal. Illum li nilagħbu f'żewġ stadiums. Ejjew noħolmu forsi xi darba mhux fil-bogħod dawn jiżdiedu u ħadd ma jkun jista' jgħidilna aktar li l-Kampjonat Malti stramb, l-anqas il-kowċ nazzjonali. Inkunu għalaqna ħalq kulħadd u wasalna fejn waslu l-oħrajn kollha, fid-dinja tal-professjonaliżmu fejn il-kampjonati ma jieqfu qatt.






BOV Premier League



Claude Mattocks (Marsaxlokk) jipprova jwaqqaf lil Dino Cachia (Msida S.J.)



Clive Brincat (Marsaxlokk) segwit minn Michael Galea (Birkirkara)



Ian Ciantar (Sliema W.) jipprova jwaqqaf lil Marcos Aurelio (Msida SJ.)

## PREMIER

**Logħba Nru 35 – 16.11.2008 - 13.45 hrs**

**Sliema Wanderers 2**
R. Briffa 28, A. Muscat 74

**Msida St. Joseph 1**
P. Dos Santos Calcado 90

**HT 1-0 Victor Tedesco Stadium**

**Sliema W.** – Henry Bonello, Alex Muscat, Ian Azzopardi, Kane Paul Farrugia (Clifton Ciantar 58), Branco Nisevic Matthew Bartolo (Noel Turner 75), Ivan Woods, Danie Severino, Ian Ciantar, Roderick Bajada, Roderick Briffa
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Msida SJ** – Matthew Camilleri, Stefano Grima, Andrew Spiteri, Tyrone Farrugia, Dino Cachia, Stacey Vella, Adrian Farrugia (Marcos Aurelio 80), Christ Camilleri, Kurt Magro, Kevin Mifsud, Kenneth Spiteri (Pedro Dos Santos Calcado 54)
*Coach* – Patrick Curmi

**Referee** – Saviour Tanti
**Assistenti** – Philip Agius, Edward Spiteri
**Raba' Uff.** – Paul Caruana
**Ammoniti** – K. P. Farrugia, R. Briffa, H. Bonello, N. Turner I. Woods (SW)

## PREMIER

**Logħba Nru 36 – 16.11.2008 - 15.45 hrs**

**Marsaxlokk 1**
J. Alcorse 2

**Birkirkara 1**
M. Galea 35

**HT 1-1 Victor Tedesco Stadium**

**Marsaxlokk** – Saviour Darmanin, Carlo Mamo, Gareth Sciberras, Renato Conceicao (Stephen Wellman 37), Kevin Sammut, Julio Alcorse, William Camenzuli, Clive Brincat, Marcelo Pereira (Malcolm Licari 82), Claude Mattocks, Christian Cassar
*Coach* – Brian Talbot
**Birkirkara** – Omar Borg, Jospeh Zerafa, Patrick Borg, Ronni Hartvig, Thomas Paris, Shaun Bajada, Alan Tabone (Jean Pierre Mifsud Triganza 82), George Mallia, Michael Galea (Angus Buhagiar 89), Paul Fenech, William Sander Landim (Martin Anastasi 72)
*Coach* – John Buttigieg
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Konrad Borg, Charlie Micallef
**Raba' Uff.** – Kevin Azzopardi
**Ammoniti** – J. Alcorse, W. Camenzuli, C. Mamo (M); W. S. Landim (B)
**Tkeċċew** – S. Bajada 56 (B); W. Camenzuli 79 (M)

## PREMIER

**Logħba Nru 37 – 22.11.2008 - 15.00 hrs**

**Valletta 2**
I. Zammit 4, 24

**Floriana 1**
O. Anonam 27

**HT 2-1 National Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Justin Grioli (Jonathan Bondin 76), Josef Mifsud, Luke Dimech, Kenneth Scicluna, Stefan Giglio (David Camilleri 74), Jamie Pace, Edmond Agius, Priso Doding, Gilbert Agius, Ian Zammit (Tonio Mackay 89)
*Coach* – Paul Zammit
**Floriana** – Dejan Maksi, Clyde Camoin, Sunday Eboh, Julian Briffa (Steve Bonnici 72), Duncan Pisani, Mauro Brincat, Pablo Doffo, Joseph Borg (Marlon Briffa 48), Orosco Anonam, Christian Caruana, Ryan Darmanin (Alek-sandar Madzar 72)
*Coach* – Zoran Popovic
**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – Konrad Borg, Philip Agius
**Raba' Uff.** – Clayton Pisani
**Ammoniti** – D. Camilleri, E. Agius, I. Zammit (V); S. Eboh, C. Caruana (F)
**Tkeċċa** – C. Caruana 89 (F)

## PREMIER

**Logħba Nru 38 – 23.11.2008 - 13.30 hrs**

**Msida St. Joseph 1**
A. Rocha Da Silva 59

**Marsaxlokk 1**
J. Alcorse 72 pen

**HT 0-0 Victor Tedesco Stadium**

**Msida SJ** – Matthew Camilleri, Stefano Grima, Andrew Spiteri, Stacey Vella, Tyrone Farrugia, Adrian Farrugia, Andre Rocha Da Silva, Dino Cachia (Kevin Mifsud 75), Marcos Aurelio (Chris Camilleri 43), Pedro Dos Santos Calcado, Kurt Magro
*Coach* – Patrick Curmi
**Marsaxlokk** – Reuben Debono, Malcolm Licari, Gareth Sciberras, Brian Said, Kevin Sammut, Julio Alcorse, Stephen Wellman, Clive Brincat, Marcelo Pereira (Mark Barbara 63), Claude Mattocks, Christian Cassar
*Coach* – Brian Talbot
**Referee** – Kevin Azzopardi
**Assistenti** – Jurgen Spiteri, Joe Camilleri
**Raba' Uff.** – Paul Caruana
**Ammoniti** – K. Magro, P. Dos Santos (MSJ); C. Mattocks, B. Said, S. Wellman (M)
**Tkeċċew** – T. Farrugia 71 (MSJ); B. Said 78, S. Wellman 85 (M)



Ian Zammit (Valletta F.C.) jegħleb lil Dejan Maksic fil-lasti ta' Floriana F.C.

## PREMIER

**Logħba Nru 39 – 23.11.2008 - 15.30 hrs**

**Hamrun Spartans 3**
D. Cucciardi 54, 89, D. Kokavessis 60

**Qormi 2**
J. Da Silva 48, M. Grima 67

**HT 0-0 Victor Tedesco Stadium**

**Hamrun S.** – Ivan Casha, Mark Anthony Bonnici, Diego Armando Cucciardi (Lee Hames Agius 89), Aaron Attard, Roderick Fenech, Steve Meilak (Stefan Sultana 73), Ryan Fenech, Rupert Mangion, Karl Magro, Dylan Kokavessis, Manolito Micallef
*Coach* – Steve D'Amato
**Qormi** – Reuben Gauci, Joseph Saliba, Rennie Forace, Massimo Grima, Anatole Debono (Chucks Nwoko 68), Ramon Dos Santos, Alfred Effiong, Joseph Chetcuti, Roderick Sammut, Josivan Da Silva, Adrian Ciantar
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Charles Micallef
**Raba' Uff.** – Saviour Tanti
**Ammoniti** – D. A. Cucciardi, A. Attard, I. Casha, R. Fenech, Rod Fenech (HS); M. Grima, R. Forace (Q)
**Tkeċċa** – C. Nwoko 89 (Q)

mfa.com.mt

# Mitt sena ta' Futbol...
# Sliema Wanderers F.C.
## Titfakkar l-istorja ta' suċċess tal-Wanderers

**minn Albert Callus**

Ftit ġranet oħra, Sliema Wanderers Football Club se jfakkar il-mitt sena ta' ħajja, bl-introduzzjoni ta' pubblikazzjoni li tirrakkonta l-aktar waqtiet eżaltanti fl-istorja ċentinarja tal-klabb Slimiż. Ir-rakkont jifrex fuq l-esperjenzi li wasslu għall-akbar suċċessi tal-Wanderers, li ftit snin ilu sar il-klabb bl-akbar numru ta' suċċessi f'pajjiżna.

L-istorja ta' Sliema fil-kamp kalċistiku hija ta' bilħaqq miżgħuda bis-suċċessi. F'kull perjodu tal-aħħar mitt sena, il-Wanderers kienu l-elite tal-futbol Malti. Wieħed jiftakar fiż-żmien tletin meta s-Slimiżi fasslu sensiela ta' rebħiet fil-kampjonat nazzjonali li warajhom ħallew vojt għal deċennju sħiħ.

Wieħed ma jistax jinsa' t-tlett okkazzjonijiet li fihom is-Sliema rebħu l-kampjonat tlett darbiet konsekuttivament, kisba li rnexxiet lil ftit timijiet fil-kampjonat Malti. Waħda minn dawn ġrat riċentament, bejn l-2002 u l-2005, il-Wanderers taħt it-tmexxija tal-President Robert Arrigo ma kellhomx rivali.

Għal ħafna snin f'Malta tkellimna dwar it-tnejn il-kbar, Sliema u Floriana. Minn dejjem kienu r-rivali ta' xulxin fil-futbol Malti. Id-destin ried li t-tnejn daqu l-imrar tar-retroċessjoni mill-ogħla diviżjoni, is-snin tmenin kienu karatterizzati mit-telfa ta' dawn iż-żewġ timijiet storiċi mill-ogħla livell, iżda mhux għal ħafna għaliex wara biss staġun it-tnejn reġgħu sabu posthom fost il-kbar.

Il-klabb ta' Sliema Wanderers kien dejjem fix-xena. Kemm bħala tim u kif ukoll bħala plejers individwali, l-Wanderers qatt ma naqsu li jimpressjonaw, b'għadd ta' plejers Slimiżi jirbħu diversi suċċessi fosthom l-unur tal-Plejer tas-Sena u dak tat-Top Goalscorers.

Suċċessi kbar ittimbraw l-istorja ta' dan il-klabb, dejjem immexxija minn Presidenti ta' sofa u diriġenti ta' ħila kbira. Dan kollu u aktar mistenni jibqa' mfakkar f'pubblikazzjoni li mistennija tkun ippreżentata fil-jiem li ġejjien.

# Clayton Failla
## Plejer tax-xahar Ottubru 2008



Il-midfielder ta' Hibernians, Clayton Failla, rebaħ l-unur tal-BOV Plejer tax-Xahar għal Ottubru biex rebaħ dan l-unur għat-tieni darba dan l-istaġun.

Failla qed ikollu staġun tajjeb ħafna ma' Hibernians u kien strumentali fir-rebħa kontra Qormi fejn skorja żewġ goals għat-tim tiegħu u b'hekk ġie nnominat għal dan l-unur mill-ġurnalisti.

Huwa ġie ppremjat ukoll għall-isforzi tiegħu billi dan l-aħħar ġie promoss ukoll fl-iskwadra nazzjonali Maltija.

Failla ġibed l-attenzjoni tal-ġurnalisti u l-istaff tekniku tal-MFA għall-kwalitajiet li jħaddan b'mod partikolari fuq in-naħa tax-xellug tal-ground. Huwa għandu wkoll spirtu kumbattiv li żgur li għandu jservi ta' motivazzjoni għat-tim tiegħu fil-futur.

It-trofew tal-plejer tax-xahar ġiet ippreżentata lil Failla mill-manager tal-fergħa tal-Bank of Valletta ta' Raħal Ġdid, Emily Grech.

Failla għażel li jgħaddi d-donazzjoni li l-Bank of Valletta tah b'rabta ma' dan l-unur liċ-Children's Cancer Support Group.

mfa.com.mt

# Goals li ġew skurjati

| No. | Data | Plejer | Tim | | Avversarju | Rd | Ħin | Riżultat | Stadium |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 103 | 16.11.08 | RODERICK BRIFFA | SLIEMA W. | v | Msida SJ | 1 | 28 min | 1-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 104 | 16.11.08 | ALEX MUSCAT | SLIEMA W. | v | Msida SJ | 1 | 74 min | 2-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 105 | 16.11.08 | PEDRO DOS SANTOS CALCADO | MSIDA SJ | v | Sliema W. | 1 | 90 min | 1-2 | Victor Tedesco Stadium |
| 106 | 16.11.08 | JULIO ALCORSE | MARSAXLOKK | v | Birkirkara | 1 | 2 min | 1-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 107 | 16.11.08 | MICHAEL GALEA | BIRKIRKARA | v | Marsaxlokk | 1 | 35 min | 1-1 | Victor Tedesco Stadium |
| 108 | 22.11.08 | IAN ZAMMIT | VALLETTA | v | Floriana | 1 | 14 min | 1-0 | National Stadium |
| 109 | 22.11.08 | IAN ZAMMIT | VALLETTA | v | Floriana | 1 | 24 min | 1-1 | National Stadium |
| 110 | 22.11.08 | OROSCO ANONAM | FLORIANA | v | Valletta | 1 | 27 min | 2-1 | National Stadium |
| 111 | 23.11.08 | ANDRE ROCHA DA SILVA | MSIDA SJ | v | Marsaxlokk | 1 | 59 min | 1-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 112 | 23.11.08 | JULIO ALCORSE | MARSAXLOKK | v | Msida SJ | 1 | 72 pen | 1-1 | Victor Tedesco Stadium |
| 113 | 23.11.08 | JOSIVAN DA SILVA | QORMI | v | Hamrun S. | 1 | 48 min | 1-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 114 | 23.11.08 | DIEGO ARMANDO CUCCIARDI | HAMRUN S. | v | Qormi | 1 | 54 min | 1-1 | Victor Tedesco Stadium |
| 115 | 23.11.08 | DYLAN KOKAVESSIS | HAMRUN S. | v | Qormi | 1 | 60 min | 2-1 | Victor Tedesco Stadium |
| 116 | 23.11.08 | MASSIMO GRIMA | QORMI | v | Hamrun S. | 1 | 67 min | 2-2 | Victor Tedesco Stadium |
| 117 | 23.11.08 | DIEGO ARMANDO CUCCIARDI | HAMRUN S. | v | Qormi | 1 | 89 min | 3-2 | Victor Tedesco Stadium |

# Min qed jiskorja

8 – Daniel Mariano Bueno (Tarxien R.)

6 - Pedro Dos Santos Calcado (Msida SJ)

5 - Terence Scerri (Hibernians); Njongo Priso (Valletta)

4 - Orosco Anonam (Floriana); Marcos Aurelio (Msida SJ); Ivan Woods (Sliema W.)

3 - Michael Galea, Jean Pierre Mifsud Triganza (Birkirkara); Diego Armando Cucciardi (Hamrun S.); Julio Alcorse, Marcelo Pereira (Marsaxlokk); Josevan Alves Da Silva, Alfred Effiong (Qormi); Kosta Bjedov (Sliema W.)

2 - Angus Buhagiar, George Mallia (Birkirkara); Dylan Kokavessis, Gaetan Spiteri (Hamrun S.); Jonathan Caruana, Clayton Failla, Jean Paul Farrugia, Rumen Galabov (Hibernians); Malcolm Licari (Marsaxlokk); Roderick Briffa (Sliema W.); Gilbert Agius, Dyson Falzon, Ian Zammit (Valletta)

1 - Shaun Bajada, Paul Fenech, Ronnie Hartvig, Alan Tabone (Birkirkara); Marlon Briffa, Mauro Brincat, Ryan Darmanin, Aleksandar Madzar (Floriana); Leighton Grech, Mano Micallef, Ronaldo Ortega (Hamrun S.); Christian Callejas, Andrew Cohen, Adrian Pulis (Hibernians); Mark Barbara, Claude Mattocks (Marsaxlokk); Andre Rocha Da Silva, Tyrone Farrugia, Kurt Magro (Msida SJ); Joseph Farrugia, Massimo Grima (Qormi); Ian Azzopardi, Roderick Bajada, Alex Muscat, Branko Nisevic, Brian Said, Daniel Severino (Sliema W.); Warren Chircop (Tarxien R.); Marcelo Tolomeotti (Valletta)

Auto-goals - 2 - Mark Anthony Bonnici, Mano Micallef (Hamrun S.)

## Ian Zammit (Valletta)

Awtur ta' żewġ goals kontra Floriana F.C.



# Klassifika

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birkirkara | 8 | 5 | 2 | 1 | 14 | 7 | 17 |
| Sliema W. | 8 | 4 | 3 | 1 | 14 | 10 | 15 |
| Hibernians | 7 | 4 | 1 | 2 | 19 | 11 | 13 |
| Valletta | 7 | 3 | 4 | 0 | 12 | 8 | 13 |
| Floriana | 8 | 3 | 3 | 2 | 8 | 8 | 12 |
| Msida SJ | 9 | 3 | 2 | 4 | 13 | 16 | 11 |
| Marsaxlokk | 9 | 1 | 4 | 4 | 11 | 16 | 7 |
| Qormi | 7 | 1 | 3 | 3 | 8 | 9 | 6 |
| Tarxien R. | 7 | 1 | 2 | 4 | 9 | 15 | 5 |
| Hamrun S. | 8 | 1 | 2 | 5 | 9 | 17 | 5 |






PROUD SPONSORS OF

MALTA NATIONAL FOOTBALL TEAM

Dun Karm Psaila Street, Iklin
t: +356 2142 1383

TeamSporT®

# Irbaħ ma' TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tlett rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Semmi waħda mil-logħbiet mill-Kampjonat Premier li matul ix-xahar ta' Novembru 2008 ġiet posposta.**

Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mid-19 ta' Diċembru 2008:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 19 hija:*

*Zoltan Gera (jew) Martin Fulop (jew) Peter Halmosi u r-rebbieħa huma (1) Clayton Mifsud - Birkirkara, (2) Sheldon Simler - Birzebbuga, (3) Michelle Galea - Mgarr (Malta)*









### FA TROPHY

**I Round – 25.10.2008 - 13.30 hrs**

**Mosta** 0

**Vittoriosa Stars** 2
A. Eviparker 9, 86 pen

**HT 0-1** **Centenary Stadium**

**Mosta** – Jonathan Debono, Bryan Agius (Carlos Camenzuli 67), Adrian Borg, Steve Borg, Mark Brincat, Ryan Deguara, Anthony Ewurum (Jonathan Bajada 87), Melvin Farrugia, Lydon Micallef (Gianluca Calabretta 72), Elton Vella, Antonio Saliba
*Coach* – Michael Molzahn
**Vittoriosa** – Jurgen Micallef, Kenneth Abela, Johan Spiteri, Stephen Calleja, Anthony Eviparker, David Gauci, Justin Camilleri, Larry Lagana, Robert Adami, Lucian Scerri (Howard Hughes 42), Silvan Portelli (Thomas Camilleri 87)
*Coach* – George Faure

**Referee** – Paul Caruana
**Assistenti** – Philip Agius, Mariano Debono
**Ammoniti** – A. Ewurum, R. Deguara, M. Farrugia (M); R. Adami, S. Privitelli, S. Calleja, J. Camilleri (VS)

### FA TROPHY

**I Round – 25.10.2008 - 15.30 hrs**

**St. Patrick** 3
A. Sciortino 18 o.g; S. Zampa 20 o.g.; T. Caruana 57

**Senglea Athletic** 2
J. Felice 71, 85

**HT 2-0** **Centenary Stadium**

**St. Patrick** – David Cassar, Roderick Briffa, Terence Farrugia, Matthew Fleri Soler, Simon Zerafa, Chris Grech (Randall Cassar 76), Thomas Caruana, Daniel Gatt (Jurgen Farrugia 89), Alex Ellul (Karl Vassallo 65), Peter Anizoba, Beppe Muscat
*Coach* – Winston Muscat
**Senglea A.** – George Attard, Daniel Cosaitis, Daniel Zahra, Andrew Sciortino (Chris Borg 67), Stefano Zampa, Brady Zerafa, Jovin Abela, Joseph Farrugia (Nazzareno Abela 60), Osbert Ellul (Jeremy Gatt 61), Justin Felice, Leeroy Bonnett
*Coach* – Jimmy Briffa
**Referee** – Silvio Tanti
**Assistenti** – Charles Micallef, Glenn Tonna
**Ammoniti** – C. Borg, J. Abela, J. Farrugia (SA); R. Briffa (SP)
**Tkeċċew** – T. Caruana 77 (SP); C. Borg 77 (SA)


Andrew Cohen (Hibernians) imwaqqaf minn difensur avversarju


Dwell f'nofs pitch fil-logħba bejn St. Patrick u Senglea A.

### FA TROPHY

**I Round – 01.11.2008 - 13.30 hrs**

**Hibernians** 2
A. Cohen 45 pen, T. Scerri 52

**St. George's** 0

**HT 1-0** **Centenary Stadium**

**Hibs** – Mario Muscat, Edward Herrera, Kurt Formosa (Alexis Tekumu Mbongo 46), Aaron Xuereb, Clayton Failla, Jonathan Pearson (Triston Caruana 67), Andrew Cohen, Jean Paul Farrugia (Leighton Grech 85), Terence Scerri, Jonathan Caruana, Jonathan Xerri
*Coach* – Mark Miller

**St. George's** – Andrea Gatt, Kristian Grech, Anthony Bonello, Silvio Sciberras (Trevor Thomas 85), Emanuel Sevasta, Iro Curmi (Glenn Bonello 69), John Nwomba, Lawrence Mizzi, Emerson Amaira, Benoir Fenech (Clint Schiavone 77), Edgar Degabriele
*Coach* – Joe Falzon

**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Konrad Borg, Alan Camilleri
**Ammoniti** – L. Mizzi, S. Sciberras (SG); T. Scerri, A. Xuereb (H)

### FA TROPHY

**I Round – 01.11.2008 - 15.30 hrs**

**Rabat Ajax** 1
A. Smeir 50 pen

**Hamrun Spartans** 3
G. Spiteri 39, D. Kokavessis 48, L.J. Agius 93

**HT 0-1** **Centenary Stadium**

**Rabat A.** – Jonathan Azzopardi, Jonathan Bezzina, Josef Tonna, Joseph Caruana (Christopher Schembri 57), Adrian Mifsud (Kayne Said 18), Adam Smeir, Michael Micallef, Glen Magri, Emanuel Muscat, Lydon Micallef, Edward Azzopardi
*Coach* – Joe Gerada
**Hamrun S.** – Ivan Casha, Zoran Levniac, Roderick Fenech, Steve Meilak (Diego Armando Cucciardi 68), Ryan Fenech, Rupert Mangion, Karl Magro, Neville Galea, Gaetan Spiteri, Dylan Kokavessis (Lee James Agius 90), Manolito Mi-callef
*Coach* – Steve D'Amato
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Philip Agius, Ingmar Spiteri
**Ammoniti** – D. Falzon, J. Bezzina, M. Micallef, G. Magri, L. Micallef (RA), Rod. Fenech, Ryan Fenech (HS)
**Tkeċċa** – J. Bezzina 87 (RA)

### FA TROPHY

**I Round – 26.10.2008 - 13.30 hrs**

**Tarxien Rainbows** 4
D. M. Bueno 10, 52, 87, K. Borg 54

**Mqabba** 2
J. P. Muscat 37, P. Chimezie 57 pen

**HT 1-1** **Centenary Stadium**

**Tarxien R.** – Sean Cini, Steve Sadowski (Ramon Schembri 69), Manuel Caruana, Lino Galea, Ivan Carapic, Pio Scriha, Warren Chircop, Mark Tanti, Daniel Mariano Bueno (Michael Zammit 89), Kevin Borg (Melvin Pisani 82), Rodrigo Cariaga
*Coach* – Noel Coleiro

**Mqabba** – Kris Calleja, Mauro Bonnici (Glen Tanti 90), Pierre Grima, Mark Anthony Psaila, Shaun Magro, David Azzopardi, Paul Chimezie (Justin Zammit 90), Claudio Calleja, John Paul Muscat, Mead Mifsud, Michael Camilleri (Lee Baldacchino 79)
*Coach* – Borislav Giorev

**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Edward Spiteri, Konrad Borg
**Ammoniti** – K. Borg, D. Bueno, P. Scriha (TR), M. Bonnici, M. A. Psaila (M)

### FA TROPHY

**I Round – 26.10.2008 - 15.30 hrs**

**Dingli Swallows** 0

**Floriana** 3
C. Caruana 10, R. Darmanin 14, 24

**HT 0-3** **Centenary Stadium**

**Dingli S.** – Jeffrey Farrugia, Ryan Mintoff, Clint Caruana (Christopher Azzopardi 65), Roderick Spiteri, Kurt Formosa, Victor Fiteni, Christian Muscat, Jeremy Agius, Jason Cachia, Etienne Farrugia (Edwin Casha 66), Uchenna Anyanwu (Mark Galea 46)
*Coach* – Jesmond Zammit

**Floriana** – Glenn Zammit, Duncan Pisani, Clyde Camoin, Julian Briffa, Joseph Borg (Dylan Zarb 84), Pablo Doffo, Luke Agius, Orosco Anonam (Owen Bugeja 71), Christian Caruana (Alex Madzar 52), Ryan Darmanin, Sunday Eboh
*Coach* – Zoran Popovic

**Referee** – Anton Zammit
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Malcolm Mercieca
**Ammoniti** – J. Agius (DS), J. Borg, O. Bugeja (F)


Adam Smeir (Rabat) u Zoran Levriac (Hamrun) fl-azzjoni

mfa.com.mt



Miguel Francica (San Gwann) jipprova jwaqqaf lil Kurt Magro (Msida)

## FA TROPHY

**I Round – 03.11.2008 - 14.00 hrs**

**Msida St. Joseph** 3
P. Calcado 17, A. Farrugia 87, C. Camilleri 92
**San Gwann** 0

HT 1-0 **Centenary Stadium**

**Msida SJ** – Matthew Camilleri, Elliot Navarro (Jacques Scerri 85), Stacey Vella, Tyrone Farrugia, Adrian Spiteri, Andre Rocha Da Silva, Kevin Mifsud (Adrian Farrugia 74), Marcos Aurelio, Kurt Magro, Pedro Calcado, Mark Camilleri (Christ Camilleri 62)
*Coach* – Patrick Curmi
**S. Gwann** – Justin Spiteri, Mario Caruana, Ryan Newell (Ryan Zammit 78), Michael Francica, Clayton Giordmaina, Alan Borg, Chris Cuschieri (Alan Spiteri 64), Lee Cumbo, Sergio Hili, Antoine Zahra, Aboulezz Firaz
*Coach* – Joe Brincat

**Referee** – Kevin Azzopardi
**Assistenti** – Joseph Azzopardi, Mariano Debono
**Ammoniti** – K. Mifsud, S. Vella (MSJ), L. Cumbo (SG)

## FA TROPHY

**I Round – 02.11.2008 - 16.00 hrs**

**Qormi** 3
A. Effiong 63 82, J. Chetcuti 92
**Pietà Hotspurs** 1
M. Deanov 41

HT 0-1 **Centenary Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Rennie Forace, Ramon Dos Santos, Massimo Grima, Anatole Debono, Alfred Effiong, Joseph Chetcuti, Rodrick Sammut, Josivan Da Silva, Paul Camilleri (Joseph Saliba 67), Adrian Ciantar (Keith Fenech 52)
*Coach* – Jesmond Zerafa

**Pietà H.** – Ivan Cassar, Bernard Sciberras, Martin Deanov, Silvan Ciscaldi, Simon Shead (Melchior Vella 83), Jean Landry Poulangoye, Cleaven Cassar (Christopher Mckay 76), Terrence Vella, Ryan Camilleri, Shaun Micallef, Sharlon Pace (Carl Pulo 25)
*Coach* – Clive Mizzi

**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – Charles Micallef, Edward Spiteri
**Ammoniti** – R. Forace, A. Effiong (Q); M. Deanov, R. Camilleri, J.L. Poulangoye (PH)



Alfred Effiong (Qormi) jipprova daqqa ta' ras lejn il-lasti ta' Pietà H.

## FA TROPHY

**II Round – 08.11.2008 - 13.30 hrs**

**Tarxien Rainbows** 4
D. M. Bueno 35 pen, 109, M. Zammit 84, M. Tanti 115
**Msida St. Joseph** 2
P. Calcado 27, M. Aurelio 61

HT 1-1 **Centenary Stadium**
(wara l-ħin barrani)

**Tarxien** – Anthony Curmi, Steven Sadowski, Manuel Caruana, Ivan Carapic, Warren Chircop, Mark tanti, Andrew Decesare (Michael Zammit 81), Ramon Schembri, Daniel Mariano Bueno, Kevin Borg (Omar Grech 76), Rodrigo Martin Cariaga
*Coach* – Noel Coleiro
**Msida** – Matthew Camilleri, Stefano Grima (Kevin Mifsud 62), Andrew Spiteri, Stacey Vella, Tyrone Farrugia, Kurt Magro (Dino Cachia 76), Adrian Farrugia, Andre Rocha Da Silva, Pedro Calcado, Crist Camilleri, Marcos Aurelio
*Coach* – Patrick Curmi
**Referee** – Anton Zammit
**Assistenti** – Charlie Micallef, Glenn Tonna
**Ammoniti** – R.M. Cariaga, O. Grech (TR), M. Aurelio, T. Farrugia, S. Vella (MSJ)

## FA TROPHY

**II Round – 08.11.2008 - 15.30 hrs**

**Hibernians** 3
T. Scerri 7, 71, 88 pen
**Vittoriosa Stars** 0

HT 1-0 **Centenary Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Aaron Xuereb, Jonathan Pearson, Edward Herrera, Rumen Galabov (Jonathan Scerri 77), Jean Paul Farrugia (Triston Caruana 60), Jonathan Caruana, Andrew Cohen (Elkien Cauchi 86), Terence Scerri, Clayton Failla, Tekumu Mbongo
*Coach* – Mark Miller

**Vittoriosa** – Alex Camilleri, Kenneth Abela, Johann Spiteri, Silvan Privitelli (Ndubisi Chukunyere 70), Stephen Calleja, Pierre Aquilina, David Gauci, Anthony Eviparker, Kurt Zammit (Charles Cachia 84), Justin Camilleri, Larry Lagana
*Coach* – George Faure

**Referee** – Saviour Tanti
**Assistenti** – Philip Agius, Jurgen Spiteri
**Ammoniti** – L. Lagana (VS)



Marcos Aurelio fl-azzjoni kontra Tarxien R.

## FA TROPHY

**II Round – 09.11.2008 - 14.00 hrs**

**St. Patrick** 0
**Floriana** 1
M. Brincat 41 pen

HT 0-1 **Centenary Stadium**

**St. Patrick** – David Cassar, Matthew Fleri Soler, Simon Zerafa (Ilyad Scicluna 23), Chris Grech, Randall Cassar (Jurgen Farrugia 82), Peter Anizoba, Brandon Bonnici, Mark Pullicino, Alex Ellul, Beppe Muscat, Daniel Gatt (Dillon Pace 88)
*Coach* – Winston Muscat
**Floriana** – Glen Zammit, Clyde Camoin, Sunday Eboh, Orosko Anonam, Joseph Borg, Mauro Brincat, Luke Agius (Dylan Zarb 88), Ryan Darmanin (Alex Madzar 80), Christian Caruana, Duncan Pisani, Julian Briffa (Owen Bugeja 42)
*Coach* – Zoran Popovic

**Referee** – Marco Borg
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Alan Camilleri
**Raba' Uffiċjal** – Esther Azzopardi
**Ammoniti** – B. Bonnici, B. Muscat, I. Scicluna (SP), J. Briffa (F)

## FA TROPHY

**II Round – 09.11.2008 - 16.00 hrs**

**Qormi** 1
A. Effiong 21
**Hamrun Spartans** 2
G. Spiteri 49, S. Sultana 89

HT 1-0 **Centenary Stadium**

**Qormi** – Farrugia, Ramon Dos Santos, Massimo Grima, Anatole Debono, Keith Fenech, Alfred Effiong, Joseph Chetcuti, Shaun Tellus (Adrian Ciantar 10), Rodrick Sammut, Ivan Da Silva (Joseph Saliba 76), Paul Camilleri (Matthew Borg 90)
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Hamrun** – Ivan Casha, Mark Anthony Bonnici (Neville Galea 54), Zoran Levniac, Aaron Attard, Roderick Fenech, Steve Meilak (Diego Armando Cucciardi 90), Ryan Fenech, Rupert Mangion, Gaetan Spiteri, Dylan Kokavessis (Stefan Sultana 78), Manolito Micallef
*Coach* – Steve D'Amato

**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Joe Camilleri, Edward Spiteri
**Ammoniti** – A. Debono, K. Fenech, J. Chetcuti (Q), A. Attard (HS)
**Tkeċċa** – K. Fenech 71 (Q)

mfa.com.mt

# Share the passion and the emotions of the world's most beautiful game

**U*BET®**

**Play your game**

**Available in over 200 outlets around Malta & Gozo**

UNDER 16

Maltco LOTTERIES
MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333

www.maltco.com

# Għal darb'oħra l-FA TROPHY...

Matul dan ix-xahar il-kompetizzjoni tat-Trophy reġgħet bdiet. Kompetizzjoni tan-Knock-Out limitata, b'parteċipazzjoni ristretta bejn it-timijiet mill-kampjonat Premier u dawk ta' l-Ewwel Diviżjoni. Ċertament hija kompetizzjoni li tagħmel il-ħajja faċli għat-timijiet il-kbar, dawk li jsibu posthom mill-ewwel fil-kwarti-finali. Żewġ logħbiet tajba u ssib ruħek fil-final. Minn dejjem hekk kienet din it-Trophy tagħna.
Iżda minkejja ċ-ċokon tagħha din it-tazza għandha storja kbira li torbot ħafna mit-tradizzjoni tal-poplu Malti li jżomm mat-Taljani jew ma' l-Ingliżi. Fil-fatt l-istorja ta' din it-tazza hija marbuta ħafna ma' l-ewwel konfront bejn it-Taljani u l-Ingliżi, f'Ruma, f'Mejju tal-1933 u li wassalna biex nakkwistaw din it-Trophy li llum saret parti ntegrali mill-istorja tal-futbol Malti.
Kollox beda meta grupp ta' madwar 200 Malti, fosthom xi uffiċjali tal-MFA, ħallsu $12 biex telgħu għal ġimgħa f'Ruma ma' tour organizzat minn Von Brockdorff tal-Belt biex jaraw lit-Taljani u l-Ingliżi jilagħbu. Inkluż fil-prezz kien hemm ukoll il-biljett tad-dħul tal-ground. Il-vjaġġ kien wieħed ta' strapazz, qasmu bil-baħar u wara vvjaġġaw 24 siegħa bit-tren. Imma waslu. Fi Piazza Venezia kienu ltaqgħu mal-plejers Ingliżi, filwaqt li fil-GrandHotel ta' Ruma kienu kielu mas-Segretarju tal-FA Ingliża ta' dak iż-żmien, Sir Fredrick Wall u fil-ground ma qagħdux lura biex jinħanqu għat-tim Ingliż. Gara li dawn l-Ingliżi ggustawna nilagħquhom u nxejru l-Union Jack. Bħala ringrazzjament tal-qlubija u l-bravuri li wrejna fil-konfront tagħhom kienu tawna t-Trophy. Ġiet qisha bħal George Cross tal-futbol. Kull meta ngħaddi minn dan ir-rakkont inħossni nitgħawweġ ganċ għax nibda nimmaġina x'għadda minn moħħ l-Ingliżi huma u jagħtuna din it-tazza. Veru li dak iż-żmien l-MFA kienet membru tal-FA Ingliża, iżda r-raġuni proprja tar-rigal tat-Trophy tibqa' dik li hi – impressjonajnihom fis-servilità tagħna lejhom. Jekk xejn, tridha jew ma tridhiex, mat-Taljani jew ma' l-Ingliżi, din it-Trophy tatna sens u regola tal-kompetizzjoni knock-out. Qabel kellna diversi kompetizzjonijiet f'forma ta' knock-out fosthom in-National Cup, il-Mile End Cup, il-Gaelic Cup u l-Cousis Shield biex insemmu erbgħa minnhom.
Mill 1934 'l hawn mhux biss żammejna din l-istess tazza, iżda wkoll lgħabna għaliha kull sena bl-eċċezzjoni taż-żmien diffiċli tal-gwerra fejn il-futbol kien wieqaf madwar l-Ewropa kollha u mhux f'Malta biss. Ħafna kienu l-logħob minn din il-kompetizzjoni li baqgħu jisemmew għax din it-tazza ġġorr magħha storja nteressanti daqs dik tal-kampjonat. Kienu ħafna l-finali tat-Trophy li ħallew memorji sbieħ immens, kienu ħafna dawk li offrew spettaklu ta' futbol u kienu ħafna wkoll li kienu kkaratterizzati minn ġlied, sorpriżi, inkwiet u kif ukoll imwiet. Dawn kollha huma l-istorja tal-FA Trophy.

### Il-Cousis Shield

Meta l-Cousis Shield kienet ingħatat bħala donazzjoni lill-klabbs Maltin mill-kumpanija tas-sigaretti, A.G. Coussis & Co., mill-bidu kien deċiż li jsiru ħdax–il finali għal dan l-unur għaliex kien hemm biss ħdax–il spazju fejn setgħu jitnaqqxu l-ismijiet tar-rebbieħa. Kien miftiehem ukoll li wara dawk il-ħdax–il finali, il-klabb li jirbaħha l-aktar kien iżommha għal dejjem.
L-aħħar finali saret fil-31 ta' Mejju 1931 meta Floriana lagħbu kontra Sliema Wanderers. Kien x'kien l-iskor dakinhar is-Shield kienet ta' Sliema Wanderers F.C. għaliex mill-għaxar finali ta' qabel huma kienu rebħu erbgħa minnhom, bi Floriana, Valletta United u St.George' s jirbħuha darbtejn kull wieħed. Dak in-nhar Floriana rebħu lil Sliema bl-iskor ta' 4-2 u kienu żammew id-dritt li jżommu is-Shield għall-aħħar sena ġewwa l-każin tagħhom sakemm din tingħata għal dejjem lill-klabb ta' Sliema Wanderers.
Meta s-sena għaddiet u Sliema marru biex jingħataw dak li kien tagħhom bid-dritt, Floriana rrifjutaw li jagħmlu dan u b'hekk is-Slimiżi staqsew lid-direttur tal-kumpanija A.G. Cousis & Co. biex jintervjeni, iżda dan minħabba li kien partitarju akkannit ta' Floriana mar kontra dak li kien qal fis-snin ta' qabel u ddeċieda li l-Cousis Shield tinżamm mill-klabb ta' Floriana. Minn dak inhar sal-lum il-Cousis Shield baqgħet tinżamm fil-klabb ta' Floriana F.C. ġewwa l-każin tal-Vilhena.



Masu Hicks ta' St. George's mal-Cousis Shield mirbuħa fl-1926-27

## Il-Finali tan-Knock-Out qabel ma bidet l-FA Trophy kienu dawn:

*1910-11:*
07-05-1911: Floriana FC – Valletta United 2-0
*1911-12: Mile End Sunday Football Cup*
14-04-1912: St. George' s FC – St. Joseph United 3-0
*1912-13: The Gaelic Cup*
13-04-1913: Floriana FC – Hamrun Spartans FC 2-0
*1913-14: Cousis Shield (L-Ewwel sena)*
Matul l-ewwel sena kienu ntlagħabu biss żewġ logħbiet wara li awtoritajiet navali ta' dak iż-żmien kienu waqqfu lill-klabbs lokali milli jilgħabu fil-Corradino Ground.
*1914-15: Cousis Shield*
02-05-1915: Valletta United – Sliema Wanderers FC 0-0
09-05-1915: Valletta United – Sliema Wanderers FC 1-0
*1916-17: Cousis Shield*
17-04-1917: St. George' s FC – Valletta United 1-0
*1917-18: Cousis Shield*
Sliema Wanderers FC – Paola Rovers 3-2
*1919-20: Cousis Shield*
30-05-1920: Sliema Wanderers FC – Valletta United 2-0
*1920-21: Cousis Shield*
17-04-1921: Valletta United – Marsa United 2-0
*1921-22: Cousis Shield*
14-05-1922: Floriana FC – Sliema Wanderers FC 1-1
21-05-1922: Floriana FC – Sliema Wanderers FC 1-1 Replay
It-tieni Replay kellha tintlgħab fil-bidu ta' l-istaġun ta' wara, iżda Sliema naqsu li jinżlu għall-logħob u Floriana rebħu b'walk-over.
*1922-23: Cousis Shield*
27-05-1923: Floriana FC – Sliema Wanderers FC 1-0
*1923-24: Cousis Shield*
30-03-1924: Sliema Wanderers FC – Vittoriosa Rovers 3-1
*1924-25: Cousis Shield*
Kienu telgħu l-poloz, iżda qatt ma ntlgħabu logħbiet
**1925-26: Cousis Shield**
08-12-1926: Sliema Wanderers FC – Floriana FC 1-0
*1926-27: Cousis Shield*
05-06-1927: St. George' s FC – Valletta United 1-0
*1927-28: Empire Sports Ground Cup*
Floriana rebħu b'walk-over fuq it-tim ta' St.George' s. It-tim ta' Bormla naqas li jippreżenta l-ewwel ħdax wara li saru jafu li r-referee tal-logħba kien se jkun is-Sur Boxhall. Dan l-aġir wassal biex kienu sospiżi għal tlett staġuni.
*1928-29: Empire Sports Ground Cup*
19-03-1929: Floriana FC – Valletta United 2-0
*1930-31: Cousis Shield*
31-05-1931: Floriana FC – Sliema Wanderers FC 4-2
*1931-32: MFA Cup*
15-05-1932: Sliema Wanderers FC – Valletta United 1-1
Ir-Replay ta' din il-logħba kellha tintlgħab fil-bidu ta' l-istaġun ta' wara, iżda Valletta United naqsu li jgħaqqdu tim u b'hekk it-Tazza ngħatat lil Sliema Wanderers.

## Il-Finali kollha tal-FA Trophy kienu dawn:

***02-06-1935: Sliema Wanderers FC - Floriana FC 4-0***
Ref: Sgt. Calderon
Skurjaw: Tony Nicholl (3), Salvu Sammut (pen.) (S)
***17-05-1936: Sliema Wanderers FC - Floriana FC 2-1***
Skurjaw: T. Nicholl, P.Callus (S); J. Mayerhoffer (F)
***30-05-1937: Sliema Wanderers FC - St. George's FC 2-0***
Skurjaw: F.Freiberger, I.Gayer (S)
***21-05-1938: Floriana FC - Sliema Wanderers FC 2-1***
Ref: Sgt. Spencer
Skurjaw: F.Tabone, H.Herbert (F), S.Sammut (S)
***28-05-1939: Melita FC - Sliema Wanderers FC 4-0***
Ref: Sgt. Major Jones (Devon Regt.)
Skurjaw: H. Martin, G. Bencini (2), V.Vassallo (M)
***26-05-1940: Sliema Wanderers FC - Melita FC 3-2***
Ref: Scobell (HM Dockyard)
Skurjaw: M. Decesare (2), Bond (S); H.Martin, L.Borg (M)
Il-kompetizzjoni tat-Trophy ma ntlagħbitx fiż-żmien tal-gwerra bejn l-1941 u l-1944
***03-06-1945: Floriana FC - Sliema Wanderers FC 2-1***
Ref: C.P.O Dennis R. White (HMS Phoenicia)
Skurjaw: J. Cassar ,W. Bennetti (F); T. Nicholl (S)
***02-06-1946: Sliema W. FC - Hamrun S. FC 2-1***
Ref: William (Billy) Mock
Skurjaw: T. Nicholl 2 (1 pen.) (S) ; J.Zammit (H)
***15-05-1947: Floriana FC - Valletta FC 3-0***
Ref: William (Billy) Mock.
Skorja: L. Galea 3 (F)
***27-05-1948: Sliema Wanderers FC - Hibernians FC 2-2***
Ref: William (Billy) Mock
Skurjaw: M. Decesare, T. Nicholl (S); C. Friggieri, F. Church (H)
***30-05-1948: Sliema W. FC - Hibernians FC 1-0*** Replay
Ref: William (Billy) Mock
Skorja: M.Decesare (S)
***16-06-1949: Floriana FC - Sliema Wanderers FC 5-1***
Ref: C.P.O. T.F Hewinson (HMS Forth)
Skurjaw: L.Borg (3), C.Azzopardi (pen.), G.Borg (o.g.) (F); J.Alamango (o.g.) (S)
***04-06-1950: Floriana FC - St. George's FC 3-1***
Ref: Rob Hubbar
Skurjaw: L.Borg, P.Demanuele, A.Izzo (o.g.) (F); J.Xuereb (S)
***03-06-1951: Sliema W. FC - Hibernians FC 5-0***
Ref: John W. Naudi
Skurjaw: T.Nicholl (2), C.Mattocks (2), L. Vigar (S)
***25-05-1952: Sliema W. FC - Hibernians FC 3-3***
Skurjaw: C.Mattocks, G.Camilleri, N.Calleja (S); J.Coreschi, .Gatt, J.Vella Borg (H)
***31-05-1952: Sliema W. FC - Hibernians FC 1-1 Replay***
Skurjaw: N.Calleja (S); L.Saliba (H)
***08-06-1952: Sliema W. FC - Hibernians FC 1-0 Replay***
Ref: Michael Sciberras
Skorja: G.Camilleri (S)
***04-06-1953: Floriana FC - Sliema Wanderers FC 1-0***
Ref: Joe M.Cassar Naudi
Skorja: P.Demanuele (F)
***07-06-1954: Floriana FC - Rabat Ajax FC 5-1***
Ref: Joseph Spiteri
Skurjaw T.Cauchi (4) (2 pens.), P.Demanuele (F); C.Theuma (R)
***09-06-1955: Floriana FC - Sliema Wanderers FC 1-0***
Ref: Joe M. Cassar Naudi
Skorja: P.Demanuele (F)
***10-06-1956: Sliema Wanderers FC - Floriana FC 1-0***
Ref: Turu Lentini
Skorja C.Mattocks (S)
***09-06-1957 : Floriana FC - Valletta FC 2-0***
Ref: George Bonello
Skurjaw: T. Cauchi u L. Borg
***08-06-1958 : Floriana FC - Sliema Wanderers FC 2-0***
Ref: Fredrick Stanley
Skurjaw: T. Cauchi u L. Borg (F)
***07-06-1959 : Sliema Wanderers FC - Valletta FC*** 1-1
Ref: Francis Fannon
Skurjaw: M. Azzopardi (V) u S. Nicholl (S)
***10-06-1959 : Sliema W. FC - Valletta FC 1-0 Replay***
Ref: Carmel Galea
Skurja: J. Xuereb (S)
***16-06-1960 : Valletta FC - Floriana FC 3-0***
Ref: Giuseppe Adami
Skurjaw: M. Azzopardi 2 u M. Zammit (V)
***11-06-1961 : Floriana FC - Hibernians FC 2-0***
Ref: Frans Grech
Skurjaw: P. Demanuele u o.g J. Privitera (F)
***03-06-1962 : Hibernians FC - Valletta FC 1-0***
Ref: Turu Lentini
Skurjaw o.g T. Taylor (H)
***23-05-1963 : Sliema W. FC - Hibernians FC 2-0***
Ref: Pawlu Bonnett
Skurjaw: Ed. Aquilina u J. Cini (S)
***14-04-1964 : Valletta FC - Sliema Wanderers FC 1-0***
Ref: Turu Lentini
Skorja: J. Urpani (V)
***16-05-1965 : Sliema Wanderers FC - Floriana FC 4-2***
Ref: Turu Lentini
Skurjaw: J. Cini 3 u R. Cocks (S0 u T. Cauchi u o.g. S. Bonnici (F)
***29 05 1966 : Floriana FC Hibernians FC 2 1***
Ref: Turu Lentini
Skurjaw: C. Azzopardi (F) 12', L. Borg (F) 19', 39' u 81'.

Floriana FC: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Willie Xerri, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Tony Vella, Victor Farrugia, Charlie 'Najsu' Bennetti, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele.

Hamrun Sp. FC: Kelinu 'Boqqa' Aquilina, Salvu Azzopardi, Piju Camilleri, George Jones, Ġużi Zammit, Romeo Vassallo, Salvu Bartolo, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Oscar Gatt, Franz Scifo, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri.

1. Il-goalkeeper Salvu Spiteri, Piju Camilleri u Franz Scifo, li qabel kollha lagħbu fl-ogħla diviżjoni ma' St. Andrew's FC ta' Ħal Luqa, kienu l-akkwisti l-ġodda ta' l-Ispartans. Huma kienu ħallsu £40 għal Spiteri u £105 għal Camilleri.

2. Floriana FC għadditilhom bl-eżatt is-sospensjoni ta' tliet xhur li ma setgħux jieħdu sehem fl-ebda attività tal-MFA li kienet imposta fuqhom wara li kienu rtiraw it-tim tagħhom mill-kompetizzjoni tat-Trophy u mit-Tourney ta' Roterham United lejn tmiem l-istaġun ta' qabel. Floriana FC kienu għamlu hekk wara nuqqas ta' ftehim mal-MFA fuq il-fixture tas-semifinal tat-Trophy kontra Sliema Wdrs. Is-sospensjoni ħabtet eżatt fit-tliet xhur tas-sajf meta kif jaf kulħadd il-futbol ikun wieqaf. Fil-Laqgħa Ġenerali straordinarja li saret fl-1 ta' Settembru, 1951, u li għaliha kienu attendew 400 membru. Il-kumitat ta' Floriana kien ħabbar li huma ma kellhom xejn kontra l-Kunsill tal-MFA, anzi kienu lesti li jikkoperaw bis-sħiħ magħhom.

3. Charlie Bennetti 'In-Najsu' kiteb lill-MFA sabiex jieħu r-release mingħand Valletta FC wara li dawn kienu naqsu li jħallsuh skond il-kuntratt. Huwa ingħata r-release u sieħeb lil Floriana FC li ħallsu £80 għall-firma tiegħu.
4. Floriana FC ħatru lil Joe Griffiths bħala l-kowċ tagħhom minflok l-Ingliż George Shaw.
5. Nieqes mill-ewwel ħdax ta' Hamrun Spartans kien hemm Fredu Preca li ġie trasferit għal ma' Birkirkara FC, fit-Tieni Diviżjoni, filwaqt li Pullu Zarb ta' Floriana FC sieħeb lil Żebbuġ Rangers, fit-Tieni Diviżjoni.
6. Nieqes mill-ewwel ħdax ta' Floriana kien hemm id-difensur Leli Zammit li għalkemm kien ħareġ mill-Isptar King George V fejn kienet saritlu l-operazzjoni tal-cartilage huwa kien għadu qed jirkupra



Il-goalkeeper ta' Floriana, Frankie Busuttil, joħroġ isalva l-attakk ta' Hamrun Spartans fir-rebħa ta' 3-1 (16.10.1949)

**07-10-1951:**
**Sliema Wdrs. FC – St. Patrick FC 2-1**
**H.T 0-1**
Ref: William (Billy) Mock
Skurjaw: A. Cremona (St. Pat.) 35', M. Walsh (Sl) 70' u N. Calleja (Sl) 86'.

Sliema Wdrs. FC: Lolly Rizzo, Johnnie Alamango, Lolly Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Tony Nicholl, Pio Lebrun, Ġużi Pirotta, Ninu Calleja, Maurice Walsh, Bob Bonavia, Charlie Mattocks.

St. Patrick FC: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Frans Hole, Emmanuel Falzon, Debono, John 'Is-Sini' Cassar, Albert Xerri, S. Xerri, A. Borg, Silvio Rapinett, Ninu Vella, Anġlu 'Il-Wila' Cremona.

1. Pirotta ritorna mal-Wanderers wara xi snin jilgħab ma' Hibernians. Il-Wanderers ħallsu £60 lil Hibernians sabiex akkwistawh. Akkwisti oħra għall-Wanderers kienu taż-żagħżugħ promettenti Pio Lebrun li fl-istaġun ta' qabel kien jilgħab ma' Msida Wolves u l-wing promettenti Cachia mingħand Birkirkara.
2. Johnnie Alamango finalment iddebutta ma' Sliema wara li kien tilef il-kampjonat kollu tal-1950-51 minħabba injury. Huwa kien ingħaqad ma' Sliema mingħand ir-rivali Floriana.
3. Il-plejers li telqu lill-klabb Slimiż fis-sajf kienu Lewis Caruana li ingħaqad ma'

## AĦBARIJIET

F'ittra bid-data tat-8 ta' Ottubru, 1951, indirizzata lis-segretarju tal-klabb ta' Naxxar Lions, li issa kienu baqgħu neżlin fit-Tielet Diviżjoni, is-segretarju ġenerali tal-MFA informahom li l-klabb tagħhom kien tneħħa mill-MFA wara li kienu naqsu kontra r-Regola nru. 46 ta' l-Istatut tal-MFA. Il-kumitat ta' Naxxar Lions minkejja li ingħata diversi opportunitajiet kien naqas li jipprovdi lill-MFA il-cash-book tal-klabb. Fil-5 ta' Ottubru, tlitt ijiem qabel ma nħarġet l-ittra, l-uffiċjali tal-klabb Naxxari kienu naqsu milli jidhru quddiem l-MFA sabiex jagħtu spjegazzjoni ta' dan in-nuqqas tagħhom.

Fis-16 ta' Ottubru, 1951 tħabbar li l-uffiċjal inkarigat mill-ħatriet tar-referees kien neħħa lil Joe Cassar Naudi minn referee wara li dan kien irrifjuta li jikkontrolla partita akkanita ta' l-Ewwel Diviżjoni. Is-Sur Cassar Naudi, li kien is-Segretarju Onorarju tal-Malta Football Referees Association, kien talab għal laqgħa urġenti mal-MFA fejn eventwalment Joe Cassar Naudi erbat ijiem wara kien ikkontrolla Floriana v Sliema.

Nenu Taliana ex-plejer ta' Hamrun Spartans FC u li fl-istaġun li għadda kien referee kien se jemigra lejn il-Kanada.

Birkirkara FC, fit-Tieni Diviżjoni, u Lewis Azzopardi u Joe Bonello li sieħbu lil Valletta FC.
4. Ninu Vella u Emmanuel Falzon it-tnejn ingħaqdu ma' St. Patrick FC mingħand Naxxar Lions. Huma kienu plejers regolari ta' Naxxar meta dawn kienu jilagħbu fl-ogħla diviżjoni. Akkwisti oħra tas-Saints kienu ta' S. Xerri mingħand Mosta Athletics u Silvio Rapinett mingħand Dingli Swallows FC. Rapinett kien kważi weħel sospensjoni ta' sena meta ffirma kemm ma' Dingli Swallows kif ukoll ma' St. Patrick FC iżda finalment l-MFA iddeċidiet li kellu jilgħab mall-klabb Żabbari.
5. Bl-iskor 1-1 St. Patrick komplew il-partita b'għaxar plejers meta weġġa' John Cassar u kellu jħalli l-ground.
6. Fl-aħħar sekondi tal-partita r-referee Mock keċċa lil Borg ta' St. Patrick FC. Borg kien ġie sospiż żewġ logħbiet.

**13-10-1951:**
**Rabat FC – Hibernians FC 0-0**
Ref: Walter (Watty) A.Gatt

Rabat FC: John Mifsud, Walter Powell, Alfie Pearson, Charles Zahra, Ruġġieru Spiteri, Paul Micallef, Joe Mizzi, Raphael Lughermo, Paul Cini, Ernest Chappelle, Peter Micallef.

Hibernians FC: Pawlu Montebello, Joe Grixti, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Leli 'Likku' Saliba, Jock Myatt, Fredu Church, Knowles, Joe Vella Borg, John Coreschi.

1. L-ewwel dehra għal Rabat FC fl-ogħla diviżjoni. Huma saħħew l-iskwadra tagħhom bl-akkwisti ta' Ernest Chappelle mingħand it-team tat-Tieni Diviżjoni Birkirkara FC u lil Joe Mizzi mingħand Msida Wolves.
2. Hibernians ittrasferew lil Marcel Monaco u John Came lil Little Rainbows. Monaco kellu staġun mill-aqwa mat-tieni tim ta' Hibernians fit-Tieni Diviżjoni iżda kellu biss żewġ dehriet fit-tim tal-kbar fl-istaġun, 1949-50. Came sieħeb lil Little Rainbows bħala plejer-kowċ.

Plejers oħra li ħallew lit-tim ta' Raħal il-Ġdid kienu Ġużi Pirotta li sieħeb lil Sliema Waderers, 'Dwinu' Schembri li ingħaqad ma' Valletta FC, Ċensu Degiorgio sieħeb lil Vittoriosa Stars għal £20 u Gerada mar ma' St. Patrick FC għal £35.
3. Hibernians FC ikkonfermaw lill-Ingliż, Mr. Howard, bħala l-kowċ tagħhom għal dan l-istaġun.
4. Il-goalkeeper regolari ta' Hibernians 'Skipper' Formosa kien nieqes tul il-kampjonat kollu minħabba li kellu xi differenzi mal-klabb. Minfloku bejn il-lasti ta' Hibernians beda jilgħab Pawlu Montebello, li kien ġie akkwistat mingħand Gżira United. Akkwisti oħra tal-Pawlisti kienu tal-half-back Scicluna, l-inside Benny Bickle u l-full-back Sultana, kollha mingħand Gżira United, Joe Grixti mingħand Gudja United u l-Ingliż Jock Myatt mingħand Zebbug Rangers.

**14-10-1951:**
**Valletta FC – St. George's FC 2-1**
**H.T 2-0**
Ref: C.P.O Fudge
Skurjaw: Ġ. Scicluna (V) 3' u 22' u N. Bonavia (St. Geo) 58'.

Valletta FC: George Zarb, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Charlie Saliba, ċensu Muscat, Edwin 'Dwinu' Schembri, Lewis Azzopardi, Ġużi Scicluna, Salvinu Schembri, Pawlu Mackay, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Joe Bonello.

St.George's FC: Ninu Degiorgio, Salvu Mejlaq, Frans Purkiss, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Żużu Rizzo, Salvu Cachia, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, Ġużi Oliva, Salvu Romolo, Peppi Delceppo.

1. Wara tmien minuti logħob Bonello falla penalty għal Valletta. Bonello kien għadu kemm ġie akkwistat mingħand Sliema Wanderers. Akkwist ieħor Belti mingħand il-Wanderers kien tal-wing-half Lewis Azzopardi li kien regolari fl-ewwel team tal-Wanderers żewġ staġuni qabel iżda tilef postu fil-kampjonat li għadda.
2. Id-difensur Salvu Mejlaq sieħeb lil St. George's FC mingħand St. Andrew's għal £19.
3. Valletta FC kellhom lil Ġużi Vassallo u Ġużi 'Dudu' Mallia I neqsin minħabba li dawn kienu ġew sospiżi mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA minħabba l-inkwiet li ħolqu fil-partita tat-Trophy kontra Floriana FC (2-3) tat-3 ta' Mejju 1951. Ġużi Vassallo kien ġie sospiż sa l-aħħar ta' Novembru filwaqt li Ġużi Mallia weħel l-istaġun kollu. Sadanittant plejer ieħor ta' Valletta, Pawlu Vassallo, li sena qabel ukoll kien irċieva sospensjoni twila sa tmiem l-istaġun, 1951-52, għall-inkwiet li kien ħoloq fil kwarti finali tat-Trophy kontra St. George's FC tal-21 ta' Mejju, 1950, kellu s-sospensjoni tiegħu mnaqqsa mill-MFA sa l-aħħar ta' Diċembru, 1951, wara li ġiet ippreżentata petizzjoni li kienet iffirmata mill-partitarji kif ukoll mill-Presidenti tal-klabbs ta' l-Ewwel Diviżjoni.
4. Il-goalkeeper Ninu Degiorgio ta' St. George's FC kien ġie akkwistat mingħand Naxxar Lions biex jieħu post ir-reserve goalkeeper, Pawlu Vella, li emigra lejn il-Kanada.
5. Valletta FC ħallsu lil Hibernians FC £100 biex akkwistaw lis-centre half 'Dwinu' Schembri. Huma, iżda, tilfu s-servizzi tal-wing-half Attard li sieħeb lil Birkirkara.
6. Nenu Zammit 'Ir-Rubinu' u Leli Curmi 'Il-Goway' ġew impoġġija fuq il-lista tat-trasferimenti minn Valletta FC.
7. L-attakkant Pawlu Mackay huwa n-neputi ta' Nenu Mackay 'Il-Wiżża'. Dan ta' l-aħħar ġie sospiż logħba wara li pprova jagħti bis-sieq lil avversarju.

Klassifika: Floriana FC, Sliema Wdrs. FC u Valletta FC 2 pti.; Rabat FC u Hibernians FC 1 pt.; St.George's FC, St. Patrick FC u Hamrun Sp. FC 0 pt.

L-Aqwa Skorers: L. Borg (Floriana FC) 3 goals u Ġ. Scicluna (Valletta FC) 2 goals.


It-tim ta' Valletta qabel il-partita kontra Hibernians 2-1 (09.10.1949)

## It-Tieni Ġurnata.

**20-10-1951:**
**Floriana FC – Sliema Wdrs. FC 2-2**
**H.T 1-1**
Ref: Joe M. Cassar Naudi.
Skurjaw: C. Azzopardi (F) 25', o.g W. Xerri (S) 29', Ġ. Pirotta (S) 55' u V. Farrugia (F) 64'.

Floriana FC: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Willie Xerri, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Tony Vella, Victor Farrugia, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

Sliema Wdrs. FC: Lolly Rizzo, Johnnie Alamango, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Tony Nicholl, Piju Lebrun, Ġużi Pirotta, Ninu Calleja, Maurice Walsh, Bob Bonavia, Charlie Mattocks.

1. L-attendenza uffiċjali għal din il-partita kienet ta' 14,552 li ħalliet profit lil kull klabb ta' £101 bħala gate-money – somma kkunsidrata favoluża għal dawk iż-żminijiet. Il-prezz ta' l-entratura kien six-pence iktar għoli mis-soltu.
2. Willie Xerri ta' Floriana FC kien ġie sospiż partita wara li pprova jagħti bis-sieq lil plejer ta' Sliema Wanderers.




- Local & Overseas Car Hire
- Chauffeur Drive services (24 hours)
- Limousine VIP Service
- Weddings Service

Freephone 8007 2337

JOHNS
GARAGE

38, Villambrosa Street, Hamrun, HMR1128 T: (+356) 2298 2298 F: (+356) 2298 2299
www.johnsgarageltd.com info@johnsgarageltd.com www.johnsgroup.eu

# Id-distribuzzjonijiet mid-dħul tal-UEFA Champions League

Prinċipju fundamentali fid-distribuzzjonijiet mill-introjtu tal-kompetizzjoni taċ-Champions League huwa dak tas-solidarjeta. Bla dubju l-aktar li jibbenefikaw minn dawn il-flus huma dawk il-klabbs li jipparteċipaw fl-edizzjonijiet taċ-Champions League, iżda mhux biss, l-oħrajn ukoll jieħdu parti mid-dħul.

Mill-kompetizzjoni tal-istaġun li għadda, jiġifieri dik tal-2007-08 mirbuħa mill-klabb ta' Manchester United, l-assoċjazzjonijiet qasmu ċ-ċifra sabiħa ta' €43.6 miljun. Dawn il-flus kienu diretti lejn klabbs li ma ħadux sehem fil-kompetizzjoni mill-istadju tal-gruppi u kif ukoll lejn dawk li jkunu ħadu sehem u li jkunu ġejjien minn 'l hekk imsejjħa t-top leagues (il-kampjonati l-aktar li jiġġeneraw kummerċ). Dawn ta' l-aħħar jaqsmu porzjon akbar bejniethom u dan isir skond il-valur tas-suq televiżiv. Dawn il-flus jitqassmu biex jintużaw mill-klabbs fil-livell tal-youths jew kif nafuhom hawn Malta, fil-livell tan-nurseries.

**Żewġ Kategoriji**

Id-distribuzzjonijiet fir-rigward tat-top leagues issir bejn dawk li kienu rappreżentati fil-UEFA Champions League u l-pajjiżi l-oħra li kellhom it-timijiet li ma waslux sal-fażi tal-gruppi. L-akbar ċifra dik ta' €36.1 miljun marret għand l-assoċjazzjonijiet li kellhom klabbs parteċipanti mill-fażi tal-gruppi. F'din il-kategorija fl-aħħar tal-kompetizzjoni li ntemmet f'Mejju ta' l-2008 ibbennefikaw il-pajjiżi hekk kif jidher f'Tabella A.

| Tabella A | |
|---|---|
| Italja | 6 609 000 |
| Ingilterra | 6 562 000 |
| Ġermanja | 4 205 000 |
| Spanja | 3 946 000 |
| Franza | 3 545 000 |
| Olanda | 2 763 000 |
| Greċja | 1 507 000 |
| Turkija | 1 411 000 |
| Skozja | 1 209 000 |
| Norveġja | 917 000 |
| Portugall | 901 000 |
| Rumanija | 722 000 |
| Russja | 639 000 |
| Ukrajna | 594 000 |
| Rep.Ċeka | 570 000 |
| Total | €36 100 000 |

It-38 kampjonati l-oħra minn madwar l-Ewropa qasmu ftit aktar minn €7.5 miljun, dejjem skond il-valur tas-suq tal-kampjonat rispettiv, iżda mhux inqas minn bilanċ minimu ta' €166, 700. F'Tabella B jidhru l-figuri li marru għand l-assoċjazzjonijiet l-oħra madwar l-Ewropa.

| Tabella B | |
|---|---|
| Danimarka | 402 300 |
| Awstrija | 323 100 |
| Polonja | 298 000 |
| Svizzera | 238 100 |
| Svezja | 271 000 |
| Iżrael | 235 000 |
| Belġju | 228 500 |
| Rep.Irlanda | 223 200 |
| Iżlanda | 219 200 |
| Ungerija | 213 000 |
| Ċipru | 194 300 |
| Kroazja | 190 000 |
| Serbja | 185 000 |
| Albanija | 182 700 |
| Fillandja | 180 000 |
| Slovenja | 179 300 |
| Bulgarija | 177 400 |
| Ġorġja | 174 000 |
| Malta | 173 500 |
| Bożnja-Herzegovina | 172 000 |
| Slovakkja | 171 300 |
| Każakhstan | 170 100 |
| Armenja | 169 900 |
| Litwanja | 169 800 |
| Latvja | 169 800 |
| Estonja | 169 800 |
| Rep.Maċedonja | 169 700 |
| Montenegro | 169 000 |
| Belarus | 168 500 |
| Ażerbajġan | 168 000 |
| Moldova | 167 200 |
| Irlanda ta' Fuq | 166 700 |
| Wales | 166 700 |
| Gżejjer Faroe | 166 700 |
| Lussemburgu | 166 700 |
| Liechtenstein | 166 700 |
| Andorra | 166 700 |
| San Marino | 166 700 |
| Total | €7 534 800 |

Il-pagamenti kollha jsiru lill-assoċjazzjonijiet nazzjonali, li min-naħa tagħhom jgħadduhom lill-klabbs biex kif semmejna qabel ikunu nvestiti fis-settur tal.-youths. Fl-aħħarnett tkun l-assoċjazzjoni li tiddeċiedi kif dawn il-flus jinqasmu. Prinċipalment il-klabbs il-kbar f'kull pajjiż jieħdu aktar fondi minn dawk żgħar. F'Malta l-flus jiġu maqsuma skond il-liċenzja li kull nursery ta' klabb tkun iċċertifikata biha.



# Bħal-lum...

# 86

# sena ilu

## ...intlagħbet l-ewwel logħba fl-Empire Stadium tal-Gzira.

**Kien nhar l-4 ta' Novembru 1922 meta l-Gvernatur Field Marshal Lord Plumer inawgura stadium ġdid fil-Gzira, b'l-ewwel logħba li ntlagħbet kienet dik bejn l-MFA XI u l-HMS Ajax u li spiċċat fi draw ta' 2-2.**

Il-grounds f'Malta jeħduna lura sa mill-1880 fejn l-ewwel logħob reġistrat kien intlgħab f'Portes des Bombes, fil-Floriana Parade Ground u kif ukoll f'dawk il-grounds tal-barracks li fihom kienu stazzjonati s-suldati Ingliżi f'dawk iż-żminijiet. L-ewwel kampjonat li sar fl-1909-10 kien intlagħab fil-Lyceum Ground ġewwa l-Marsa. Imbagħad għal għaxar snin il-logħob sar fil-Mile End, bl-eċċezzjoni ta' l-istaġuni 1910-11 u 1915-16 għaliex ma sar l-ebda kampjonat. L-aħħar kampjonat li ntlagħab fil-Mile End kien fl-istaġun 1921-22 u li kien mirbuħ minn Floriana.
Ta' min jirrimarka li l-ewwel kampjonat organizzat mill-MFA kien fl-1909-10, bl-ewwel logħba ssir nhar l-20 ta' Frar, 1910 u tkun dik bejn Floriana u Sliema Wanderers. Quddiem 5,000 spettatur, Floriana kienu ħarġu rebbieħa b'goal skorjat minn Ruġġieru Friggieri minn penalty. Każ interessanti ħafna huwa dak ta' l-ewwel avviż iffirmat pubblikament mill-MFA. Dan kien iffirmat mis-Segretarju Onorarju, W.Parnis, għal dawk il-klabbs li xtaqu jissieħbu fi ħdan l-assoċjazzjoni. L-avviż kien jgħarraf li kellhom jagħmlu dan mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 1909 u b'hekk ikun jista' jsir l-ewwel kampjonat nazzjonali organizzat mill-MFA.
Għaldaqstant hemm biżejjed provi li juru li l-MFA twaqqfet f'Ottubru ta' l-1909 u mhux kif inhu mifhum, f'April tal-1900. U dan jagħmel ħafna sens. Għaliex jekk l-MFA ġiet imwaqqfa fl-1900, għaliex kellna assenza ta' 10 snin qabel sar l-ewwel kampjonat u għaliex l-MFA matul dawk l-10 snin baqgħet inattiva?
Ma jidher li hemm l-ebda dokumenti li juru l-funzjoni tal-MFA jew xorta ta' kampjonat organizzat minnha matul l-ewwel 10 snin mit-twaqqif tagħha, fl-1900.
Intant l-Empire Sports Ground ġie mibni f'wesgħa ta' art li kienet tintuża mill-RAF matul l-Ewwel Gwerra Dinjija bħala Balloon Station. Fi tmiem il-gwerra, fl-1918, din l-art kienet inxtrat mis-Sur Carmelo Memè Scicluna biex tintuża għal skopijiet sportivi. Il-ħolma tiegħu kienet li jinbena stadium nazzjonali. Il-kostruzzjoni tiegħu bdiet miexja b'ritmu mgħaġġel, iżda sa dak inhar ta' l-inawgurazzjoni tiegħu, l-istadium ma kienx komplet kollu. Għalkemm ma kienx lest minn kollox, il-bażi tiegħu kienet kompluta u din kienet tikkonsisti fi dressing rooms, stand prinċipali, klinika żgħira u fuq kollox pitch b'qisien regolari.

### L-ewwel logħbiet fl-Empire Stadium

L-ewwel logħba kienet intlagħbet quddiem




pubbliku numeruż u offriet spettaklu. Il-Maltin daħlu jistrieħu b'vantaġġ ta' żewġ goals skorjati minn Xerri u West, filwaqt li t-tim Britanniku kiseb l-iskor indaqs wara l-mistrieħ permezz ta' Cox u Brooks.
L-ewwel rebħa f'dan l-istadium kienet ġiet reġistrata minn Floriana F.C. meta fil-11 ta' Novembru, 1922, għelbu lil Pick Navy f'partita ta' ħbiberija bl-iskor ta' 2-0 b'goals ta' Jack fil-55 minuta u ta' Alamango fis-60 minuta.
L-ewwel kampjonat (1922-23) intrebaħ minn Sliema F.C. li rebħu l-logħbiet tagħhom kollha b'waħda minnhom tkun walk-over fuq Valletta United wara li dawn iddeċiedew li jirtiraw. Biex għamlu hekk Valletta United kienu ħallsu s-somma ta' LM5 wara serje ta' riżultati negattivi, vs Sliema Rangers 0-1, vs Floriana 0-7, vs Vittoriosa 1-2, u b'hekk it-tim sfaxxa.
L-ewwel unur kien mirbuħ minn Sliema F.C. meta fit-23 ta' Jannar, 1923, fil-final tal-Aitken Cup jew aħjar it-Tazza l-Kbira, għelbu lil Floriana bl-iskor ta' 1-0. Iż-żewġ timijiet kienu għadhom mingħajr telfa fil-kampjonat qabel ma ltaqgħu kontra xulxin. Il-goal tar-rebħa kien ġie skorjat minn Frank Busuttil fis-7 minuta tal-logħba.
L-ewwel logħba nternazzjonali uffiċjali fl-Empire Stadium kienet il-famuża Malta vs Awstrija li ntlagħbet fl-24 ta' Frar, 1957. Minkejja li l-Maltin ħargu telliefa bl-iskor ta' 3-2, kienu għamlu logħba kbira u spiċċaw ukoll bħala eroj wara rimonta kbira li għamlu war li kienu fi żvantaġġ ta' tlett goals. Il-goals ta' Malta kienu skorjati minn Tony Cauchi fis-87 minuta u Sammy Nicholl fid-89 minuta. Il-goals ta' l-Awstrijaċi ġew skorjati minn autogoal ta' Ġużi Bonnici fis-16 il-minuta u permezz ta' Theodor Wagner u Walter Haummer fit-72 u t-80 minuta.

## Tazzi bi storja kbira

Kienu diversi l-unuri li l-klabbs Maltin kienu jilagħbu għalihom fl-Empire Stadium tal-Gzira u li llum dawn il-kompetizzjonijiet spiċċaw u minnflok għandna oħrajn.
Fl-1949-50, is-Sur Memè Scicluna ntroduċa kompetizzjoni bl-isem ta' Scicluna Cup. Din il-kompetizzjoni damet tintlagħab għal 14–il sena, bir-rebbieħa jkunu disa' darbiet Sliema Wanderers u darbtejn kull wieħed Floriana u Valletta. Kien hemm edizzjoni oħra li ntrebħet bejn Floriana u Sliema.
Fl-1964 ġiet fi tmiemha l-kera tal-familja Scicluna u din għaddiet għand il-Baruni Testaferrata. Il-propjetarji l-ġodda kienu għamlu bosta tibdiliet drastiċi u dan minħabba li l-istadium kien qiegħed jagħmel telf sostanzjali. L-ewwel bidla li saret kienet fl-isem. L-Empire Stadium sar jismu The Stadium. Barra minn hekk tneħħiet is-Scicluna Cup u ġiet introdotta it-Testaferrata Cup minflok. Dan l-unur kien ġie mirbuħ ħames darbiet minn Floriana, darbtejn minn Sliema u darba kull wieħed Valletta u Hibernians.

## Minn The Stadium għal Ta' Qali

Għalkemm huma ftit dawk li jiftakru l-ewwel logħba li intlagħbet fl-Empire Stadium, huma ħafna s-segwaċi tal-logħba domestika li jiftakru fl-aħħar logħba ġewwa l-Gzira u kif minn fuq art iebsa l-kampjonat beda jsir fuq il-ħaxix naturali. Kienet bidla ta' mingħajr paragun, iżda dak li għexu ħafna dilettanti Maltin fl-istadium tal-Gzira jibqa' mfakkar fl-isbaħ memorji tagħhom dwar il-futbol f'pajjiżna. Minn fil-għodu n-nies kienu jimlew it-turġien tal-istadium biex jaraw il-logħbiet mid-diversi kampjonati. Illum is-sit jinsab mitluq u mimli ħaxix ħażin, meta tara r-ritratti tiġik emozzjoni u xokk fl-istess waqt… kienu jgħidu fl-Empire Stadium tal-Gzira ma jikbirx ħaxix… ir-ritratti jitkellmu waħedhom!
L-aħħar final li ntlagħbet f'dan l-istadium kienet il-finali tal-FA Trophy bejn Floriana u Senglea Athletic, nhar il-31 ta' Mejju, 1981. L-Evergreens rebħu bl-iskor ta' 2-1 u b'goals ta' Raymond Xuereb u Joe Agius li waslu fid-19 u 77 minuta, b'Godwin Cassar iġib id-draw momentarju għas-Sengleani fit-53 minuta. B'hekk spiċċat l-era ta' monument tal-futbol Malti u wara 59 sena ta' storja, l-emozzjonijiet għaddew lejn Ta' Qali. Iżda huma ħafna dawk li jgħidu li minn meta l-futbol spiċċa mill-Gzira, miegħu spiċċaw ħafna dilettanti u partitarji li kull tmiem il-ġimgħa kienu jattendu bl-eluf biex isegwu l-benjamini tagħhom. Min jaf forsi għad xi darba jerġa' jiġi lura ċ-ċans li nsegwu partita f'dan l-istadium hekk popolari fi gżiritna. Fil-fatt il-propjetarju ta' dan is-sit kien għamel applikazzjoni fuq it-twaqqigħ u t-tneħħija tal-bini eżistenti u l-kostruzzjoni ta' uffiċini, appartamenti, garaxxijiet u ħwienet. Din l-applikazzjoni kienet daħlet il-MEPA nhar il-15 ta' Novembru, 2004, iżda milli jidher il-proċess biex jingħata l-permess se jieħu fit-tul minħabba li fid-19 ta' Novembru, jiġifieri erbat'ijiem wara, saret oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni. Barra minn hekk teżisti problema oħra. Minn taħt l-art jinsabu għaddejjin il-katusi ta' l-impjant tad-drenaġġ li hemm f'Rue D'Argens, biswit dan is-sit. Hu x'inhu l-każ, hija tassew ħasra li dan is-sit ma jergax jiġi żviluppat f'impjant sportiv. Il-post huwa ċentrali u jista' jintlaħaq minn kulħadd b'mod mill-aktar faċli.

**Illum 86 sena wara dik l-ewwel logħba fl-Empire Stadium huma ħafna dawk li jixtieq− jesprimu l-emozzjoni u fl-istess ħin id-diżappunt tagħhom għall-istat ta' abbandun li jinsab fih l-Empire Stadium. Plejers bħal Dennis Law (Manchester United), Bobby Charlton (Manchester United), Gordon Banks (Ingilterra), Martin Peters (Ingilterra), Gonzales Santillana (Real Madrid), Sandro Mazzola (Internazionale), Giacinto Facchetti (Internazionale), Ferenc Bene (Ungerija), Theodor Wagner (Awstrija), Marton Esterhazy (Honved Budapest), Helmut Haller (Juventus), Fabio Capello (Juventus), Rudolf Kucera (Dukla Praha), Achilleas Aslanidis (Panathinaikos), Raoul Lambert (Club Brugge), George Best (Manchester United) u leġġendarji oħra paxxew l-eluf li kienu joħonqu kull kantuniera tal-Empire Stadium. Dak li suppost kellu jkun monument għall-futbol Malti spiċċa mitluq u fi stat tal-biki. B'hekk għażilna li flimkien mal-paġni tagħna jkun is-skiet li jwassal ir-risposta lil dawk konċernati fl-iżvilupp ta' dan is-sit u nawguraw li fil-futur dan jerġa' jinbidel f'post fejn fih jiltaqgħu d-dilettanti tal-futbol Malti u b'hekk jibqgħu ħajjin f'moħħ kulħadd dawk il-mumenti storiċi u l-plejers leġġendarji li kienu jagħmlu mill Empire Stadium tal-Gzira, il-mekka tal-futbol Malti.**


Dak li fadal mill-Enclosure Stand




dolfin Rovelli

**Available from all leading supermarkets, confectionaries & food outlets.**

Ancams Marketing Ltd., 'Demef', Mdina Road, Zebbug. Tel: 2146 3758, 2146 3759 Melegatti CONDORELLI Vergani



# *Christmas Hampers Collection*

*Choose from a wide variety of assorted gift hampers at incredible prices. Customised hampers are also available according to specific requirements. Kindly confirm your order not later than 19th December 2008.*

***Trade Enquiries:*** Ancams Marketing Ltd.

**Ancams Marketing Ltd.**
'Demef', Mdina Road, Zebbug ZBG 9018, Malta
Tel. +356 21463758, +356 21463759 - Fax: +356 21463802
E-mail: ancams@vol.net.mt



**MFA XI vs HMS Ajax - L-ewwel logħba**
04-11-1922
F.T. 2-2
H.T 2-0

**MFA XI**: Perrin (Sliema), Fearne (Sliema), Tabone (Floriana), Micallef (Floriana), Caunter (Sliema), Colombos (Valletta United), Grech (Valletta United), Xerri (Sliema R.), Psaila (Floriana), Taylor (Sliema), West (Floriana)

**HMS Ajax**: Cracknell, Nicholl, Stockley, Goodall, Brooks, Aldred, Wilce, O'Shea, Cox, Muir, Aldred.

Skorjaw: Xerri, West (MFA); Cox, Brooks (HMS)

**Floriana vs Pick Navy - L-ewwel rebħa**
11-11-1922
F.T. 2-0
H.T 0-0

**Floriana**: Azzopardi, Nobby, Green, Alamango, Psaila, Zammit, West, Jack, Preca, Chetcuti, Harry

**Pick Navy**: Wilding (HMS Egmont), Stockley (HMS Ajax), Nicholl (HMS Ajax), Goodall (HMS Ajax), Brooks (HMS Ajax), Baxter (HMS Sikh), Thorpe (HMS Torch), Cox (HMS Ajax), Aldred (HMS Ajax) , Osborne (HMS Egmont), Muir (HMS Ajax)

Skorjaw: Jack, Alamango

**Sliema vs Floriana - L-ewwel unur**
28-01-1923
F.T. 1-0
H.T 1-0

**Sliema**: Perrin, Friggieri, Fearne, A.Busuttil, Caunter, Caruana, F.Busuttil, Inglott, Chetcuti, Conti, Taylor

**Floriana**: Azzopardi, Tabona, Tabone, Alamango, Psaila, Micallef, West, Headley, Preca, Herbert, Samuele

Skorja: F.Busuttil

**Malta vs Awstrija - L-ewwel logħba nternazzjonali**
24-02-1957
F.T. 2-3
H.T 0-1

**Malta**: Scerri, Bonnici, Debattista, Calleja (Jones), Cilia, Cini, Borg, Schembri, Cauchi, Nicholl, Demanuele

**Awstrija**: Engelmeier, Pusnik, Barschand, E.Kozlicek, Stotz, Koller, Halla, Hoff (Buzek), Wagner, P.Kozlicek, Haummer

Skorjaw: Cauchi, Nicholl (Malta); Bonnici o.g., Wagner, Haummer (Awstrija)

**Floriana vs Senglea Athletic - L-aħħar finali**
31-05-1981
F.T. 1-0
H.T 2-1

**Floriana**: Gauci, R.Farrugia, E.Farrugia, Galea, Holland, Agius, Demanuele, Aquilina, Buhagiar, Xuereb, Borg

**Senglea A.**: Camilleri, L.Azzopardi, Bonello, Testa, Bone (J.Azzopardi), Marston, Cassar, Taliana (J.Mizzi), Lia, Camilleri, R.Mizzi

Skorjaw: Xuereb, Agius (Floriana); Cassar (Senglea A.)


Dehra tad-dressing rooms u minn fejn kienu jidħlu l-plejers


Ritratt minn fuq ta' Floriana side


Valletta side (fuq il-lemin)

# Ħarsa lejn ir-rebbieħa tal-Kampjonati tal-Youth F.A.

Valletta F.C. - Staġun 2007/08




Matul ix-xahar ta' Novembru tkomplew il-kampjonati tal-U/17 u l-U/15 b'aktar logħob interessanti, fejn spikkaw xi sorpriżi li kellna u għalkemm għadna fil-bidu ta' dawn il-kampjonati, dawn qegħdin dejjem ikomplu jieħdu xejra ferm kumbattuta. Kellna waqfa qasira għal xi timijiet mill-kategorija tal-U/17 sezzjoni A u dan minħabba l-impenn tat-tim Nazzjonali tal-U/17, li kien impenjat fl-logħba ta' ħbiberija, fil-Belġju.

Intant nhar il-5 ta' Novembru, fil-Birrerija Farsons fl-Imrieħel, ġew ippreżentati l-Gatorade Fun Football Festivals tal-U/13 u l-U/11 għal dan l-istaġun. Dawn il-festivals ilhom jinżammu għal dawn l-aħħar 17–il sena, fejn komplew jiżdiedu t-timijiet parteċipanti u issa għandna 44 tim fil-kategorija tal-U/13 u 43 tim f'dik tall-U/11. L-għan prinċipali ta' dawn il-festivals mhux ir-rebħ ta' xi sezzjoni, tant li ma tinżamm l-ebda klassifikazzjoni.

F'dawn il-festivals il-kowċis reġjonali tal-MFA jaraw aktar plejers fl-azzjoni u kif ukoll isegwu talenti ġodda. Il-festivals tal-U/13 jsiru kollha ġewwa l-istadium taċ-Ċentinarju, f'Ta' Qali, nhar ta' Sibt filgħodu, filwaqt li nhar ta' Ħadd jinżammu dawk tal-U/11.

Dawn iseħħu fid-diversi grounds tan-Nurseries membri fil-YFA. Il-Gatorade Festivals, bħal fil-każ tal-Kampjonati APS Bank tal-U/17 u l-U/15, isiru kollha fi grounds b'ħaxix artifiċjali u t-tmiem tagħhom ikun f'Mejju.

Wara li fil-ħarġa t'Ottubru irrapportajna dawn il-Most Promising Youngsters tal-YFA, din id-darba nixtieq inwasslulkom rapport dwar ir-rebbieħa kollha taż-żewġ kompetizzjonijiet prinċipali orga-nizzati mill-YFA.

Il-kompetizzjoni U/16 għal dawn l-aħħar 25 sena dejjem kienet il-kategorija prinċipali fejn jingħata l-unur u t-trofew l-aktar prestiġġjuż, iżda mhux l-istess jista' jingħad għall-kompetizzjonijiet tal-U/14 fejn għal perjodu twil bejn l-istaġun 1987-1988 u l-istaġun 1995-1996, il-Kunsill kien jorganizza biss festivals f'dawn l-etajiet u għaldaqstant ma kienx jiġi ddikjarat ebda rebbieħ.

Iżda mill-istaġun 1996-1997 u wara deċiżjoni u diskussjonijiet twal mill-istess Kunsill tal-YFA, il-kompetizzjonijiet tal-U/14 reġgħu bdew ikunu kkunsidrati bħala kompettitivi.



## Ir-rebbieħa kollha matul is-snin tal-Kategorija U16

| Staġun | Tim Rebbieħ |
|---|---|
| 1983 | Naxxar Lions |
| 1983/84 | Għajn Dwieli |
| 1984/85 | Mosta |
| 1985/86 | Sliema Wanderers |
| 1986/87 | Cospicua Rangers |
| 1987/88 | Tarxien Rainbows |
| 1988/89 | Marsa White Stars |
| 1989/90 | Sliema Wanderers |
| 1990/91 | Sliema Wanderers |
| 1991/92 | Sliema Wanderers |
| 1992/93 | Sliema Wanderers |
| 1993/94 | Floriana |
| 1994/95 | Floriana |
| 1995/96 | Flioriana |
| 1996/97 | Floriana |
| 1997/98 | Sliema Wanderers |
| 1998/99 | Valletta |
| 1999/00 | Floriana |
| 2000/01 | Paola Hibs |
| 2001/02 | Floriana |
| 2002/03 | Paola Hibs |
| 2003/04 | Paola Hibs |
| 2004/05 | Pieta' Hotspurs |
| 2005/06 | Pieta' Hotspurs |
| 2006/07 | Sliema Wanderers |
| 2007/08 | Valletta |

## Ir-rebbieħa kollha matul is-snin tal-Kategorija U14

| Staġun | Tim Rebbieħ |
|---|---|
| 1983/84 | Zurrieq |
| 1984/85 | Birkirkara |
| 1985/86 | Hamrun Liberty |
| 1986/87 | Marsa White Stars |
| 1996/97 | Sliema Wanderers |
| 1997/98 | Floriana |
| 1998/99 | Paola Hibs |
| 1999/00 | Pieta' Hotspurs |
| 2000/01 | Paola Hibs |
| 2001/02 | Floriana |
| 2002/03 | Sliema Wanderers |
| 2003/04 | Paola Hibs |
| 2004/05 | Sliema Wanderers |
| 2005/06 | Paola Hibs |
| 2006/07 | Pieta' Hotspurs |
| 2007/08 | Paola Hibs |





Paola Hibs - Staġun 2007/08

Meta nagħtu ħarsa lejn iż-żewġ tabelli jispikkaw ismijiet ta' timijiet rebbieħa bħal Għajn Dwieli, li aktar 'il quddiem amalgamaw ma' Paola Hibs u timijiet bħal Cospicua Rangers u Marsa White Stars, li sfortunatament kienu sfaxxaw wara diversi snin jipparteċipaw fil-kampjonati.

L-istess Hamrun Liberty, aktar tard daħlu Hamrun Spartans li ħadulhom posthom, minħabba li r-regolamenti ta' l-MFA jgħidu li n-Nursery tal-ewwel klabb affiljat fl-MFA għandha d-dritt tieħu sehem fil-Kampjonati tal-YFA.

Nurseries bħal dawk ta' Birkirkara, Zurrieq, Mosta, Naxxar Lions u Tarxien Rainbows ukoll irnexxielhom iniżżlu isimhom fil-lista, filwaqt li f'dawn l-aħħar snin kellna diversi Nurseries oħra rebbieħa, fosthom Pietà Hotspurs, Sliema Wanderers, Floriana, Valletta u Paola Hibs.

F'dan ir-rigward ma jonqos l-ebda mertu lil dawk in-Nurseries l-oħra kollha li matul l-istaġuni ma rebħu l-ebda unur prinċipali. Dawn ukoll taw is-sehem tagħhom biex ġew prodotti plejers tajbin u ta' livell li llum jilagħbu fil-Kampjonat Malti, sew dak Premier u kif ukoll fid-diviżjonijiet l-oħra kollha.



## U15 – Sezzjoni A

| | |
|---|---|
| Sliema W. vs Floriana | 2-0 |
| St. Patrick vs St.Andrews | 3-0 |
| Valletta vs Naxxar L. | 3-0 |
| Paola H. vs Pieta' H. | 2-1 |
| Hamrun S.vs San Gwann | 4-1 |
| Birkirkara vs Mosta | 1-3 |
| Pieta' H. vs St. Patrick | 1-0 |
| San Gwann vs St.Andrews | 2-1 |
| Mosta vs Sliema W. | 0-3 |
| Floriana vs Valletta | 0-0 |
| Naxxar L. vs Paola H. | 0-1 |
| Hamrun S. vs Birkirkara | 0-1 |

## Klassifika U15 – Sezzjoni A

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Paola H. | 7 | 6 | 1 | 0 | 17 | 2 | 19 |
| Sliema W. | 7 | 5 | 1 | 1 | 16 | 5 | 16 |
| Pieta' H. | 7 | 5 | 0 | 2 | 17 | 7 | 15 |
| Hamrun S. | 7 | 4 | 0 | 3 | 12 | 7 | 12 |
| Valletta | 7 | 3 | 3 | 1 | 9 | 4 | 12 |
| St. Patrick | 7 | 3 | 0 | 4 | 9 | 10 | 9 |
| San Gwann | 7 | 2 | 2 | 3 | 9 | 14 | 8 |
| Birkirkara | 7 | 2 | 2 | 3 | 7 | 11 | 8 |
| Floriana | 7 | 2 | 1 | 4 | 6 | 11 | 7 |
| Mosta | 7 | 2 | 1 | 4 | 6 | 11 | 7 |
| St. Andrew' s | 7 | 2 | 0 | 5 | 8 | 14 | 6 |
| Naxxar L. | 7 | 0 | 1 | 6 | 1 | 21 | 1 |

## U15 – Sezzjoni B

| | |
|---|---|
| Melita vs Mellieha | 2-0 |
| Birzebbuga W. vs Gozo | 0-1 |
| Kirkop U. vs Rabat D. | 0-0 |
| Sirens vs Marsa | 0-2 |
| Sirens. vs Melita | 1-3 |
| Balzan Y. vs Tarxien R. | 0-2 |
| Mellieha vs Marsa | 0-4 |
| Pembroke A. vs Birzebbuga W. | 3-0 |
| Gozo vs Kirkop U. | 6-4 |
| Rabat D. vs Qormi | 2-2 |
| Qormi vs Pembroke A. | 1-4 |
| Marsa vs Birzebbuga W. | 4-1 |



## Klassifika U15 – Sezzjoni B

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pembroke Ath. | 7 | 7 | 0 | 0 | 34 | 4 | 21 |
| Marsa | 7 | 7 | 0 | 0 | 17 | 4 | 21 |
| Gozo | 6 | 4 | 1 | 1 | 16 | 12 | 13 |
| Melita A. | 6 | 4 | 0 | 2 | 12 | 4 | 12 |
| Tarxien R. | 6 | 3 | 1 | 2 | 11 | 10 | 10 |
| Rabat D. | 6 | 2 | 3 | 1 | 9 | 6 | 9 |
| Kirkop U. | 6 | 2 | 2 | 2 | 10 | 8 | 8 |
| Qormi | 7 | 1 | 3 | 3 | 9 | 13 | 6 |
| Balzan Y. | 6 | 1 | 1 | 4 | 2 | 15 | 4 |
| Birzebbuga W. | 7 | 1 | 0 | 6 | 5 | 17 | 3 |
| Sirens | 6 | 0 | 1 | 5 | 2 | 15 | 1 |
| Mellieha | 6 | 0 | 0 | 6 | 0 | 19 | 0 |

## U15 – Sezzjoni Ċ1

| | |
|---|---|
| Zejtun C. vs Ghaxaq | 3-0 |
| Vittoriosa S. vs Gzira Utd. | 0-0 |
| Fgura Utd. vs Mgarr Utd. | 5-1 |
| Fgura Utd. vs Ghaxaq | 5-0 |
| Gudja Utd. vs Vittoriosa S. | 3-1 |
| Mgarr Utd. vs Zejtun C. | 1-1 |

## Klassifika U15 – Sezzjoni Ċ1

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zejtun C. | 3 | 2 | 1 | 0 | 9 | 2 | 7 |
| Fgura Utd. | 2 | 2 | 0 | 0 | 10 | 1 | 6 |
| Mgarr Utd. | 3 | 1 | 1 | 1 | 10 | 7 | 4 |
| Gudja Utd. | 2 | 1 | 1 | 0 | 4 | 2 | 4 |
| Gzira Utd. | 2 | 0 | 2 | 0 | 1 | 1 | 2 |
| Vittoriosa S. | 3 | 0 | 1 | 2 | 2 | 8 | 1 |
| Ghaxaq | 3 | 0 | 0 | 3 | 1 | 16 | 0 |

## U15 – Sezzjoni Ċ2

| | |
|---|---|
| Mqabba vs Dingli S. | 0-0 |
| Attard vs St.Venera Utd. | 1-1 |
| St.George' s vs Zebbug R. | 0-5 |
| Marsaxlokk vs Mqabba | 0-0 |
| Zebbug R. vs Attard | 0-2 |
| St.George' s vs St.Venera Utd. | 1-3 |

## Klassifika U15 – Sezzjoni Ċ2

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zebbug R. | 3 | 2 | 0 | 1 | 7 | 2 | 6 |
| Attard | 2 | 1 | 1 | 0 | 3 | 1 | 4 |
| Dingli S. | 2 | 1 | 1 | 0 | 2 | 0 | 4 |
| Sta. Venera Utd. | 3 | 1 | 1 | 1 | 4 | 4 | 4 |
| Mqabba | 2 | 0 | 2 | 0 | 0 | 0 | 2 |
| Marsaxlokk | 2 | 0 | 1 | 1 | 0 | 2 | 1 |
| St George` s | 2 | 0 | 0 | 2 | 1 | 8 | 0 |

## U15 – Sezzjoni Ċ3

| | |
|---|---|
| Luqa SA vs Xghajra T. | 2-2 |
| Msida SJ vs Zurrieq | 4-0 |
| Siggiewi vs Senglea A. | 3-1 |
| Lija - Iklin vs Msida SJ | 3-1 |
| Xghajra T. vs Siggiewi | 0-4 |
| Luqa SA vs Senglea A. | 3-1 |



## Klassifika U15 – Sezzjoni Ċ3

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Msida SJ | 3 | 2 | 0 | 1 | 9 | 4 | 6 |
| Siggiewi | 3 | 2 | 0 | 1 | 8 | 5 | 6 |
| Lija-Iklin | 2 | 2 | 0 | 0 | 5 | 2 | 6 |
| Luqa SA | 2 | 1 | 1 | 0 | 5 | 3 | 4 |
| Senglea A. | 3 | 1 | 0 | 2 | 4 | 6 | 3 |
| Xghajra T. | 3 | 0 | 1 | 2 | 2 | 8 | 1 |
| Zurrieq | 2 | 0 | 0 | 2 | 1 | 6 | 0 |

## U17 – Sezzjoni A

| | |
|---|---|
| St. Patrick vs St. Andrews | 4-0 |
| Rabat D. vs Melita A. | 1-1 |
| San Gwann vs Birkirkara | 2-2 |
| Floriana vs Melita A. | 0-2 |
| Valletta vs Paola H. | 1-2 |
| Birkirkara vs Rabat D | 1-3 |
| Naxxar L. vs Sliema W. | 1-0 |
| Paola H. vs St. Patrick | 2-0 |
| Pieta' H. vs St. Andrews | 7-0 |
| Valletta vs San Gwann | 0-1 |
| Naxxar L. vs Melita A. | 2-3 |
| Paola H. vs Floriana | 2-2 |
| Valletta vs St. Andrews | 5-0 |
| Birkirkara vs Pieta' H. | 0-5 |
| Sliema W. vs San Gwann | 0-0 |
| Sliema W. vs Floriana | 3-3 |
| Valletta vs Rabat D. | 0-0 |
| Paola H. vs Pieta' H. | 1-3 |
| St.Andrews vs San Gwann | 1-4 |
| Naxxar L. vs St. Patrick | 2-3 |






**Klassifika U17 – Sezzjoni A**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pieta' H. | 8 | 6 | 0 | 2 | 24 | 4 | 18 |
| Melita | 8 | 5 | 2 | 1 | 19 | 7 | 17 |
| Paola H. | 8 | 5 | 2 | 1 | 14 | 9 | 17 |
| San Gwann | 7 | 4 | 2 | 1 | 17 | 8 | 14 |
| Floriana | 7 | 4 | 2 | 1 | 20 | 12 | 14 |
| Rabat D. | 7 | 3 | 2 | 2 | 17 | 10 | 11 |
| Valletta | 8 | 3 | 2 | 3 | 14 | 11 | 11 |
| Birkirkara | 8 | 3 | 2 | 3 | 12 | 15 | 11 |
| St. Patrick | 7 | 2 | 0 | 5 | 8 | 18 | 6 |
| Naxxar L. | 7 | 2 | 0 | 5 | 9 | 20 | 6 |
| Sliema W. | 8 | 1 | 2 | 5 | 7 | 12 | 5 |
| St. Andrew' s | 9 | 0 | 0 | 9 | 3 | 38 | 0 |

**U17 – Sezzjoni B**

| | |
|---|---|
| Mosta vs Hamrun S. | 0-0 |
| Balzan Y. vs Pembroke A. | 2-2 |
| Msida SJ vs Attard | 1-1 |
| Sirens vs Tarxien R. | 1-3 |
| Zebbug R. vs Lija-Iklin | 2-3 |
| Msida SJ vs Pembroke A. | 1-2 |
| Tarxien R. vs Attard | 2-2 |
| Mosta vs Tarxien R. | 3-0 |
| Qormi vs Zebbug R. | 4-0 |
| Mellieha vs Sirens | 0-5 |
| Lija-Iklin vs Hamrun S. | 4-0 |
| Qormi vs Pembroke A. | 1-1 |
| Mellieha vs Tarxien R. | 0-1 |
| Sirens vs Attard | 0-3 |
| Msida SJ vs Hamrun S. | 0-1 |
| Sirens vs Qormi | 0-3 |
| Mellieha vs Balzan | 2-3 |
| Attard vs Lija-Iklin | 1-1 |
| Mosta vs Qormi | 2-3 |
| Balzan Y. vs Hamrun S. | 1-0 |
| Lija-Iklin vs Tarxien R. | 0-0 |
| Zebbug R. vs Attard | 1-1 |





**Klassifika U17 – Sezzjoni B**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hamrun S. | 9 | 7 | 1 | 1 | 17 | 3 | 22 |
| Qormi | 9 | 6 | 1 | 2 | 19 | 7 | 19 |
| Tarxien R. | 10 | 5 | 3 | 2 | 19 | 10 | 18 |
| Balzan Y. | 9 | 5 | 2 | 2 | 18 | 10 | 17 |
| Msida SJ | 9 | 5 | 2 | 2 | 15 | 7 | 17 |
| Mosta | 9 | 4 | 3 | 2 | 21 | 11 | 15 |
| Mellieha | 7 | 4 | 1 | 2 | 14 | 8 | 13 |
| Pembroke Ath. | 8 | 3 | 1 | 4 | 14 | 15 | 10 |
| Attard | 9 | 1 | 4 | 4 | 7 | 19 | 7 |
| Lija-Iklin | 9 | 1 | 3 | 5 | 7 | 20 | 6 |
| Zebbug R. | 9 | 1 | 1 | 7 | 9 | 28 | 4 |
| Sirens | 9 | 0 | 0 | 9 | 2 | 24 | 0 |

**U17 – Sezzjoni Ċ1**

| | |
|---|---|
| Siggiewi vs Marsaxlokk | 0-8 |
| Senglea A. vs Fgura U. | 1-3 |
| Kalkara SJ vs Gozo | 0-2 |
| Ghaxaq vs Sta. Venera U. | 3-2 |
| Marsaxlokk vs Dingli S. | 5-0 |
| Kalkara SJ vs Senglea A. | 3-4 |
| Siggiewi vs Ghaxaq | 3-3 |
| Gozo vs Senglea A. | 3-1 |
| Sta. Venera U. vs Siggiewi | 2-1 |
| Dingli S. vs Sta. Venera U. | 1-2 |
| Ghaxaq vs Fgura U. | 3-1 |
| Kalkara SJ vs Ghaxaq | 2-0 |
| Gozo vs Sta. Venera U. | 2-1 |
| Marsaxlokk vs Fgura U. | 2-2 |
| Siggiewi vs Dingli S. | 0-2 |

**Klassifika U17 – Sezzjoni Ċ1**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gozo | 7 | 7 | 0 | 0 | 35 | 2 | 21 |
| Kalkara SJ | 8 | 5 | 1 | 2 | 17 | 10 | 16 |
| Marsaxlokk | 7 | 4 | 1 | 2 | 22 | 7 | 13 |
| Senglea Ath. | 7 | 4 | 1 | 2 | 17 | 14 | 13 |
| Dingli S. | 8 | 3 | 2 | 3 | 8 | 14 | 11 |
| Fgura Utd. | 7 | 2 | 2 | 3 | 16 | 17 | 8 |
| Ghaxaq | 8 | 2 | 1 | 5 | 12 | 27 | 7 |
| Sta. Venera Utd. | 8 | 2 | 0 | 6 | 8 | 16 | 6 |
| Siggiewi | 8 | 0 | 2 | 6 | 13 | 41 | 2 |

**U17 – Sezzjoni Ċ 2**

| | |
|---|---|
| Kirkop U. vs Marsa | 2-0 |
| Gzira U. vs Vittoriosa S. | 1-1 |
| Mgarr U. vs Zurrieq | 7-1 |
| Birzebbuga W. vs Zurrieq | 1-0 |
| Mgarr U. vs St. George's | 3-0 |
| Gudja U. vs Kirkop U. | 0-3 |
| Marsa vs Mgarr U. | 1-5 |
| St. George's vs Gzira U. | 3-1 |
| Birzebbuga W. vs Kirkop U. | 0-3 |
| Marsa vs St. George's | 0-4 |
| Gudja Utd. vs Zurrieq | 0-1 |

**Klassifika U17 – Sezzjoni Ċ2**

| Timijiet | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kirkop Utd. | 7 | 5 | 2 | 0 | 22 | 2 | 17 |
| Mgarr Utd. | 6 | 5 | 1 | 0 | 21 | 4 | 16 |
| Birzebbuga W. | 7 | 5 | 1 | 1 | 15 | 7 | 16 |
| Zurrieq | 7 | 3 | 2 | 2 | 7 | 8 | 11 |
| St George` s | 7 | 3 | 0 | 4 | 14 | 11 | 9 |
| Gzira Utd. | 7 | 1 | 3 | 3 | 5 | 8 | 6 |
| Gudja Utd. | 7 | 1 | 2 | 4 | 10 | 11 | 5 |
| Marsa | 6 | 1 | 0 | 5 | 3 | 19 | 3 |
| Vittoriosa S. | 6 | 0 | 1 | 5 | 5 | 32 | 1 |









**Nurseries 22 fuq Education 22**

Nhar ta' Ħamis fis-7.00 pm

Nhar ta' Ġimgħa fl-10.00am (R)

Nhar ta' Sibt fl-4.30pm (R)

Il-Programm ta' informazzjoni dwar in-Nurseries

Ippreżentat minn Mario Pisani














## Fażi tal-Gruppi

**Grupp A – 04.11.2008 - 20.45 hrs**

**AS Roma** 3
C. Panucci 34, M. Vucinic 48, 58
**Chelsea** 1
J. Terry 75
HT 1-0 **Stadio Olimpico**

**AS Roma** – Doni, Cicinho, Philippe Mexes, Juan, Christian Panucci, Simone Perrotta (Rodrigo Taddei 72), Daniele De Rossi, David Pizarro, Matteo Brighi, Mirko Vucinic (John Arne Riise 88), Francesco Totti (Julio Baptista 61)
*Coach* – Luciano Spalletti
**Chelsea** – Petr Cech, Jose Bosingwa (Salomon Kalou 63), John Terry, Alex, Wayne Bridge, Deco, John Obi Mikel, Frank Lampard, Joe Cole (Juliano Belletti 46), Nicolas Anelka, Florent Malouda (Didier Drogba 46)
*Coach* – Luiz Felipe Scolari
Referee – Luis Medina Cantalejo (Spanja)
Tkeċċew – Deco 80 (C)

## Fażi tal-Gruppi

**Grupp B – 04.11.2008 - 20.45 hrs**

**Werder Bremen** 0
**Panathinaikos** 3
V. Mantzios 58, G. Karagounis 70, A. Tziolis 83
HT 0-0 **Weserstadion**

**Werder** – Tim Wiese, Sebastian Proedl (Clemens Fritz 46, Boubacar Sanogo 68), Per Mertesacker, Naldo, Petri Pasanen, Jurica Vranjes (Aaron Hunt 64), Frank Baumann, Diego, Mesut Ozil, Claudio Pizarro, Markus Rosenberg
*Coach* – Thomas Schaaf
**Panathinaikos** – Mario Galinovic, Mikael Nilsson, Loukas Vintra, Jose Sarriegi, Nikos Spiropoulos, Alexandros Tziolis, Gabriel (Bryce Moon 75), Simao, Gilberto Silva, Giorgios Karagounis (Giannis Goumas 79), Vangelis Mantzios (Dimitris Salpigidis 89)
*Coach* – Henk Ten Cate
Referee – Viktor Kassai (Ungerija)

## Fażi tal-Gruppi

**Grupp D – 04.11.2008 - 20.45 hrs**

**Liverpool** 1
S. Gerrard 95 pen
**Atletico Madrid** 1
M. Rodriguez 37
HT 0-1 **Anfield Road**

**Liverpool** – Pepe Reina; Alvaro Arbeloa, Jamie Carragher, Daniel Agger, Fabio Aurelio; Xabi Alonso, Javier Mascherano (Leiva Lucas 77); Dirk Kuyt, Steven Gerrard; Albert Riera (Ryan Babel 61); Robbie Keane (David N'Gog 71)
*Coach* – Rafael Benitez
**Atletico** – Leo Franco; Antonio Lopez, John Heitinga, Luis Perea, Mariano Pernia; Maxi Rodriguez, Paulo Assuncao, Maniche, Simao Sabrosa (Luis Garcia 90); Diego Forlan (Sergio Aguero 71), Raul Garcia
*Coach* – Javier Aguirre

Referee – Martin Hansson (Svezja)

## Fażi tal-Gruppi

**Grupp A – 04.11.2008 - 20.45 hrs**

**CFR Cluj** 1
Dani 9
**Bordeaux** 2
Y. Gourcuff 6, Wendel 38
HT 1-2 **Dr. Radulescu Stadium**

**Cluj** – Eduard Stancioiu; Tony (Cristian Panin 64), Cadu, De Sousa (Ciprian Deac 78), Alvaro Pereira; Sebastian Dubarbier, Dani, Sixto Peralta (Emmanuel Kone 68), Gabriel Muresan, Juan Culio; Yssouf Kone
*Coach* – Maurizio Trombetta
**Bordeaux** – Matthieu Valverde, Matthieu Chalme, Souleymane Diawara, Mark Planus, Franck Jurietti, Yoann Gouffran (David Bellion 77), Fernando, Yoann Gourcuff, Alou Diarra, Wendel (Gabriel Obertan 77), Marouane Chamakh
*Coach* – Laurent Blanc

Referee – Massimo Busacca (Svizzera)



## Fażi tal-Gruppi

**Grupp C – 04.11.2008 - 20.45 hrs**

**Sporting Lisbon** 1
Derlei 73
**Shakhtar Donetsk** 0

HT 0-0 **Jose Alvalade Stadium**

**Sporting** – Rui Patricio; Abel, Marco Caneira, Anderson Polga, Leandro Grimi; Fabio Rochemback, Miguel Veloso, Marat Izmailov (Pereirinha 93); Liedson, Joao Moutinho, Helder Postiga (Derlei 69)
*Coach* – Paulo Bento

**Shakhtar** – Andriy Pyatov; Darijo Srna, Olexandr Kucher, Dmytro Chygrynskiy, Razvan Rat; Jadson (Luiz Adriano 75), Tomas Hubschman (Mariusz Lewandowski 81), Fernandinho, William; Brandao, Marcelo Moreno
*Coach* – Mircea Luscescu

Referee – Alain Hamer (Lussemburgu)

## Fażi tal-Gruppi

**Grupp D – 04.11.2008 - 20.45 hrs**

**Olympique Marseille** 3
B. Kone 30, M. Niang 63, 71
**PSV Eindhoven** 0

HT 1-0 **Velodrome**

**Olympique** – Steve Mandanda; Laurent Bonnart, Lorik Cana, Vitorino Hilton, Taye Taiwo; Modeste M'Bami; Karim Ziani, Hatem Ben Arfa (Charles Kabore 74), Benoit Cheyrou; Bakari Kone (Mathieu Valbuena 82), Mamadou Niang (Elliot Grandin 86)
*Coach* – Erik Gerets

**PSV** – Andreas Isaksson; Dirk Marcellis, Timmy Simons, Eric Addo (Jan Kromkamp 66), Carlos Salcido; Stijn Wuytens, Edison Mendez, Otman Bakkal (Balazs Dzsudzsak 61); Ibrahim Afellay (Stefan Nijland 78), Danny Koevermans, Jason Culina
*Coach* – Huub Stevens

Referee – Nicola Rizzoli (Italja)

## Fażi tal-Gruppi

**Grupp B – 04.11.2008 - 20.45 hrs**

**Anorthosis Famagusta** 3
C. Bardon 31, G. Panagi 45, N. Frousos 50
**Inter** 3
M. Balotelli 13, M. Materazzi 44, J. Cruz 80

HT 2-2 **GSP Stadium**

**Anorthosis** – Arian Beqaj; Georgios Georgiou, Nicos Katsavakis, Andreas Constantinou, Jeffrey Leiwakabessy; Paulo Costa (Georgios Panagi 43), Cedric Bardon, (Predrag Ocokoljic 78), Sinisa Dobrasinovic, Vincent Laban, Hawar Taher; Nikolaos Frousos (Ioannis Skopelitis 63)
*Coach* – Temuri Ketsbaia

**Inter** – Julio Cesar; Maicon, Nicolas Burdisso (Patrick Vieira 58), Marco Materazzi, Javier Zanetti; Mancini (Maxwell 58), Dejan Stankovic (Julio Cruz 58), Esteban Cambiasso, Ricardo Quaresma; Mario Balotelli, Zlatan Ibrahimovic
*Coach* – Jose Mourinho

Referee – Laurent Duhamel (Franza)

## Fażi tal-Gruppi

**Grupp C – 04.11.2008 - 20.45 hrs**

**Barcellona** 1
L. Messi 62
**FC Basel** 1
E. Derdiyok 82

HT 0-0 **Nou Camp**

**Barcellona** – Victor Valdes; Carles Puyol, Rafael Marquez, Gerard Pique, Sylvinho; Victor Sanchez (Xavi 60), Sergi Busquets, Andres Iniesta (Samuel Eto'o 67), Aleksandr Hleb; Bojan Krkic (Lionel Messi 60), Thierry Henry
*Coach* – Pep Guardiola

**FC Basel** – Franco Costanzo; Reto Zanni, Beg Ferati, Francois Marque, Behrang Safari; Carlitos, Ivan Ergic, Benjamin Huggel, Valentin Stocker (Marcos Gelabert 83), Marko Perovic (Eduardo 59); Marco Streller (Eren Derdiyok 69)
*Coach* – Christian Gross

Referee – Alexandru Tudor (Rumanija)










Heineken®








### Fażi tal-Gruppi

**Grupp E – 05.11.2008 - 20.45 hrs**

**AaB Aalborg** 2
J. Curth 54, A. Due 81
**Villarreal** 2
G. Rossi 41, G. Franco 75
HT 0-1 **Aalborg Stadium**

**Aalborg** – Karim Zaza; Kasper Bogelund (Lasse Nielsen 75), Steve Olfers, Michael Jakobsen, Martin Pedersen; Thomas Enevoldsen, Thomas Augustinussen, Andreas Johansson, Anders Due; Jeppe Curth (Marek Saganowski 72), Caca (Kasper Risgard 79)
*Coach* – Allan Kuhn
**Villarreal** – Diego Lopez; Javi Venta, Gonzalo Rodriguez, Diego Godin, Joan Capdevila; Santi Cazorla, Marcos Senna, Edmilson (Mati Fernandez 82), Robert Pires (Cani 62); Giuseppe Rossi (Guille Franco 65), Joseba Llorente
*Coach* – Manuel Pellegrini

Referee – Bertrand Layec (Franza)

### Fażi tal-Gruppi

**Grupp F – 05.11.2008 - 20.45 hrs**

**Olympique Lyon** 2
Juninho 44, A. Reveillere 89
**Steaua Bucharest** 0
HT 1-0 **Gerland Stadium**

**Lyon** – Hugo Lloris; Anthony Reveillere, Cris, Jean-Alain Boumsong, Fabio Grosso; Kader Keita (Cesar Delgado 70), Juninho, Jeremy Toulalan, Jean Makoun, Ederson (Kim Kallstrom 70); Karim Benzema (Frederic Piquionne 83)
*Coach* – Claude Puel
**Steaua** – Robinson Zapata; George Ogararu, Dorin Goian, Sorin Ghionea, Petre Marin; Banel Nicolita, Mirel Radoi, Bogdan Stancu (Dayro Moreno 59), Tiago Gomes, Janos Szekely (Antonio Semedo 46) (Arthuro 81); Pantelis Kapetanos
*Coach* – Dorinel Munteanu
Referee – Manuel Mejuto (Spanja)

### Fażi tal-Gruppi

**Grupp H – 05.11.2008 - 20.45 hrs**

**BATE Borisov** 0

**Zenit St. Petersburg** 2
P. Pogrebnyak 34, Danny 94
HT 0-1 **Dinamo Stadium**

**BATE** – Sergei Veremko; Anri Khagush (Mikhail Sivakov 79), Vladimir Rzhevski (Vitali Kazantsev 58), Sergei Sosnovski, Aleksandr Yurevich, Dmitri Likhtarovich, Sergei Kryvets, Igor Stasevich, Pavel Nekhaychik (Vladislav Mirchev 76), Gennadi Bliznyuk, Vitali Rodionov
*Coach* – Viktor Goncharenko
**Zenit** – Vyacheslav Malafeyev; Alexander Anyukov, Ivica Krizanac, Radek Sirl, Sebastien Puygronier; Konstantin Zyryanov, Danny, Igor Denisov, Anatoliy Tymoshchuk; Pavel Pogrebnyak (Roman Shirokov 90), Andrei Arshavin (Tomas Hubocan 78)
*Coach* – Dick Advocaat
Referee – Stephane Lannoy (Franza)

### Fażi tal-Gruppi

**Grupp E – 05.11.2008 - 20.45 hrs**

**Celtic** 1
S. McDonald 13
**Manchester United** 1
R. Giggs 84
HT 1-0 **Celtic Park**

**Celtic** – Artur Boruc; Andreas Hinkel, Stephen McManus, Gary Caldwell, Mark Wilson; Scott Brown, Paul Hartley, Barry Robson, Shaun Maloney (Darren O'Dea 76); Cillian Sheridan (Massimo Donati 64), Scott McDonald (Ben Hutchinson 82)
*Coach* – Gordon Strachan
**Man Utd** – Ben Foster; Rafael (Patrice Evra 66), Rio Ferdinand, Nemanja Vidic, John O'Shea; Cristiano Ronaldo, Darren Fletcher, Michael Carrick, Nani (Dimitar Berbatov 46); Carlos Tevez (Wayne Rooney 71), Ryan Giggs
*Coach* – Alex Ferguson

Referee – Tom Henning Ovrebo (Norveġja)



## Fażi tal-Gruppi

**Grupp G – 05.11.2008 - 20.45 hrs**

**Dinamo Kiev** 1
Artem Milevskiy 21
**FC Porto** 2
Rolando 69, L. Gonzalez 92
HT 1-0 **Valeri Lobanovskiy Stadium**

**Dinamo** – Stanislav Bogush; Betao, Pape Diakhate, Taras Mikhalik, Andriy Nesmachniy; Roman Eremenko, Ognjen Vukojevic, Tiberiu Ghioane (Ismael Bangoura 60), Badr El Kaddouri; Olexandr Aliyev, Artem Milevskiy
*Coach* – Yuri Semin

**Porto** – Helton; Cristian Sapunaru (Pele 68), Rolando, Bruno Alves, Pedro Emanuel (Lino 78); Tarik Sektioui (Hulk 46); Lucho Gonzalez, Fernando, Raul Meireles, Cristian Rodriguez; Lisandro Lopez
*Coach* – Jesualdo Ferreira

Fit-tellieqa tan-nisa kien hemm riżultat ieħor viċin fejn Giselle Camilleri għelbet l-isfida ta' Carmen Hili.

"M'għamiltx il-massimu li stajt għaliex l-għan tiegħi kien li nuża din it-tellieqa bħala test," qalet Camilleri. "Ma ġrejtx mill-aħħar 5km ta' Birkirkara, għaliex wara dik it-tellieqa bdejt inħoss xi uġigħ f'saqajja u kelli noqgħod il-bogħod mit-taħriġ."

Fit-tielet post daħlet Marisa Muscat, it-tielet atleta tas-St. Patrick's AC u atleta li qiegħda tkun konsistenti u dawn il-klassifikazzjonijiet min-naħa tagħha saru kostanti.

"Il-mertu jmur għall-kowċ tiegħi Roger Zammit," qalet Muscat waqt li tkellmet dwar is-sodisfazzjon għar-riżultat miksub.

"Għal dawn l-aħħar erba' xhur kont qiegħda nitħarreġ miegħu regolarment darbtejn fil-ġimgħa. Mhux faċli, speċjalment fis-sajf, iżda r-riżultati qiegħdin jidhru."

Sfortunatament Muscat ma pparteċipatx fit-tieni tellieqa tar-Road Running League minħabba injury, l-istess bħal Jonathan Balzan, iżda dan għażel li jżomm lura milli jiġri biex jiffoka u jipprepara għall-Malta Challenge Marathon.

Għan-nuqqas tagħhom, pattew zewg ritorni mportanti. L-ewwel wieħed kien dak ta' Carol Walsh fejn l-atleta veterana xorta waħda għadha f'forma dominanti minkejja l-eta' tagħha.

Mertu ta' dan imur għand l-atleta tal-Pembroke Athleta, għalkemm jibqa' ferm inkwetanti l-fatt kif l-atletika Maltija sal-lum ma rnexxiliex issib l il xi ħadd li kapaċi jieqaf quddiem id-dominju tagħha.

Fir-rotta pittoreska tal-Maqluba, Walsh rebħet f'ħin ta' 38:08 u b'vantaġġ komdu ta' aktar minn erbgħin sekonda fuq l-atleta fit-tieni post, Giselle Camilleri. Carmen Hili spiċċat fit-tielet post.

Fost l-irġiel, kien hemm l-aħbar feliċi ta' klassifikazzjoni mportanti minn Kevin Zammit. Xi snin ilu Zammit kien indubjament fost l-aqwa talenti tal-ġiri fit-toroq f'pajjiżna. Injury li sofra żammitu l-bogħod minn dan l-isport għal żmien twil, iżda issa jidher li lest biex jirritorna bil-kbir.

Ħin ta' 33:43 ma kienx biżżejjed biex huwa jirbaħ fil-Maqluba, dak l-unur reġa' mar għand Haithem Kisheim li jidher li se jiddomina din is-sena, iżda Zammit fi sprint finali rnexxielu jaqla' lil Charles Cilia.

**Riżultati f'Ħaż Żebbuġ (L-Ewwel Ġurnata)**

Rġiel:

1. Haithem Ksheim (St Patrick's) 32:01;
2. Jonathan Balzan (St Patrick's) 32:29;
3. Brian Magri (Pembroke Athleta) 32:58;
4. Charles Cilia (Mellieħa) 33:44;
5. Gerald Grech (AS Libertas) 33:45.

Nisa:

1. Giselle Camilleri (St Patrick's) 38:51;
2. Carmen Hili (St Patrick's) 39:15;
3. Marisa Muscat (St Patrick's) 40:43;
4. Nadia Portelli (Pembroke Athleta) 41:07;
5. Doreen Vella (Żurrieq Wolves) 41:20.

**Riżultati f'Tal-Maqluba (It-Tieni Ġurnata)**

Rġiel:

1. Haithem Ksheim (St Patrick's) 33:18;
2. Kevin Zammit (AS Libertas) 33:43;
3. Charles Cilia (Mellieħa) 33:45;
4. Brian Magri (Pembroke Athleta) 34:05;
5. Mario Pisani (Pembroke Athleta) 34:27.

Nisa:

1. Carol Walsh (Pembroke Athleta) 38:08;
2. Giselle Camilleri (St Patrick's) 38:53;
3. Carmen Hili (St Patrick's) 39:28;
4. Francesca Arrigo (Ladies Running Club) 41:36;
5. Nadia Portelli (Pembroke Athleta) 42:29



Carol Walsh



Haithem Ksheim

# Tepchaiya Un-Nooh Champion tad-Dinja

minn Vincent Pisani

## Prestazzjoni tajba minn Alex Borg u Simon Zammit

It-Tajlandiż Tepchaiya Un-Nooh rebaħ il-Kampjonat Mondjali ta' l-iSnooker li saru f'Wels, fl-Awstrija, meta fil-final għeleb lil Colm Gilcreest ta' l-Irlanda bl-iskor ta' 11-7. Meta wieħed iqis li s-sena l-oħra kemm Alex Borg u kif ukoll Simon Zammit sfaw eliminati mill-fażi tal-gruppi fl-istess Kampjonati tad-Dinja ta' l-iSnooker, nistgħu ngħidu li fl-edizzjoni ta' l-2008 għamilna progress kbir u dan għaliex iż-żewġ plejers Maltin mhux biss għaddew mill-fażi tal-gruppi, iżda komplew javvanzaw u kien biss fl-aħħar 16 u fl-aħħar 32 li Borg u Zammit sfaw eliminati. Iż-żewġ atleti Maltin rebħu ħames logħbiet kull wieħed u tilfu tnejn fil-Fażi tal-Gruppi.


Thepchaiya Un-Nooh


Alex Borg


It-tim Malti flimkien ma' Vincent Pisani


Simon Zammit

Fil-fażi eliminatorja Alex Borg rebaħ lil Mohsen Bukshesha tal-Qatar bl-iskor ta' 4-2, filwaqt li Simon Zammit għeleb lill-Awstraljan Glen Wilkinson bl-iskor ta' 4-3, biex it-tnejn għaddew ma' l-aħħar 32 plejer fil-kompetizzjoni. F'dan ir-round Alex Borg kompla javvanza għal ma' l-aħħar 16 meta għeleb lil eks-plejer professjonali u champion tad-dinja Kirk Stevens tal-Kanada bl-iskor ta' 5-3, filwaqt li Simon Zammit kien megħlub mill-plejer Malti Awstraljan Steve Mifsud bl-iskor ta' 2-5. Alex Borg kien eliminat fil-fażi ta' l-aħħar 16 meta tilef mal-finalist Colm Gilcreest ta' l-Irlanda bl-iskor ta' 2-5. Ta' min isemmi li Alex Borg irnexxielu jagħmel żewġ breaks kbar ta' 114 u 100, filwaqt li Simon Zammit għamel break ta` 100.

Tony Mifsud, li ppreżenta lil Malta fil-Kampjonat Mondjali tal-Masters, rebaħ żewġ logħbiet u tilef erbgħa biex wara l-impenji tiegħu fil-grupp spiċċa fil-ħames post minn seba' kompetituri.

Matul il-kampjonat, il-plejers Maltin dehru ħafna aktar trankwilli mis-snin ta' qabel u meta jkollok plejer bħal Tony Mifsud mal-kontiġent, fejn biċ-ċajt tiegħu ferraħ lil kulħadd, allura l-atmosfera kienet waħda tajba u dan kollu għen biex ir-riżultat miksub mit-tliet atleti Maltin ikun wieħed ta' sodisfazzjon. Il-president tal-MBSA, is-Sur Joe Caruana Curran, mhux biss kien f'kuntatt kontinwu mal-plejers iżda sab iż-żmien ukoll sabiex jingħaqad mal-kontinġent ġewwa l-Awstrija għall-aħħar ġranet tal-kompetizzjoni.

Din l-armonija li teżisti fl-assoċjazzjoni tawgura tajjeb sabiex ikompli jitwettaq xogħol siewi li jwassal lill-plejers lokali għal aktar suċċessi, f'dixxiplina sportiva li fil-passat tatna diversi suċċessi mportanti fuq skala nternazzjonali.

### L-Ogħla Breaks

| | |
|---|---|
| Thepchaiya Un-Nooh | 143, 139, 111, 96, 91, 89, 88, 86, 86, 83, 78, 73, 69, 69, 69, 67, 64, 62, 61, 61, 60, 54, 54, 53, 50, 50, 50 |
| Colm Gilcreest | 142, 102, 102, 96, 91, 89, 88, 87, 75, 70, 70, 70, 69, 66, 65, 61, 59, 59, 56, 55, 54, 53, 52, 50 |
| Julian Logue | 138, 104, 97, 94, 76, 69, 63, 57, 54, 50, 50 |
| David Donovan | 138, 99, 71, 61, 59, 55 |
| Darren Morgan | 136, 112, 109, 103, 95, 85, 84, 84, 81, 76, 74, 65, 63, 62, 53, 51 |
| Xiao Guodong | 123, 110, 93, 91, 89, 89, 87, 85, 85, 80, 77, 72, 70, 68, 64, 61, 60, 59, 58, 54, 53 |
| Ben Hancorn | 123, 103, 72, 71, 56, 55, 51, 43 |
| Soheil Vahedi | 121, 87, 87, 80, 72, 63, 57, 54, 52, 51, 51 |
| Ratchapol Pu-Ob-Orm | 118, 110, 78, 72, 71, 64, 58, 56, 53, 52 |
| Mohamed Shehab | 118, 87, 85, 83, 81, 74, 71, 70, 69, 68, 67, 64, 56, 54 |
| Mohammed Ahmed Samy | 118, 84, 70, 63, 60, 55, 51 |
| Jean-Marc Beauchamp | 118, 77 |
| Saleh Mohammad | 117, 70, 67, 63, 63, 55, 50 |
| Alex Borg | 114, 100, 90, 82, 75, 73, 60, 60, 59, 51, 50 |
| Brendan O'Donoghue | 114, 88, 61, 58, 52, 52 |
| Lee Page | 108, 87, 78, 68, 63, 63, 62, 62, 61, 55, 53, 53 |
| Steve Mifsud | 107, 92, 92, 72, 68, 65, 62, 58, 57, 53, 51, 51, 51 |
| Sourav Kothari | 107, 68, 66, 59, 53 |
| Kevin Van Hove | 104, 76, 65, 56, 50 |
| Lim Chun Kiat Marvin | 104, 55, 53 |
| Kirk Stevens | 103, 90, 66, 64, 63, 54 |
| Au Chi-Wai | 103, 87, 81, 77, 62, 60, 57, 56, 52, 50 |
| Michael Collumb | 103, 82, 79, 63, 58 |
| Jordan Brown | 100, 99, 96, 57, 50, 50 |
| Khurram Hussain Agha | 100, 73, 64, 62, 55, 53, 53 |
| Simon Zammit | 100, 67, 57, 56, 54 |

# Gruppi Round Robin

| Grupp A | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Ratchapol Pu-Ob-Orm | 7 | 7 | 0 | 28 | 4 | 24 |
| Kirk Stevens | 7 | 6 | 1 | 25 | 13 | 12 |
| Simon Zammit | 7 | 5 | 2 | 21 | 14 | 7 |
| Michael Collumb | 7 | 4 | 3 | 21 | 15 | 6 |
| Roger Dumortier | 7 | 3 | 4 | 18 | 19 | -1 |
| George Louca | 7 | 2 | 5 | 15 | 20 | -5 |
| Shuji Hase | 7 | 1 | 6 | 9 | 24 | -15 |
| Manuel Urban | 7 | 0 | 7 | 0 | 28 | -28 |

| Grupp B | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Colm Gilcreest | 6 | 6 | 0 | 24 | 1 | 23 |
| Wael Talaat | 6 | 5 | 1 | 20 | 11 | 9 |
| Ben Judge | 6 | 4 | 2 | 19 | 16 | 3 |
| Henrikas Strolis | 6 | 2 | 4 | 17 | 20 | -3 |
| Bernhard Müllner | 6 | 2 | 4 | 12 | 17 | -5 |
| Ede Dunai | 6 | 2 | 4 | 12 | 18 | -6 |
| Francisco Rodriguez | 6 | 0 | 6 | 3 | 24 | -21 |

| Grupp Ċ | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Manan Chandra | 6 | 6 | 0 | 24 | 5 | 19 |
| Brendan O'Donoghue | 6 | 4 | 2 | 20 | 10 | 10 |
| Chan Kwok-ming | 6 | 4 | 2 | 18 | 11 | 7 |
| Manuel Peter Francisco | 6 | 3 | 3 | 16 | 13 | 3 |
| Michal Zielinski | 6 | 3 | 3 | 13 | 15 | -2 |
| Alexander Pichler | 6 | 1 | 5 | 7 | 20 | -13 |
| Igor Khatin | 6 | 0 | 6 | 0 | 24 | -24 |

| Grupp D | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Ahmed Seif | 6 | 5 | 1 | 21 | 6 | 15 |
| Sourav Kothari | 6 | 5 | 1 | 20 | 6 | 14 |
| Danny Lathouwers | 6 | 5 | 1 | 21 | 7 | 14 |
| Felix Pleschek | 6 | 3 | 3 | 13 | 16 | -3 |
| Yusuke Tanaka | 6 | 2 | 4 | 11 | 17 | -6 |
| Franz Staehli | 6 | 1 | 5 | 10 | 20 | -10 |
| Abdurahman El Dalli | 6 | 0 | 6 | 0 | 24 | -24 |

| Group E | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Ben Hancorn | 7 | 7 | 0 | 28 | 7 | 21 |
| Mohamed Al Joaker | 7 | 5 | 2 | 23 | 16 | 7 |
| Saleh Mohammad | 7 | 4 | 3 | 23 | 18 | 5 |
| Robert Bütof | 7 | 4 | 3 | 20 | 17 | 3 |
| Juha Erkinmikko | 7 | 3 | 4 | 19 | 17 | 2 |
| Chih-Hua Huang | 7 | 3 | 4 | 14 | 22 | -8 |
| Mohamed Elhamy | 7 | 2 | 5 | 17 | 21 | -4 |
| Bogdan Cozmaciuc | 7 | 0 | 7 | 2 | 28 | -26 |

| Grupp F | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Lee Page | 7 | 7 | 0 | 28 | 9 | 19 |
| Lasse Münstermann | 7 | 6 | 1 | 26 | 9 | 17 |
| Lim Chun Kiat Marvin | 7 | 5 | 2 | 24 | 13 | 11 |
| Marcin Nitschke | 7 | 4 | 3 | 23 | 15 | 8 |
| Jeff Szafransky | 7 | 3 | 4 | 14 | 22 | -8 |
| Paul Schopf | 7 | 2 | 5 | 14 | 23 | -9 |
| Thomas Fischer | 7 | 1 | 6 | 13 | 27 | -14 |
| Markus Sallaberger | 7 | 0 | 7 | 4 | 28 | -24 |

| Grupp Ġ | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Darren Morgan | 7 | 7 | 0 | 28 | 8 | 20 |
| Thepchaiya Un-Nooh | 7 | 6 | 1 | 26 | 5 | 21 |
| Lin Tang Ho | 7 | 5 | 2 | 21 | 11 | 10 |
| Anthony Brabin | 7 | 3 | 4 | 18 | 19 | -1 |
| Christoffer Koba | 7 | 3 | 4 | 14 | 20 | -6 |
| Lior Pinhas | 7 | 2 | 5 | 14 | 22 | -8 |
| Ajeya Prabhakar | 7 | 1 | 6 | 9 | 27 | -18 |
| Peter Pertiller | 7 | 1 | 6 | 8 | 26 | -18 |

| Grupp Ħ | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Pankaj Advani | 7 | 7 | 0 | 28 | 13 | 15 |
| Alex Borg | 7 | 5 | 2 | 24 | 10 | 14 |
| Thomas McSorley | 7 | 5 | 2 | 22 | 14 | 8 |
| Jordan Brown | 7 | 4 | 3 | 21 | 17 | 4 |
| Henry Killian | 7 | 4 | 3 | 20 | 20 | 0 |
| Sebastian Hainzl | 7 | 2 | 5 | 17 | 23 | -6 |
| Jean-Marc Beauchamp | 7 | 1 | 6 | 15 | 25 | -10 |
| Robert Trinbacher | 7 | 0 | 7 | 3 | 28 | -25 |

| Grupp J | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Xiao Guodong | 7 | 7 | 0 | 28 | 3 | 25 |
| Kevin Van Hove | 7 | 6 | 1 | 25 | 10 | 15 |
| Mohammed Ahmed Samy | 7 | 5 | 2 | 22 | 13 | 9 |
| Jyri Virtanen | 7 | 3 | 4 | 18 | 17 | 1 |
| Garry Balter | 7 | 3 | 4 | 15 | 19 | -4 |
| Jeff Kennedy | 7 | 3 | 4 | 15 | 21 | -6 |
| Al-Urfy Bairaq | 7 | 1 | 6 | 8 | 25 | -17 |
| Denis Cretu | 7 | 0 | 7 | 5 | 28 | -23 |

| Grupp K | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Au Chi-Wai | 7 | 6 | 1 | 26 | 7 | 19 |
| Patrick Einsle | 7 | 6 | 1 | 25 | 8 | 17 |
| Glen Wilkinson | 7 | 6 | 1 | 24 | 11 | 13 |
| Amir Sarkhosh | 7 | 4 | 3 | 20 | 14 | 6 |
| Hans Nirnberger | 7 | 3 | 4 | 18 | 18 | 0 |
| Khaled Abumadass | 7 | 2 | 5 | 10 | 22 | -12 |
| Andrey Vil | 7 | 1 | 6 | 8 | 24 | -16 |
| Tomas Granskas | 7 | 0 | 7 | 1 | 28 | -27 |

| Grupp L | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Yu Delu | 7 | 7 | 0 | 28 | 7 | 21 |
| Mohamed Shehab | 7 | 5 | 2 | 22 | 9 | 13 |
| Soheil Vahedi | 7 | 5 | 2 | 22 | 10 | 12 |
| Julian Logue | 7 | 5 | 2 | 22 | 11 | 11 |
| Pål Vantara | 7 | 3 | 4 | 13 | 19 | -6 |
| Ahmad Okaily | 7 | 2 | 5 | 12 | 22 | -10 |
| Kim Chau Zi | 7 | 1 | 6 | 7 | 25 | -18 |
| David Perez | 7 | 0 | 7 | 5 | 28 | -2 |

| Grupp M | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Martin McCrudden | 7 | 7 | 0 | 28 | 6 | 22 |
| David Donovan | 7 | 5 | 2 | 22 | 16 | 6 |
| Krzysztof Wróbel | 7 | 4 | 3 | 21 | 16 | 5 |
| Mohsen Bukshesha | 7 | 4 | 3 | 21 | 18 | 3 |
| Robert Burda | 7 | 3 | 4 | 17 | 18 | -1 |
| Shu-Hung Lin | 7 | 3 | 4 | 13 | 17 | -4 |
| Gary Gillard | 7 | 2 | 5 | 14 | 23 | -9 |
| Alexander Trinkl | 7 | 0 | 7 | 6 | 28 | -22 |

| Grupp N | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Plejer | Lagħab | Rebaħ | Tilef | Favur | Kontra | Diff. |
| Khurram Hussain Agha | 7 | 6 | 1 | 25 | 7 | 18 |
| Steve Mifsud | 7 | 6 | 1 | 26 | 8 | 18 |
| Craig Steadman | 7 | 6 | 1 | 21 | 7 | 14 |
| Francois Ellis | 7 | 4 | 3 | 19 | 15 | 4 |
| Omar Mounchid | 7 | 2 | 5 | 12 | 17 | -5 |
| Yan Kunis | 7 | 2 | 5 | 14 | 21 | -7 |
| Richard Kornberger | 7 | 2 | 5 | 8 | 25 | -17 |
| Rudolf Schiefermair | 7 | 0 | 7 | 3 | 28 | -25 |

## L-Aħħar 64 – Knock Out

| L-Aħħar 64<br>L-Aqwa minn 7 | L-Aħħar 32<br>L-Aqwa minn 9 | L-Aħħar 16<br>L-Aqwa minn 9 | Kwarti Finali<br>L-Aqwa minn 11 | Semi Finali<br>L-Aqwa minn 13 | Final<br>L-Aqwa minn 21 |
|---|---|---|---|---|---|
| | Colm Gilcreest - 5 | | | | |
| Saleh Mohammad - 4 | Saleh Mohammad - 2 | Colm Gilcreest - 5 | | | |
| Kevin Van Hove - 3 | | | | | |
| Alex Borg - 4 | | | | | |
| Mohsen Bukshesha - 2 | Alex Borg - 5 | Alex Borg - 2 | Colm Gilcreest - 6 | | |
| Francois Ellis - 1 | Kirk Stevens - 3 | | | | |
| Kirk Stevens - 4 | | | | | |
| | Lee Page - 5 | | | | |
| Felix Pleschek - 1 | Mohamed Shehab - 4 | Lee Page - 5 | Lee Page - 5 | Colm Gilcreest - 7 | |
| Mohamed Shehab - 4 | | | | | |
| Patrick Einsle - 4 | | | | | |
| Manuel Peter Francisco - 1 | Patrick Einsle - 4 | Darren Morgan - 1 | | | |
| | Darren Morgan - 5 | | | | |
| | Martin McCrudden - 5 | | | | |
| Thomas McSorley - 2 | Mohamed Al Joaker - 1 | Martin McCrudden - 5 | | | |
| Mohamed Al Joaker - 4 | | | | | |
| Glen Wilkinson - 3 | | | | | |
| Simon Zammit - 4 | Simon Zammit - 2 | Steve Mifsud - 3 | Martin McCrudden - 5 | Soheil Vahedi - 5 | Colm Gilcreest - 7 |
| | Steve Mifsud - 5 | | | | |
| Ahmed Seif - 2 | | | | | |
| Marcin Nitschke - 4 | Marcin Nitschke - 5 | | | | |
| Anthony Brabin - 3 | Mohammed Ahmed Samy-2 | Marcin Nitschke - 3 | Soheil Vahedi - 6 | | |
| Mohammed Ahmed Samy - 4 | | | | | |
| Soheil Vahedi - 4 | | | | | |
| Henrikas Strolis - 0 | Soheil Vahedi - 5 | Soheil Vahedi - 5 | | | |
| | Manan Chandra - 1 | | | | |
| | Ratchapol Pu-Ob-Orm - 5 | | | | |
| Danny Lathouwers - 3 | Brendan O'Donoghue - 1 | Ratchapol Pu-Ob-Orm - 4 | | | |
| Brendan O'Donoghue - 4 | | | | | |
| Wael Talaat - 4 | | | | | |
| Lim Chun Kiat Marvin - 2 | Wael Talaat - 2 | Thepchaiya Un-Nooh - 5 | Thepchaiya Un-Nooh - 6 | | |
| Jordan Brown - 3 | Thepchaiya Un-Nooh - 5 | | | | |
| Thepchaiya Un-Nooh - 4 | | | | | |
| | Au Chi-Wai - 4 | | | | |
| Jyri Virtanen - 2 | Khurram Hussain Agha - 5 | Khurram Hussain Agha - 1 | Yu Delu - 5 | Thepchaiya Un-Nooh - 7 | Thepchaiya Un-Nooh - 11 |
| Khurram Hussain Agha - 4 | | | | | |
| David Donovan - 4 | | | | | |
| Robert Bütof - 0 | David Donovan - 4 | Yu Delu - 5 | | | |
| | Yu Delu - 5 | | | | |
| | Ben Hancorn - 5 | | | | |
| Ben Judge - 4 | Ben Judge - 3 | Ben Hancorn - 1 | | | |
| Sourav Kothari - 2 | | | | | |
| Chan Kwok-ming - 2 | | | | | |
| Craig Steadman - 4 | Craig Steadman - 3 | Pankaj Advani - 5 | Pankaj Advani - 2 | Xiao Guodong - 4 | |
| | Pankaj Advani - 5 | | | | |
| Lasse Münstermann - 4 | | | | | |
| Michael Collumb - 3 | Lasse Münstermann - 0 | | | | |
| Julian Logue - 4 | Julian Logue - 5 | Julian Logue - 0 | Xiao Guodong - 6 | | |
| Lin Tang Ho - 0 | | | | | |
| Krzysztof Wróbel - 0 | | | | | |
| Amir Sarkhosh - 4 | Amir Sarkhosh - 3 | Xiao Guodong - 5 | | | |
| | Xiao Guodong - 5 | | | | |

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 24 t'Ottubru 2008

**Race 1 - Bronze 6 - 2640m - (1'18"8)**
1. Kala Azar (Mallia Anthony)
2. Hiklande De Monti (Demanuele Tony)
3. Karnak Du Caux (Micallef Raymond)
4. Glowing Star (Attard Gorg)

**Race 2 - Bronze 5 - 2640m - (1'18"8)**
1. Numa Du Goutier (Ellul Michael)
2. Brightlight Sib (Cortis Alex)
3. Monsieur Shane (McKay Herman)
4. Juaben (Farrugia Julian)

**Race 3 - Bronze 3 - 2640m - (1'18"9)**
1. King De Piencourt (Cutajar Saviour)
2. Dandy (Polidano Robert)
3. katuelo (Baldacchino Noel)
4. Alpajada Kort (Gatt Rodney)

**Race 4 - Silver 5 - 2640m - (1'16"1)**
1. Libre Echange (Ellul Michael)
2. Le Breton Mabon (Hili Brian)
3. Alfa Spider (Farrugia Julian)
4. What`s Up (Briffa Oliver)

**Race 5 - Gold 3 - 2640m - (1'16"7)**
1. CK Mack (Clifton Raymond)
2. Joker Merett (Baldacchino Noel)
3. Illico De Reville (Agius Peter)
4. Coffeeshop CF (Camilleri Charles)

**Race 6 - Bronze 2 - 2640m - (1'17"8)**
1. L`Eperon D`Or (Attard Gorg)
2. L`Orne (Falzon Mario)
3. Xenia Mic (Ellul Michael)
4. Leader Changerie (Portelli Shaun)

**Race 7 - Gold 5 - 2640m - (1'17"0)**
1. Espace Aerien (Gatt Rodney)
2. Krac De Perran (Galea David)
3. Kapri Du Donjon (Borg Mario)
4. Kif Du Heurt (Farrugia Andrew)

**Race 8 - Silver 3 - 2640m - (1'20"5)**
1. Lotus Du Goth (Spiteri Andrew)
2. Lancaster (Tanti Frans)
3. Klaxon De La Croix (Refalo Vincent)
4. Camelot As (Agius Peter)

**Race 9 - Silver 4 - 2640m - (1'16"7)**
1. Larissa Du Breil (Calleja Clifforty)
2. Biggles Coquet (Vassallo Jason)
3. Gigo Lloyd (Dalli Fidel)
4. Piperhurst (Falzon Mario)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 2 ta' Novembru 2008

**Race 1 - Bronze 3 - 2640m - (1'19"4)**
1. Locco Del Sol (Cutajar Frans)
2. Catchme If You Can (Farrugia Karmenu)
3. Kenor Celeste (Clifton Raymond)
4. Joscano (Camilleri Charles)

**Race 2 - Bronze 3 - 2140m - (1'16"5)**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Lass Peace (Gatt Rodney)
2. Mackbrain (Schembri Johan)
3. Duke Kinney (Bartolo Joseph)
4. Super Chic (Ellul Michael)

**Race 3 - Premier - 2140m - (1'14"9)**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Think Yatzee (Vassallo Clint)
2. Staro Tonic (Camilleri Charles)
3. Widget (Ellul Michael)
4. Special Attention (Farrugia Julian)

**Race 4 - Silver 3 - 2140m - (1'15"9)**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Vip River (Camilleri Charles)
2. Handy (Mifsud Mark)
3. Syllabub (Gatt Rodney)
4. Patriarque (Farrugia Julian)

**Race 5 - Bronze 3 - 2140m - (1'16"0)**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Rybo Linus (Vella Salvu)
2. Goldbowler (Portelli Shaun)
3. Echo Lloyd (Farrugia Karmenu)
4. Gubben Karsk (Schembri Gorg)

**Race 6 - Premier - 2640m - (1'14"9)**
1. Joker De Choisel (Cassar Frencu)
2. Inkato (Farrugia Julian)
3. James De l`Iton (Micallef Raymond)
4. Knock De Manche (McKay Herman)

**Race 7 - Gold 3 - 2140m - (1'15"6)**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Royal Pointer (Farrugia Julian)
2. Charlie Smitt (Debono Charlo)
3. Tough East (Mizzi Darren)
4. Noble Spirit (Baldacchino Noel)

**Race 8 - Premier - 2140m - (1'16"4)**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Bello Fratello (Spagnol Anthony Jn.)
2. Schejken Bill (Xerri Jeffrey)
3. Hudson Blue (Briffa John)
4. Red River (Debono Charlo)

**Race 9 - Silver 3 - 2140m - (1'15"6)**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Agobra Bingo (Portelli Frank)
2. Freedom Hyppinge (Camilleri Charles)
3. Millennium Guy (Falzon Mario)
4. Flying Spur (Demanuele Tony)

**Race 10 - Gold 3 - 2140m - (1'15"3)**
**Swedish U-Bet Championship**
1. Emil Brebro (Zammit Brian)
2. Lajos Useful (Bartolo Anthony)
3. BWT Mensroom (Refalo Claudio)
4. Freak (Camilleri Charles)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 7 ta' Novembru 2008

**Race 1 - Bronze 2 - 3140m - (1'19"6)**
1. L`Orne (Falzon Mario)
2. Carmolas Prick (Demanuele Tony)
3. Killer De Caveland (Clifton Charles)
4. Leader Changerie (Portelli Shaun)

**Race 2 - Silver 1 - 3140m - (1'18"2)**
1. Intrus Des Rioults (Micallef Carmelo)
2. Land Du Vivier (Schembri Gorg)
3. Latif (Fenech Mario)
4. G Force Son (Zammit Brian)

**Race 3 - Bronze Selection - 2140m - (1'17"5)**
**Krafft Championship**
1. Geo Hovmand (Calleja Clifforty)
2. Ilex Garden (Farrugia Julian)
3. Brightlight Sib (Cortis Alex)
4. Vegas Heikant (Zammit Brian)

**Race 4 - Bronze Selection - 2140m - (1'16"3)**
**Krafft Championship**
1. Regal Trot (Mallia Etienne)
2. Lotus (Muscat George)
3. Hotchemin (Schembri Gorg)
4. What`s Up (Briffa Oliver)

**Race 5 - Silver Selection - 2140m - (1'15"7)**
**Krafft Championship**
1. Joker Pitstop (Camilleri Charles)
2. Jet Star (Bezzina Eric)
3. Giovanni DK (Debattista Joe)
4. Garden Pax (Baldacchino Noel)

**Race 6 - Gold Selection - 2140m - (1'16"3)**
**Krafft Championship**
1. Espace Aerien (Gatt Rodney)
2. Dream Man (Camilleri Charles)
3. Indian Attack (Baldacchino Noel)
4. Thankful Major (Farrugia Julian)

**Race 7 - Premier Selection - 2140m - (1'15"7)**
**Krafft Championship**
1. Glory Cowboyland (Cauchi Omar)
2. Panhandle Hall (Manfred Baumann (AT))
3. Quack Pot (Vassallo Clint)
4. Incisa Real (Camilleri Charles)

**Race 8 - Gold 5 - 3140m - (1'18"6)**
1. Korentin (Baldacchino Noel)
2. Faverol (Micallef Carmelo)
3. Sakura Victory (Camilleri Charles)
4. Ksar (Clifton Charles)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 9 ta' Novembru 2008

**Race 1 - Bronze 5 - 3140m - (1'18"3)**
1. Numa Du Goutier (Ellul Michael)
2. Chagall Mistral (Gatt Rodney)
3. Kolk Barbes (Magro Joseph (Naghal))
4. Jim Castelets (Farrugia Andre)

**Race 2 - Bronze 3 - 3140m - (1'19"5)**
1. Le Tadzio (Mizzi Darren)
2. Mighty Zoot (Farrugia Julian)
3. Chip Chop Lady (Manfred Baumann (AT))
4. VS Ganess (Demanuele Tony)

**Race 3 - Bronze Selection - 2140m - (1'16"7)**
**Swedish U-Bet Championship Final**
1. Echo Lloyd (Farrugia Karmenu)
2. Goldbowler (Portelli Shaun)
3. Rybo Linus (Vella Salvu)
4. Gubben Karsk (Schembri Gorg)

**Race 4 - Gold Selection - 2140m - (1'15"3)**
**Swedish U-Bet Championship Final**
1. Tough East (Mizzi Darren)
2. Royal Pointer (Farrugia Julian)
3. Emil Brebro (Zammit Brian)
4. Noble Spirit (Baldacchino Noel)

**Race 5 - Gold 1 - 3140m - (1'19"5)**
1. Joyful Du Douetil (Attard Jesmond)
2. Hans Des Landiers (Carabott James)
3. Kosker Mancellerie (Briffa Benny)
4. New Kid In Town (Farrugia Karmenu)

**Race 6 - Premier - 2140m - (1'15"1)**
**Swedish U-Bet Championship Final**
1. Think Yatzee (Vassallo Clint)
2. Schejken Bill (Farrugia Julian)
3. Staro Tonic (Camilleri Charles)
4. Hudson Blue (Bilocca Ivan)

**Race 7 - Silver Selection - 2140m - (1'16"0)**
**Swedish U-Bet Championship Final**
1. Patriarque (Farrugia Julian)
2. Syllabub (Gatt Rodney)
3. Handy (Mifsud Mark)
4. Flying Spur (Demanuele Tony)

**Race 8 - Silver 5 - 3140m - (1'19"2)**
1. Golf Oul Dada (Baldacchino Noel)
2. Jeans Des Bannes (Scicluna Joseph)
3. Trombone Kall (Camilleri Charles)
4. Dollar As (Refalo Claudio)




24.10.08 - Race 5 - Gold 3



02.11.08 - Race 3 - Premier Swedish U*Bet Championship



02.11.08 - Race 8 - Premier Swedish U*Bet Championship



07.11.08 - Race 7 - Premier Selection Krafft Championship

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 14 ta' Novembru 2008

**Race 1 - Bronze 6 - 3140m - (1'20"5)**
1. Kala Azar (Mallia Anthony)
2. Glowing Star (Attard Gorg)
3. Gatsby De la Motte (Cassar Frencu)
4. Karnak Du Caux (Baldacchino Noel)

**Race 2 - Bronze 4 - 3140m - (1'19"7)**
1. Koehchel Baz (Clifton Raymond)
2. L`Echo Kerster (Agius Peter)
3. Ignace Lesdelles (Portelli Frank)
4. Extremity (Bartolo Joe (Mosta))

**Race 3 - Silver 4 - 3140m - (1'19"2)**
1. Biggles Coquet (Vassallo Jason)
2. Leo De Gratens (Attard Gorg)
3. Judon Du Cap Vert (Schembri Gorg)
4. Libre Echange (Ellul Michael)

**Race 4 - Silver 3 - 3140m - (1'18"2)**
1. Kipouf De Bessiere (Hili Brian)
2. Kelove (Farrugia Andrew)
3. Speedy Gold RP (Farrugia Julian)
4. Lotus Du Goth (Spiteri Andrew)

**Race 5 - Gold 4 - 3140m - (1'17"7)**
1. L`Alpha De Cosse (Galea David)
2. Kojak D`Isques (Camilleri Charles)
3. It`s My Way (Hili Brian)
4. Arragon Crown (Briffa James)

**Race 6 - Bronze 1 - 3140m**
1. Lutan Villetot (Camilleri Charles)
2. Isatis De Fleur (Farrugia Julian)
3. Kendo Du Chene (Briffa John)
4. Jibus D`Oger (Borg Owen)

**Race 7 - Gold 5 - 3140m - (1'19"7)**
1. Kapri Du Donjon (Borg Mario)
2. Klingsor (Baldacchino Noel)
3. Delta Tango (Camilleri Charles)
4. Light A Candle (Hili Brian)

**Race 8 - Bronze 3 - 3140m**
1. Katuelo (Baldacchino Noel)
2. Handy Star (Caruana Karl)
3. Expect High (Gatt Rodney)
4. Nashwan Boy (Fenech Mario)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 16 ta' Novembru 2008

**Race 1 - Silver 2 - 3140m**
1. Solid VG (Zammit Brian)
2. Dina Maty (Cassar Sam)
3. Lewis Des Sarts (Pace Andrew)
4. Mailbag (Clifton Raymond)

**Race 2 - Silver 3 - 3140m - (1'19"1)**
1. Qantele (Cauchi Omar)
2. Circus Flip (Bartolo Salvu)
3. Kabak Haie Neuve (Vassallo Chris)
4. Borlis Giant (Schembri Joseph)

**Race 3 – Flat Race – 1750m**
1. Priviliged Boy (T.Vella)
2. Managing Director (J.Farrugia)
3. Just The Best (R.Grima)
4. Saintax (E.Zammit)

**Race 4 - Bronze & Silver - 2140m - (1'17"2)**
**Krafft Championship Final**
1. Joker Pitstop (Camilleri Charles)
2. Regal Trot (Mallia Etienne)
3. Ilex Garden (Farrugia Julian)
4. Lotus (Muscat George)

**Race 5 – Italian Trotting Ponies - 1140m**
1. Gulino (J.Debono)
2. San Barone (J.Scerri)
3. Maxime (C.Spiteri)
4. Donna (P.Bartolo)

**Race 6 - Premier - 3140m - (1'15"3)**
1. James De I`lton (Baldacchino Noel)
2. In Vitro Du Bourg (Bilocca Ivan)
3. Knock De Manche (McKay Herman)
4. Joker De Choisel (Cassar Frencu)

**Race 7 - Gold & Premier - 2140m - (1'17"4)**
**Krafft Championship Final**
1. Panhandle Hall (Farrugia Julian)
2. Indian Attack (Baldacchino Noel)
3. Glory Cowboyland (Cauchi Omar)
4. Quack Pot (Vassallo Clint)

**Race 8 - Gold 2 - 3140m - (1'17"4)**
1. Race Ball (Demanuele Tony)
2. Otto Somatic (Camilleri Noel)
3. BBS Balthazar (Farrugia Karmenu)
4. Gingoro (Magro Charles)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 21 ta' Novembru 2008

**Race 1 - Bronze 2 - 2140m - (1'17"8)**
1. Pamir Point (Gatt Rodney)
2. Job Du Fosse (Demanuele Tony)
3. Nove De La Merite (Portelli Frank)
4. Freezing Snowman (Cassar Frencu)

**Race 2 - Silver 4 - 2140m - (1'16"9)**
1. Freedom Hyppinge (Baldacchino Noel)
2. Geo Hovmand (Calleja Clifforty)
3. Alfa Spider (Farrugia Julian)
4. Carmolas Prick (Demanuele Tony)

**Race 3 - Bronze Sel. A - 2140m - (1'17"5)**
**Prix De Cagnes Sur Mer - Heat 1**
1. Le Tadzio (Hili Brian)
2. Jeans Des Bannes (Scicluna Joseph)
3. Isatis De Fleur (Farrugia Julian)
4. Jump Of Glory (Baldacchino Noel)

**Race 4 - Bronze Sel. A - 2140m - (1'16"9)**
**Prix De Cagnes Sur Mer - Heat 2**
1. L`Imperial Volo (Desira Mark)
2. Jeo De Touvois (Vassallo Chris)
3. Lepito (Cutajar Saviour)
4. Leo Du Rib (Baldacchino Noel)

**Race 5 - Bronze Sel. A - 2140m - (1'16"4)**
**Prix De Cagnes Sur Mer - Heat 3**
1. Libre Echange (Ellul Michael)
2. Love D`Anjou (Scerri Raymond)
3. Lutan Villetot (Camilleri Charles)
4. L`Ami Du Popey (Debono Charlo)

**Race 6 - Gold 4 - 2140m - (1'15"9)**
1. Noble Spirit (Baldacchino Noel)
2. Royal Pointer (Farrugia Julian)
3. Sakura Victory (Debono Charlo)
4. CK Mack (Clifton Raymond)

**Race 7 - Bronze Sel. A - 2140m - (1'18"0)**
**Prix De Cagnes Sur Mer - Heat 4**
1. Mambere (Vella Salvu)
2. Jarnac Du Moulin (Farrugia Andrew)
3. Larkay D`Echal (Ellul David)
4. L`Eperon D`Or (Attard Gorg)

**Race 8 - Silver 3 - 2140m - (1'16"8)**
1. Zut (Schembri Joseph)
2. Rybo Linus (Vella Salvu)
3. Rally Simb (Briffa John)
4. Camelot As (Agius Peter)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 23 ta' Novembru 2008

**Race 1 - Bronze 5 - 2140m - (1'18"3)**
1. Ignace de Castelle (Calleja Clifforty)
2. Karnak Du Caux (Baldacchino Noel)
3. Glowing Star (Attard Gorg)
4. Gatsby De la Motte (Cassar Frencu)

**Race 2 - Silver Selection - 2140m - (1'16"8)**
**Prix De Cabourg - Heat 1**
1. Golf Oul Dada (Baldacchino Noel)
2. King De Bourdenay (Farrugia Julian)
3. Ksar Clairchamp (Cutajar Saviour)
4. Krak De Clerlande (Camilleri Charles)

**Race 3 - Silver Selection - 2140m - (1'17"9)**
**Prix De Cabourg - Heat 2**
1. Lotus Du Goth (Spiteri Andrew)
2. Jibilo Du Terme (Debattista Joe)
3. Le Rescator (Farrugia Julian)
4. Kaolin De Bannes (Fenech Anthony)

**Race 4 - Gold Selection - 2140m - (1'16"3)**
**Prix D`Enghien - Heat 1**
1. Just Bourbon (Cassar Frencu)
2. Kheops D`Ariane (Camilleri Charles)
3. Ideal Mab (Hili Brian)
4. L`Alpha De Cosse (Galea David)

**Race 5 - Gold Selection - 2140m - (1'16"0)**
**Prix D`Enghien - Heat 2**
1. Intrus Des Rioults (Micallef Carmelo)
2. Kipouf De Bessiere (Hili Brian)
3. Lindsay Neve (Micallef Raymond)
4. Hello Classique (Cassar Frencu)

**Race 6 - Silver Selection - 2140m - (1'16"9)**
**Prix De Cabourg - Heat 3**
1. L`Ideal De Fersan (Caruana Karl)
2. Hermes D`Haufor (Cassar Frencu)
3. Leo De Gratens (Attard Gorg)
4. Kalifant De Jemma (Ellul David)

**Race 7 - Gold Selection - 2140m - (1'17"1)**
**Prix D`Enghien - Heat 3**
1. Kandy Du Fruitier (Baldacchino Noel)
2. Kaki De Peyrahout (Demanuele Tony)
3. Imperieux (Farrugia Andrew)
4. Kendo De Bellande (Vassallo Clint)

**Race 8 - Gold Selection - 2140m - (1'17"1)**
**Prix D`Enghien - Heat 4**
1. Kojak D`Isques (Camilleri Charles)
2. Hiosco De Davcar (Schembri Lonzu)
3. Joyau Des Cigales (Ellul David)
4. Land Du Vivier (Schembri Gorg)

**Race 9 - Silver Selection - 2140m - (1'17"5)**
**Prix De Cabourg - Heat 4**
1. Krac De Perran (Baldacchino Noel)
2. Lance Pierre (Camilleri Anthony)
3. Lewis Des Sarts (Cassar Frencu)
4. Kif Du Heurt (Farrugia Andrew)




16.11.08 - Race 7 - Gold & Premier Kraft Championship Final


SWISH
lemon
Carbonated lemon drink




# THINK YATZEE rebbieħ ta' l-aqwa finali tal-U*Bet Swedish Championship

Quddiem pubbliku numeruż u f'temp imsaħħab, fil-korsa tal-Marsa sar it-52 programm ta' l-istaġun, bl-aktar tiġrijiet importanti jkunu l-erba' finali mill-Kampjonat U*Bet. Dan il-kampjonat huwa miftuħ biss għal żwiemel Svediżi.

Il-livell kien wieħed tajjeb, bl-aktar finali mistennija tkun dik bejn iż-żwiemel mill-klassi Premier. Finalment ħareġ rebbieħ iż-żiemel Think Yatzee misjuq minn Clint Vassallo. Think Yatzee kien qiegħed jiġri t-tieni tiġrija tiegħu u għalkemm ġdid fostna kif kien mistenni ma ddiżappuntax, tant li rnexxielu jagħmel ħin tajjeb ferm ta' 1.15.1 fuq distanza ta' 2140m. Warajh daħal Schejken Bill misjuq minn Julian Farrugia, filwaqt li Staro Tonic u Hudson Blue misjuqa minn Charles Camilleri u Ivan Bilocca spiċċaw fit-tielet u r-raba' post rispettivament. Għal Think Yatzee, żiemel ta' disa' snin, din kienet it-tieni rebħa f'temp ta' ġimgħa.

Wara kull finali saret il-preżentazzjoni lir-rebbieħ, b'uffiċjali għolja f'isem l-MRC u kif ukoll il-kumpanija Maltco jippreżentaw l-unuri. L-aktar unur prestiġġjuż, dak mirbuħ minn Think Yatzee mistenni jinżamm għand il-familja Vassallo għal sena, sakemm fl-istaġun li ġej dan jgħaddi għand ir-rebbieħ il-ġdid.

Fost il-finali l-oħra minn dan il-kampjonat, dik riservata għal żwiemel fil-Klassi Gold kienet kumbattuta sew, bl-ewwel żiemel li daħal kien Tough East. Dan kien misjuq minn Darren Mizzi u rreġistra ħin ta' 1.15.3 fuq distanza ta' 2140m. Tough East spiċċa quddiem Royal Pointer, Emil Brebro u Noble Spirit. Għal Tough East din kienet is-seba' rebħa staġjonali. U jekk fiż-żewġ finali, dik Premier u dik Gold, kien hemm rebħiet minn żwiemel li bdew fost il-favoriti, fil-Klassi Silver ftit kienu qed jistennew li r-rebbieħ ikun proprju ż-żiemel Patriarque misjuq minn Julian Farrugia. Ir-rebħa waslet fl-aħħar 250 metru, wara li telaq jattakka u baqa' ġej biex rebaħ quddiem Syllabub, Handy u Flying Spur. Patriarque kiseb ħin ta' 1.16.0, ħin sodisfaċenti meta wieħed jikkunsidra l-età mhux żgħira ta' dan iż-żiemel, fil-fatt Patriarque għandu 13–il sena u kien ilu ma jirbaħ minn Marzu ta' din is-sena.

Iżda qabel dawn il-finali kollha, id-dilettanti preżenti fil-Marsa, assistew għall-finali tal-Klassi Bronze. It-tmiem ta' din il-finali kien wieħed eċċitanti, biż-żewġ żwiemel Echo Lloyd misjuq minn Karmenu Farrugia u Goldbowler misjuq minn Shaun Portelli, jidħlu ferm viċin xulxin u għaldaqstant ir-rebħa kellha tiġi kkonfermata bil-photo finish. B'hekk kien iddikkjarat rebbieħ iż-żiemel Echo Lloyd fost il-ferħ tal-partitarji tiegħu. Għaldaqstant it-tieni post mar għand Goldbowler, filwaqt li warajh daħlu Rybo Linus u Gubben Karsk. Echo Lloyd ta' 11-il sena irreġistra ħin ta' 1.16.7.

B'hekk il-kampjonati tal-U*BET intemmu b'suċċess u wieħed jittama li dan is-suċċess ikompli matul is-snin.



THINK YATZEE - PREMIER



# ĠERREJJA TAT-TROTT

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Baldacchino Noel | 305 | 61 | 32 | 14 | 17 | 52 | 20.00% | 40.66% | 599 |
| Camilleri Charles | 300 | 43 | 40 | 35 | 44 | 38 | 14.33% | 54.00% | 575 |
| Farrugia Julian | 267 | 41 | 33 | 34 | 21 | 36 | 15.36% | 48.31% | 508 |
| Gatt Rodney | 159 | 19 | 17 | 13 | 8 | 29 | 11.95% | 35.85% | 228 |
| Cassar Frencu | 148 | 13 | 12 | 15 | 9 | 19 | 8.78% | 33.11% | 176 |
| Hili Brian | 169 | 15 | 10 | 7 | 15 | 36 | 8.88% | 27.81% | 174 |
| Demanuele Tony | 169 | 9 | 19 | 12 | 19 | 25 | 5.33% | 34.91% | 171 |
| Ellul Michael | 111 | 14 | 9 | 14 | 8 | 10 | 12.61% | 40.54% | 166 |
| Mizzi Darren | 107 | 14 | 12 | 10 | 8 | 18 | 13.08% | 41.12% | 163 |
| Schembri Gorg | 134 | 13 | 11 | 9 | 8 | 17 | 9.70% | 30.60% | 154 |
| Debono Charlo | 97 | 10 | 12 | 9 | 14 | 14 | 10.31% | 46.39% | 150 |
| Portelli Frank | 78 | 8 | 11 | 7 | 6 | 12 | 10.26% | 41.03% | 120 |
| Ellul David | 152 | 6 | 11 | 9 | 14 | 25 | 3.95% | 26.32% | 118 |
| Farrugia Karmenu | 71 | 9 | 8 | 5 | 8 | 6 | 12.68% | 42.25% | 113 |
| Refalo Claudio | 76 | 10 | 5 | 4 | 7 | 7 | 13.16% | 34.21% | 105 |

# ĠERREJJA TAT-TROTT UNDER 25

| Ġerrej | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gatt Rodney | 159 | 19 | 17 | 13 | 8 | 29 | 11.95% | 35.85% | 228 |
| Vassallo Clint | 46 | 6 | 6 | 2 | 10 | 5 | 13.04% | 52.17% | 80 |
| Cauchi Omar | 27 | 6 | 5 | 8 | 0 | 3 | 22.22% | 70.37% | 72 |
| Cassar Sam | 45 | 1 | 5 | 8 | 4 | 7 | 2.22% | 40.00% | 47 |
| Xerri Jeffrey | 27 | 2 | 3 | 2 | 1 | 4 | 7.41% | 29.63% | 31 |
| Briffa James | 30 | 2 | 1 | 4 | 1 | 5 | 6.67% | 26.67% | 25 |
| McKay Herman | 25 | 2 | 1 | 3 | 1 | 5 | 8.00% | 28.00% | 25 |
| Schembri Johan | 15 | 0 | 4 | 3 | 1 | 0 | 0.00% | 53.33% | 23 |
| Portelli Shaun | 17 | 1 | 3 | 0 | 3 | 2 | 5.88% | 41.18% | 22 |
| Zammit Jonathan | 27 | 1 | 2 | 2 | 2 | 3 | 3.70% | 25.93% | 21 |
| Ghigo Ludvig | 21 | 0 | 1 | 4 | 2 | 2 | 0.00% | 33.33% | 14 |
| Farrugia Josef | 9 | 1 | 1 | 1 | 0 | 0 | 11.11% | 33.33% | 13 |
| Gerada Clive | 15 | 1 | 1 | 1 | 0 | 4 | 6.67% | 20.00% | 13 |
| Borg Owen | 27 | 0 | 0 | 2 | 1 | 2 | 0.00% | 11.11% | 5 |
| Farrugia Andre | 16 | 0 | 0 | 0 | 2 | 0 | 0.00% | 12.50% | 2 |

# ĠERREJJA TAL-GALOPP

| Ġerrej | Rides | Wins | 2nd | 3rd | Pts Win | Pts Place | Pts Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ZAMMIT ERIC | 17 | 8 | 2 | 0 | 56 | 10 | 66 |
| MALLIA MATTHEW | 11 | 3 | 3 | 2 | 21 | 24 | 45 |
| GRIMA RAMON | 17 | 2 | 3 | 2 | 14 | 18 | 35 |
| ZAMMIT DEMIS | 11 | 0 | 3 | 4 | 0 | 27 | 27 |
| SULTANA.MICHAEL | 9 | 2 | 2 | 1 | 14 | 13 | 27 |
| BORG SARHA | 10 | 1 | 2 | 2 | 7 | 16 | 23 |
| BRIFFA OLIVER | 15 | 1 | 1 | 3 | 7 | 14 | 21 |
| ABELA PAUL | 8 | 0 | 3 | 2 | 0 | 21 | 21 |
| FARUGIA JOHN | 9 | 2 | 1 | 0 | 14 | 5 | 19 |
| CAUCHI OMAR | 2 | 2 | 0 | 0 | 14 | 0 | 14 |
| AZZOPARDI LOUIS | 6 | 0 | 1 | 1 | 0 | 3 | 8 |
| VELLA TRAFFORD | 1 | 1 | 0 | 0 | 7 | 0 | 7 |
| BORG MARIO | 5 | 0 | 0 | 4 | 0 | 4 | 4 |
| SCHMID DESIRIE | 4 | 0 | 0 | 1 | 0 | 3 | 0 |
| PACE CHARLES | 4 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| CATANIA KIRSTEN | 3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

# ŻWIEMEL TAT-TROTT

| Żiemel | Org | Sts | 1st | 2nd | 3rd | 4th | Dsq | Win% | Arv% | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| James De l'Iton | FR | 15 | 6 | 5 | 2 | 0 | 0 | 40.00% | 86.67% | 66 |
| BWT Mensroom | SE | 17 | 6 | 2 | 4 | 0 | 0 | 35.29% | 70.59% | 58 |
| Tough East | SE | 13 | 7 | 1 | 1 | 0 | 0 | 53.85% | 69.23% | 55 |
| Joker Pitstop | DK | 18 | 5 | 2 | 3 | 1 | 1 | 27.78% | 61.11% | 50 |
| Kheops D'Ariane | FR | 14 | 5 | 2 | 1 | 1 | 3 | 35.71% | 64.29% | 46 |
| New Kid In Town | SE | 11 | 4 | 4 | 0 | 2 | 0 | 36.36% | 90.91% | 46 |
| Korentin | FR | 15 | 4 | 3 | 1 | 1 | 2 | 26.67% | 80.00% | 43 |
| Royal Pointer | SE | 10 | 4 | 3 | 1 | 1 | 0 | 40.00% | 90.00% | 43 |
| Joyful Du Douetil | FR | 11 | 5 | 1 | 1 | 0 | 1 | 45.45% | 63.64% | 41 |
| Pilot Kloster | SE | 14 | 3 | 4 | 2 | 0 | 0 | 21.43% | 64.29% | 41 |
| Charlie Smitt | SE | 17 | 3 | 3 | 2 | 4 | 0 | 17.65% | 70.59% | 41 |
| Joker De Choisel | FR | 9 | 5 | 0 | 2 | 1 | 0 | 55.56% | 88.89% | 40 |
| L'Ideal De Fersan | FR | 12 | 4 | 2 | 2 | 0 | 2 | 33.33% | 66.67% | 40 |
| Glory Cowboyland | DK | 15 | 4 | 1 | 4 | 0 | 0 | 26.67% | 60.00% | 40 |
| Garden Pax | DK | 16 | 4 | 2 | 1 | 1 | 1 | 25.00% | 50.00% | 39 |
| Qantele | SE | 15 | 3 | 3 | 3 | 0 | 3 | 20.00% | 60.00% | 39 |

# ŻWIEMEL TAL-GALOPP

| Żiemel | Org | Races | Wins | 2nd | 3rd | € | Pts |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PRIVILEDGE BOY | IRL | 7D | 5 | 1 | 0 | 2170 | 40 |
| POUR L'AMOUR | FR | 6 | 3 | 1 | 1 | 1155 | 30 |
| MINGLAZ | FR | 9 D | 0 | 3 | 3 | 340 | 26 |
| SAINTAX | FR | 8 | 0 | 2 | 2 | 380 | 20 |
| JUST THE BEST | FR | 4 | 1 | 1 | 2 | 300 | 18 |
| VALLEY FOG | GB | 6 | 1 | 1 | 0 | 220 | 16 |
| SECONDINO | FR | 5 | 1 | 1 | 1 | 375 | 16 |
| CROCOLIRIQUE | FR | 7 D | 0 | 2 | 1 | 180 | 16 |
| BLACK METAL | FR | 2 | 2 | 0 | 0 | 320 | 14 |
| TANTALUS | DE | 7 | 1 | 0 | 0 | 180 | 13 |
| DOCKLANDS BRIAN | GB | 4 | 1 | 0 | 1 | 250 | 12 |
| SWING DANCER | MT | 3 | 0 | 2 | 0 | 160 | 11 |
| PRINCE SOLOR | FR | 2 | 1 | 0 | 1 | 180 | 10 |
| RIDIFANA | FR | 2 | 1 | 0 | 1 | 185 | 10 |
| AUBE ROSE | FR | 4 | 0 | 1 | 1 | 150 | 10 |
| GENEROUS SPIRIT | IRL | 3 | 0 | 1 | 1 | 110 | 9 |
| DIOUGANER | FR | 5 | 0 | 1 | 0 | 200 | 9 |
| KOHIMA | IRL | 2 | 1 | 0 | 0 | 200 | 8 |
| NIKOS HERINIERE | FR | 2 | 1 | 0 | 0 | 150 | 8 |
| SANTUZZA | FR | 5 D | 0 | 0 | 2 | 70 | 8 |


Crystal Christmas
The Westin Dragonara Resort is offering a range of venues to suit your requirements. Being a Christmas staff function or a quiet family reunion, rest assured that the Westin team will allocate the best venue for your event combined with tempting Christmas menus prepared by our dedicated food and beverage team.
Contact us for more information on 2374 5505 or e mail westin.dragonara@westin.com for more information.
www.westinmalta.com
THE WESTIN
DRAGONARA
RESORT
MALTA



Bormla fl-1933 rebbieħa tal-ħames paljijiet tradizzjonali

# Ir-Regatta bejn iż-żewġ gwerrer dinjija

**It-Tieni Parti**

## Żmien diffiċli għal Marsamxett

Jekk wieħed jifli sewwa r-riżultati miksuba mid-distretti parteċipanti fit-tiġrijiet tar-Regatta li saru bejn l-1920 u l-1938, josserva, li d-distretti tal-Kottonera, b'mod speċjali Bormla u l-Birgu kienu armati tajjeb fil-korsi l-kbar. Marsamxett ma kienx daqshom għaliex xi wħud mill-qaddiefa rtiraw u l-Beltin sabuha diffiċli ħafna biex jimlew posthom b'qaddiefa ta' esperjenza.

Madanakollu l-Beltin ma qatgħux qalbhom! Kif spiċċat il-Gwerra l-Kbira huma avviċinaw lil xi barklori u talbuhom biex jingħaqdu ma' oħrajn u jippartecipaw fit-Tiġrija tal-Vitorja. Kif jiġri dejjem, kien hemm min aċċetta mill-ewwel waqt li oħrajn m'aċċettawx minħabba l-ġlied u l-inkwiet li kien jinqala' f'kull Regatta. Għalkemm it-taħlita ta' qaddiefa veterani mimlijin esperjenza u oħrajn ġodda tat il-frott mixtieq b'rebħ ta' paljijiet importanti fil-Ferilli kif ukoll fid-dgħajjes ta' bl-Erbgħa u tal Midalji, jidher ċar li dawn kienu l-aħħar suċċessi miksuba minn Beltin fir-Regatta, għaliex f'nofs is-snin '20, id-distretti tal-Port il-Kbir bdew jiddominaw kull korsa u jaqsmu l-unuri bejniethom.

Meta avviċinajt xi qaddiefa veterani Beltin u staqsejthom x'jaħsbu li kienet ir-raġuni li d-distrett tagħhom kien tilef il-qawwa tiegħu wara l-Gwerra l-Kbira dawn sostnew li: "... il-kawża ewlenija ma kinitx dovuta biss għall-fatt li d-distretti tal-Kottonera kellhom ekwipaġġi aħjar minn tagħna, iżda kellna żewġ problemi oħra, waħda l-irtirar ta' l-aħjar qaddiefa li kellna u t-tieni kienet li l-barklori li ħadu posthom ma kellhomx esperjenza tal-kanal. Għalkemm f'Marsamxett kellna qaddiefa ta' ħila u esperjenza bħalma kienu Karmenu Saliba (il-Krajm), Ġużeppi Cutajar ( l-Għarwien), Toni Saliba (tal-Luminata) u Salvu Saliba (il-Kejli) li rnexxielhom jiksbu xi suċċessi, dawn ma setgħux jieħdu sehem fil-korsi kollha u jikkompetu kontra l-ekwipaġġi qawwija ta' l-Kottonera ..."

Wieħed mill-qaddiefa kompla jgħidli hekk : "Minkejja dan kollu, Marsamxett xorta waħda baqa' jipparteċipa b'mod attiv f'kull korsa, b'mod speċjali fil-Ferilli li kienet ħafna għal qalbna, anke meta aħna konna nġerru waħedna... il-ħasra hi li meta dan id-distrett deher li se jibda jieħu r-ruħ faqqgħet il-gwerra u għall-perijodu ta' 13-il sena bqajna bla tiġrijiet. Dan il-waqfien kompla kisser u ġab fix-xejn lid-distrett tagħna, tant hu hekk, li wara l-gwerra l-anqas sibna qaddiefa biżżejjed biex nipparteċipaw fil-korsi kollha tar-Regatta.'

## Il-korsi tal-Kajjikki

Wara t-telfa kbira li s-Sengleani sofrew fil-Ferilli huma ddeċidew li jikkonċentraw aktar fuq il-Kajjikki t-twal li f'dak iż-żmien kienet għadha korsa akkanita ħafna kif ukoll issaħħu l-ekwipaġġi tal-korsi l-kbar.

Fil-fatt, l-istorja tal-Kajjikki Fancy bejn iż-żewġ gwerer hija storja kkulurita ħafna fejn dan il-palju għadda minn distrett għall-ieħor f'sensiliet ta' tiġrijiet sbieħ u missielta ħafna. Fil-bidu tas-snin '20 insibu lid-distrett ta' l-Isla fl-aqwa tiegħu bil-Kajjikki Sant' Antnin, Portu Salvu u San Filippu jirbħu dan il-palju, bl-ekwipaġġi Bormliżi, Vittoriosani u Kalkariżi bħala sfidanti denja. Kien żmien meta fost il-barklori kienet tidher u tinħass ħafna t-tensjoni kkawżata mill-pika esġerata li kienet teżisti fosthom, li minkejja ħafna minnhom kienu ħbieb u jaqbżu għal xulxin f'kull saram tal-ħajja, f'jum il-Vitorja kienu jinsew din il-ħbiberija u jitqatlu bejniethom għar-rebħ tal-palju.

Mill-1920 sa l-1924, id-distrett ta' l-Isla rebaħ dan il-palju tliet darbiet. Jingħad li l-ekwipaġġi ta' dawn il-Kajjikki kienu jinbidlu kull sena, iżda kien hemm xi wħud minnhom li baqgħu jżommu posthom għax rebħu xi paljijiet għal pajjiżhom. Wieħed minn dawn l-ekwipaġġi Sengleani li kiseb suċċess wara l-ieħor f'din il-korsa kien iffurmat minn Salvu Formosa (Pa Salv), Cikku Quazzo (il-Pax), Wiġi Mangion (ta' l-Iskarpan) u Pietru Farrugia (Barabba). Fl-1921, l-Isla ma ħaditx sehem fir-Regatta u dan il-palju ntrebaħ minn Marsamxett, iżda fl-1923 għadda għand il-Kalkara, għalkemm hawn min jgħid li dan il palju kien intrebaħ minn l-Isla.

Insibu li, fl-1925, l-ekwipaġġ Bormliż tal-Kajjikk San Pietru rnexxielu jirbaħ dan il-palju mingħand is-Sengleani. Bormla aktarx rebħitu wkoll fl-1926 (riżultat mhux ippubblikat) biex fis-sena, 1927, tilfitu kontra l-qawwa ta' l-ekwipaġġ Kalkariż iffurmat minn Pawlu Abela, Ġużeppi Livori, Toni Livori u Leli Cassar, fejn dejjem bil-Kajjikk San Ġużepp reġa' rebħu s-sena ta' wara. Għall-ħames snin konsekuttivi bejn is-snin 1929 u l-1933, din il-korsa kienet iddominata mill-ekwipaġġ Bormliż iffurmat minn is-Sellaħ, il-Plejtu, id-Duha u Bilonju (Mikiel Ciantar) li sfortunatament tlieta

minnhom naf biss il-laqam tagħhom. Jingħad li l-istess ekwipaġġ, dejjem bil-Kajjikk San Pietru reġa' rebaħ dan il-palju mill-ġdid fl-1936.

Fl-edizzjonijiet 1934/35 kif ukoll 1937/38 dan il-palju għadda għand il-Birgu. Fost il-Kajjikki Vittoriosani l-aktar li jissemmew fl-istorja glorjuża ta' dan id-distrett huma San Ġużepp u San Lawrenz, ta' l-aħħar kien igawdi fama akbar għax l-ekwipaġġ tiegħu ffurmat minn Leli Carachi (il-Labra), Ġużeppi Farrugia (il-Kawsarju), Karmenu Mifsud (ix-Xaħam) u Nazzarenu Busuttil (il-Li) kiseb bosta suċċessi. Il-ħasra hi li dawn il-Kajjikki sbieħ u ħfief li fir-Regatta kienu jiżbugħhom kulur wieħed illum m'għadniex narawhom fir-Regatta, u l-unika tifkira tagħhom insibuha biss fir-ritratti ta' qabel il-gwerra. Nismagħhom jgħidu li l-Kajjikk San Lawrenz jinsab f'maħżen ir-Rabat, iżda dan hu biss għajdut tan-nies u xejn aktar.

Dwar il-Kajjikki tal-Kopp ftit li xejn għandna xi ngħidu dwarhom. Ħafna jsostnu li qabel il-gwerra din il-korsa ma setgħetx taqbad art u n-nies ma tantx kienet tagħti kasha. Peress li kienet l-aħħar korsa ta' kull Regatta u fiha kienu jipparteċipaw madwar 20 Kajjikk, id-dilettanti kienu jsibuha bħala t-tiġrija tal-ħmir. Mill-1930 sa' l-1938 din il-korsa kienet iddominata minn Bormla, b'rebħa waħda tmur għand il-Marsa (1937) bl-ekwipaġġ iffurmat minn Ċikku Cassar u Ċikku Formosa

## Il-korsa ta' bl-Erbgħa

Meta l-Isla tilfet ukoll il-qawwa tagħha fil-Kajjikki t-twal, il-ħabrieka Sengleani daru għall-opri l-kbar, saħħuhom bl-aħjar qaddiefa li kellhom u bdew iħeġġuhom jitħarrġu aktar fid-dgħajjes billi jtawlu l-ħin tal-provi fil-kanal biex b'hekk fir-Regatta jkunu jistgħu jisfidaw lill-ġirien tagħhom għar-rebħ tal-paljijiet. Iżda f'Bormla u fil-Birgu kellhom għadma iebsa! Fl-istess żmien, il-Marsa u l-Kalkara bdew jipparteċipaw f'kull korsa tar-Regatta, bl-ekwipaġġi Marsin jirnexxielhom jipplejsaw fil-Kajjikki, Midalji u fiż-żewġ korsi tad-dgħajjes tal-Pass.

L-aktar korsa akkanit li l-ispettaturi kienu jistennewha b'entużjażmu kbir fis-snin 30 kienet dik ta' bl-Erbgħa. Fil-bidu tas-snin 20 insibu lid-distrett ta' Marsamxett jiddomina din il-korsa b'rebħiet fl-1920/21/22/24/28 filwaqt li, fl-1923, din il-korsa tħassret. Għalkemm ir-riżultati ta' l-1926 mhumiex irrekordjati, aktarx li f'din l-edizzjoni dan il-palju intrebaħ mid-dgħajsa tal-Marsa, bl-ekwipaġġ iffurmat minn J. Mercieca, S. Azzopardi, S. Debono u L. Attard wara taqtiegħa ħarxa mid-dgħajjes ta' l-Isla u l-Birgu. F'idejna għandna ritratt ta' dan l-ekwipaġġ Marsi rebbieħ ta' dan il-palju f'din l-epoka, iżda ma nafux eżatt meta rebħu. L-unika edizzjoni li ma nafux ir-rebbieħ tagħha hi l-1926, għalkemm għadna dubju jekk sarx xi żball, fl-1925, fejn jidħol ir-rebħ ta' dan il-palju, kif ukoll jekk, fl-1919, sarux tiġrijiet tad-dgħajjes fil-Port il-Kbir.

Nafu li d-distrett tal-Birgu minn dejjem kien rinomat għall ekwipaġġi ta' ħila li kellu f'din il-korsa u l-qawwa tiegħu kienet evidenti ħafna tista' tgħid f'kull edizzjoni li saret qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija. Ħarsa lejn ir-riżultati uffiċjali juru kemm dan id-distrett kien armat tajjeb f'din il-korsa bejn l-1920 u l-1938 b'rebħiet sbieħ fl-1927/29/30 mill-ekwipaġġ Vittoriosan iffurmat minn Wenzu Cauchi (il-Qajmes), Wenzu Attard (Qaleb Rasu), Ċensu Galea (it-Takkaliti) u Salvu Caruana (is-Settebirra). Dan l-ekwipaġġ mhux biss rnexxilu jirbaħ dan il-palju b'mod konvinċenti iżda wera biċ-ċar li mhux faċli li tegħlbu.

Fl-istess epoka Bormla kienet meqjusa bħala qawwa tista' tgħid fil-korsi kollha. L-akbar dispjaċir tal-Bormliżi kien li kienu ilhom snin ma jirbħu l-palju ta' bl-Erbgħa għalkemm uffiċjalment jidher li rebħuh fl-1925. Iżda Karmenu Grech (tal-Posta) isostni li jiftakar lil missieru jgħid li l-aħħar darba li Bormla rebħet dan il-palju kien qabel il-Gwerra l-Kbira (1909) u li għalhekk li l-Bormliżi kienu għatxana ħafna li jerġgħu jirbħuh mill-ġdid. Fil-fatt fl-1925, dejjem skond ir-riżultati uffiċjali, Bormla daħlet fl-ewwel post bid-dgħajjes tal-Marsa u Bormla jidħlu fit-tieni u t-tielet post rispettivament. Jista' jagħti l-każ li fil-fatt kienet il-Marsa li rebħet dan il-palju u bi żball inbidel l-isem tar-rebbieħ......

Iżda l-Bormliżi kienu jafu li biex jirbħu dan il-palju riedu l-ewwel jegħlbu lill-ekwipaġġ Vittoriosan li ħafna kienu jqisuh bħala l-aħjar ekwipaġġ tal-kanal. Saru diversi laqgħat u fihom ġew analizzati għadd ta' proposti kif seta' jintrebaħ dan il-palju, waħda minnhom kienet li jarmaw dgħajsa bl-aqwa erba' qaddiefa li kellhom anke jekk dan kien ifisser sfrattar ta' dgħajjes oħra u telf ta' paljijiet.

Din il-proposta kkawżat tgergir kbir fost il-qaddiefa u l-partitarji tagħhom. Ħafna minnhom ma qablux li biex tarma dgħajsa b'ekwipaġġ tajjeb iżżarma żewġ dgħajjes oħra u forsi aktar ukoll. Fuq kollox, kien hemm min sostna, li l-għażla għall-ekwipaġġ ġdid setgħet issir fost il-barklori Bormliżi li ħafna minnhom kellhom esperjenza kbira tal-kanal. Iżda d-determinazzjoni tal-ħabrieka kienet ċara li f'dik l-edizzjoni (1931), Bormla tirbaħ il-palju ta' bl-Erbgħa!

Bħala ekwipaġġ tad-dgħajsa ta' bl-Erbgħa huma għażlu lil Wiġi Scicluna (il-Ħobla) pruwier, Karmnu Grech (Tal-Posta) irmiġġier, Pietru Farrugia (it-Tinet) parasija u lil Leli Aquilina (ir-Ratal) bħala poppier. Huma kienu konvinti li b'dawn l erba' qaddiefa Bormla ma setgħet tfalli qatt li tirbaħ dan il-palju! Ironikament l-għażla tat-Tinet u tal-Posta kienet tfisser li għal dik is-sena huma kellhom jissagrifikaw il-palju tal-korsa ta' bi Tnejn.

Niftakar, qaddief veteran Belti li kien jaqdef fi żmien il-koppja tat-Tinet u tal-Posta jgħidli hekk : "Fi żmieni Bormla kellha ħafna qaddiefa, iżda bħal Pietru u Karmnu ma kellhiex... ma neħodhiex bi kbira li biex jirbħu l-palju ta' bl-Erbgħa huma riedu jinkludu wkoll lil dawn iż-żewġ qaddiefa li kienu fi klassi għalihom."

Jingħad li matul il-provi fil-kanal iż-żewġ dgħajjes laqtu l-għajn ta' kulħadd. It-tnejn kienu qegħdin iġibu ħinijiet tajba u d-differenza ta' bejniethom kienet waħda minima. Kulħadd beda jbassar li t-taqtiegħa bejniethom kienet se tkun waħda eċċitanti u l-palju seta' jintrebaħ miż-żewġ ekwipaġġi. Iżda minkejja dawn il-provi kollha fil-kanal u l-eċċitament kbir li laħaq ħakem lil bosta partitarji avversarji, ġara, li f'Jum il-Vitorja, ftit qabel ma bdiet ir-Regatta sar magħruf li l-Birgu kien irtira d-dgħajsa ta' bl-Erbgħa għaliex il-poppier tagħha ma kienx f'sikktu biex jaqdef.

S'intendi, in-nuqqas tal-Birgu fil-korsa mela b'kuraġġ kbir lill-Bormliżi li jirbħu dan il-palju minkejja li kellhom jissieltu sa l-aħħar qadfa mad-dgħajjes ta' Marsamxett, l-Isla u l-Marsa. Ironikament f'din l-edizzjoni, waqt li Bormla rebħet il-palju ta' bl-Erbgħa, il-koppja Vittoriosana ta' Wenzu u Ġużeppi Fabri daħlet fl-ewwel post fil-korsa ta' bi Tnejn, iżda id-dgħajsa tagħhom flimkien ma' dik tal-Marsa ġew skwalifikati u l-palju ingħata lill-Isla.

Fl-1932, l-istess ekwipaġġ Vittoriosan li kien diġà rebaħ dan il-palju fi tliet edizzjonijiet oħra reġa' rebaħ mill-ġdid fost ferħ kbir tal-partitarji Ġirbin li nsew id-disfatta li ġarrbu s-sena ta' qabel. Iżda dan kien l-aħħar suċċess li kiseb il-Birgu f'ta' bl-



Il-Kajjikk Fancy ta' Bormla



Id-dgħajsa ta' bl-Erbgħa Bormliża fl-1931

# L-ISTORJA TAR-REGATTA F'MALTA



Id-dgħajsa ta' bl-Erbgħa Sengleana dieħla fl-ewwel post fl-1937



L-Imgħallem Karmenu Darmanin jibni Frejgatina

Erbgħa għaliex, fl-1933, il-Bormliżi bl-ekwipaġġ ta' Kieli Darmanin (il-Ħej Ħej ), Wiġi Scicluna (il-Bulldog), Leli Zaffareze (ta' Bażaża) u Leli Aquilina ( ir-Ratal) reġgħu rebħuh mill-ġdid u miegħu rebħu wkoll il-paljijiet tad-dgħajjes tal-Midalji, ta' bi Tnejn, il-Kajjikki t-Twal u tal-Kopp kif ukoll il-Ġosta. Dak in-nhar saru festi kbar f'Bormla u ttieħdu xi ritratti ta' tifkira f'Cafè Riche. Din ir-rebħa kbira Bormliża kkonfermat il-qawwa u d-dominanza ta' dan id-distrett fir-Regatta Nazzjonali u għal bosta xhur wara d-dilettanti Bormliżi baqgħu jitkellmu fuqha.

Ir-rebħa Bormliża f'ta' bl-Erbgħa, fl-1933/34/35, reġgħet qanqlet mill-ġdid ir-rivalità fost id-distretti tal-Kottonera. Fl-istess perijodu l-Isla u l-Marsa kellhom dgħajjes armati tajjeb u kienu qegħdin jiksbu riżultati tajbin f'din il-korsa. Fl-1935, xi dilettanti Sengleani ordnaw dgħajsa tal-Pass (Portu Salvu) għand l-imgħallem William McCarter (il-Guli) iżda peress li din id-dgħajsa (il-Cavetta) kienet kemmxejn wiesa' xi wħud kienu tal-fehma li ma kinitx tajba għall-qdif. B'danakollu, fl-1936 ġerrew biha u daħlu fit-tieni post wara Bormla.

Fl-1937, id-distrett ta' Marsamxett rama dgħajsa tajba. Kienet ix-xewqa tal-Beltin li jerġgħu jirbħu dan il-palju mill-ġdid u biex jirbħuh kien meħtieġ taħriġ intensiv u appoġġ kbir mill-partitarji tagħhom. Fil-provi, li kienu jsiru tard filgħaxija fil-Port ta' Marsamxett, deher ċar li l-Beltin kellhom ekwipaġġ li seta' jħabbat ħafna lill-Bormliżi u saħansitra kien hemm min lagħab il-flus fuqhom. B'sorpriża kbira, għat-tiġrija, il-Beltin daħlu fil-kanal bi tliet qaddiefa bil-qiegħda u b'Karmenu Saliba ( il-Krajm ) bilwieqfa. Mat-tluq, id-dgħajjes ta' Bormla u Marsamxett ħarġu flimkien u sa nofs il-korsa baqgħu telgħin flimkien, b'tul ta' dgħajsa vantaġġ fuq id-dgħajjes ta' l-Isla u l-Birgu. F'daqqa waħda l-ekwipaġġ Belti ta spissjatura ħafifa u qabeż quddiem id-dgħajsa Bormliża, iżda l-ekwipaġġ Bormliż sorpriż bil-ħeffa tal-Beltin u konxju li kienu se jgħadduhom qadfu għal fuqhom. Mad-daqqa ż-żewġ dgħajjes avversarji waqfu u jingħad li ġew f'idejn. Dan l-inċident, mhux mistenni, mela b'kuraġġ lill-qaddiefa Sengleani li ma' l-għajta tal-poppier 'aqdfu' għaddsu rashom fuq il-moqdief u bdew jaqdfu b'kemm kellhom saħħa sakemm semgħu t-tir tad-dħul.

## Il-kwistjoni ta' l-erba' dgħajjes

L-għajdut li fit-tiġrija kienu qegħdin itellqu dgħajjes eħfef minn dawk tax-xogħol kien ilu snin kbar jingħad wara kull korsa. Saħansitra anke fil-gazzetti dehru ittri li fihom kienet tinħass sewwa x-xamma ta' dubji serji f'dan ir-rigward. Dak iż-żmien fir-Regatta ma kinux jeżistu regolamenti dwar il-piż tad-dgħajjes u għalhekk kull meta kienet tingħata liċenzja ta' dgħajsa ġdida l-perit tad-dwana ma kienx marbut bil-liġi li jagħti każ tat-toqol ta' l-opra.

Ironikament dawn id-dubji ġie li kienu kawża ta' inċidenti serji fost il-partitarji avversarji wara kull korsa tad-dgħajjes tal-Pass. Fl-1937 xi ħadd saħaq li biex fit-tiġrija ma jinqalax aktar inkwiet, kien hemm bżonn ta' serjetà aktar mill-ġurija fid-deċiżjonijiet tagħha u li d-dgħajjes tal-Pass ikunu ta' l-istess piż. Fl-1938, il-Beltin ordnaw dgħajsa għand l-imgħallem Leli Pulè tal-Kalkara. Meta l-ħabrieka tal-Kottonera saru jafu li l-imgħallem Pulè kien aċċetta li jibni dgħajsa għall-Marsamxett, talbuh biex jibnilhom dgħajsa wkoll. S'intendi, l-imgħallem Kalkariż, konxju ħafna mid-dubji li ta' kull sena kienu jiġġeneraw wara kull korsa ta' bl-Erbgħa aċċetta li jibni l-erba' dgħajjes bil-kundizzjoni li dawn ikunu skond il-qisien stipulati mid-dwana u ta' l-istess piż. Xi ħadd kien qalli li meta lestihom, l-imgħallem Pulè bagħat għar-rappreżentanti ta' l-erba' distretti u tellagħhom bil-polza, iżda oħrajn isostnu li min wasal l-ewwel ingħata id-dritt ta' l-għażla.

Jingħad li meta ħaduhom id-dwana, il-perit tad-dwana ma għaddihomlhomx għax ikklassifikahom bħala *Fancy boats.* Xi Barklori li jiftakru dawn l-opri kienu qaluli li dawn id-dgħajjes kienu pruwiera. Peress li f'dik l-epoka l-battusi ta' dgħajsa ġdida ma kinux imissuhom u jħalluhom kif toħroġ mingħand l-imgħallem, kull distrett kellu problema kbira biex isib qaddiefa adattati għalihom. Fil-fatt jingħad, li l-ħabrieka ta' kull distrett baqgħu sa lejlet il-Vitorja jitolbu lil kull barklor biex jagħti qadfa bit-tama li jsibu erba' qaddiefa li kapaċi jiffurmaw ekwipaġġ għad-dgħajsa.

L-Isla wkoll tħabbtu ħafna! Meta deher ċar li ma setgħux isibu ekwipaġġ tajjeb għal din id-dgħajsa, huma talbu l-għajnuna ta' ċertu Indri tal-Bajd li kien jifhem ħafna fl-armar tad-dgħajjes, u dan issuġġerixxa li l-ekwipaġġ għal din id-dgħajsa (Marija Vittoria) kellu jiġi ffurmat minn Leli Micallef (in-Nanna Klara) Lorry Caruana (ta' Karnivala ), Charlie Formosa (ta' Oscar) u George Caruana (il-Bubbli John). U hekk għamlu!

F'nhar il-Vitorja ta' l-1938, f'Ras Ħanżir, kien hemm il-Cruiser HMS London fuq il-bagi, b'konseqwenza li t-tluq ta' kull korsa ma kienx jidher mill-ispettaturi li kienu fuq ix-xaqliba ta' l-Isla. Dak in-nhar, fil-korsa ta' bl-Erbgħa kienu ħadu sehem erba' dgħajjes - l-erbgħa miżbugħin suwed bil-Black Lead. Gara iżda, li peress parti mill-kanal kien mgħotti mill-HMS London, fuq il-partitarji Sengleani li kienu fil-ġnien tal-Gardjola, il-Ponta u fuq il-baħar waqgħet ħemda kbira, kulħadd eċċitat jistenna lid-dgħajjes joħorġu minn wara l-pruwa tal-bastiment tal-gwerra. Iżda hekk kif minn wara l-Cruiser tfaċċat l-ewwel dgħajsa, u fuq ir-rotta tagħha deher ċar iperper s-sinjal abjad bl-aħmar fin-nofs, is-Sengleani nfexxu f'dellirju ta' ferħ u f'għajjat kbir. Sekondi wara nstemgħet tfaqqiegħa ta' murtal mogħti minn fuq il-knisja ta' San Filippu li kkonfermat li d-dgħajsa ta' l-Isla kienet qed tillidja fuq id-dgħajjes l-oħra. Bla dubju ta' xejn, l-għajjat, il-kant u tfaqqiegħ ta' murtali kompla mela b'kuraġġ kbir lill-qaddiefa Sengleani li b'determinazzjoni kbira komplew jaqdfu b'kemm kellhom saħħa sa tmiem il-korsa.

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA


Id-dgħajsa ta' bl-Erbgħa tal-Birgu fis-snin '30

## Il-Korsi tal-Frejgatini

Fl-1935, fir-Regatta ġew introdotti żewġ korsi tal-Frejgatini minflok il-korsi tal-Ferilli. Dawn iż-żewġ korsi kienu mqassmin f'żewġ kategoriji differenti. F'kategorija 'A' setgħu jieħdu sehem biss Frejgatini ta' 4.15 metri tul waqt li f'kategorija 'B' Frejgatini ta' 3.45 metri tul.

Għalkemm dawn iż-żewġ korsi kienu attraenti u kompettitivi ħafna, madanakollu l-attenzjoni ta' l-ispettaturi kienet mitfugħa fuq l-opri l-kbar. Ħarsa ħafifa lejn ir-riżultati pubblikati nsibu li f'kategorija 'A' l-Isla , il-Birgu u Marsamxett kienu armati tajjeb ħafna, bl-1935, il-palju jintrebaħ mill-Birgu, fl-1936 minn l-Isla u fl-1937/38 jgħaddi għand Marsamxett. F'kategorija 'B' insibu lill-Birgu u lill-Kalkara bħala l-protagonisti ta' din il-korsa, bil-Frejgatini tal-Birgu jirbħu l-palju, fl-1935/36, waqt li l-Kalkara jirbħuh, fl-1937/38.

L-istorja ta' din il-korsa fit-tiġrijiet ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija kienet differenti ħafna fejn id-distretti parteċipanti mhux biss kienu jarmaw bis-sħiħ għaliha, iżda l-ekwipaġġi tagħhom, b'mod speċjali dawk tal-Kottonera kienu jissieltu bl-aħrax bejniethom biex jirbħu l-palju tagħha.

## It-tħejjijiet tal-ħabrieka u l-qaddiefa bejn iż-żewġ gwerer

F'dik l-epoka d-distretti li kienu jipparteċipaw f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali la kellhom kumitati u l-anqas opri tal-baħar bħalma għandhom illum. Li kieku ma kinitx l-inizjattiva personali ta' ftit ħabrieka li stinkaw bla heda biex din id-drawwa jżommuha ħajja fi żmienhom kieku naċċertakom li r-Regatta ilha s-snin li mietet. Peress li xi wħud minn dawn il-ħabrieka kienu barklori jew jaqilgħu l-għixien tagħhom minn xogħol ieħor konness mal-ħidma marittima tal-port, maż-żmien din it-tradizzjoni daħlet f'qalbhom, saret biċċa minnhom u saru jgħożżuha daqs il-festa ta' pajjiżhom. Ovvjament, dawn kienu nies li jifhmu ħafna fid-dgħajjes u fl-armar tagħhom, u minħabba hekk, fejn kienu jidħlu t-tħejjijiet u l-preparazzjoni ta' dawn it-tiġrijiet, dawn kienu l-faktotum ta' kull distrett parteċipant.

L-għan ewlieni ta' dawn il-ħabrieka kien li pajjiżhom mhux biss jirbaħ il-paljijiet fit-Tiġrija tal-Vitorja iżda li jiddomina fuq distretti l-oħra. Biex jaslu għal dan il-għan kien jeħtieġ ħafna xogħol u sagrifiċċju personali! Kull wieħed minnhom kellu ħidma xi jwettaq. Min kellu l-inkarigu li javviċina lis-sidien tad-dgħajjes u jitolbuhom isellfuhomlhom għat-tigrija, min ikellem lill-barklori u jħajruhom jipparteċipaw fit-tiġrija, min jattendi għal-laqgħat li jsiru mal-Kollettur tad-Dwana u min jaċċetta l-kariga ta' delegat tad-distrett fid-dwana waqt ir-Regatta.

Għalkemm dawn il-ħabrieka ma kinux jiltaqgħu regolarment bħalma jiltaqgħu l-kumitati distrettwali tal-lum, wieħed jimmaġina li kull meta kienu jiltaqgħu kliemhom kien jaqa' fuq it-tħejjijiet tagħhom għat-tiġrija. Nafu b'każi fejn xi wħud minnhom, minħabba nuqqas ta' ftehim dwar xi talbiet esaġerati min-naħa tas-sidien tad-dgħajjes jew diżgwid ma' xi qaddiefa ċedew posthom lil ħaddieħor.

Fis-snin 20 il-preparamenti u t-tħejjijiet għar-Regatta kienu jibdew proprju mill-għada tat-tiġrija. Jingħad li waqt il-qaddiefa ta' kull distrett kienu jkunu għadhom mitlufin jitkellmu fuq xi tiġrija akkanita u forsi wkoll fuq l-inkwiet u l-glied li jkun inqala' fiha, il-ħabrieka kienu jiltaqgħu f'xi ħanut tax-xorb u fost ħafna argumenti janalizzaw l-andament tal-korsi fejn l-ekwipaġġi tagħhom kienu mistennija li jmorru tajjeb iżda fallew fit-tentattiv tagħhom li jirbħu l-palju. F'dawn il-laqgħat li kienu jsiru f'kull distrett, il-ħabrieka kienu jistudjaw b'reqqa kbira x'titjib kien meħtieġ isir biex jissaħħu l-ekwipaġġi tagħhom u b'hekk pajjiżhom jikseb is-suċċess mixtieq fit-tiġrija tas-sena ta' wara.

Aktarx li l-ewwel laqgħa formali ta' dawn il-ħabrieka kienet issir wara l-Għid il-Kbir. F'din il-laqgħa huma kienu janalizzaw x'dgħajjes ġodda kienu nbnew matul ix-xitwa, l-ismijiet tas-sidien jew barklori tagħhom u x'opri oħra kienu qegħdin jinbnew mill-imgħallmin tal-lokal li kapaċi jitlestew qabel Awissu. Jingħad li kull ekwipaġġ li jkun rebaħ xi palju possibbilment kien jibqa' jipparteċipa bl-istess dgħajsa, iżda meta l-ħabrieka jsiru jafu b'xi dgħajsa ġdida, forsi kemmxejn eħfef, huma kienu javviċinaw lil sidha u jitolbuh isellifilhom għat-tiġrija. Kultant kien diffiċli ħafna li jgħid le!

S'intendi mhux is-sidien kollha kienu jaċċettaw li jsellfu d-dgħajjes tagħhom għat-tiġrija. Kien hemm min ma jaċċettax għax ikun miksur ma' xi qaddief, l-ekwipaġġ ma jiħux ħsieb id-dgħajsa waqt it-taħriġ jew ma jaċċettax li jsewwi l-ħsarat li jsiru waqt it-taħriġ jew it-tiġrija, sidien li jkunu jixtiequ lil wieħed minn uliedhom jifforma parti mill-ekwipaġġ tad-dgħajsa tiegħu, u oħrajn jippretendu li waqt it-taħrig isellfuhom dgħajsa biex ikomplu b'xogħlhom.

Meta l-ħabrieka kienu jiddeċiedu li f'xi korsi partikolari jipparteċipaw b'aktar minn opra waħda kienet issir l-għażla ta' ekwipaġġi ġodda, billi kull barklor li juri nteress kien jingħata ċ-ċans li jagħti qadfa ma' diversi barklori oħra. Dari l-ebda qaddief ma kellu l-monopolju fl-għażla ta' sħabu għax din kienet il-prerogattiva tal-ħabrieka ta' kull distrett li l-għan tagħhom kien li kull opra jkollha ekwipaġġ tajjeb. Iżda fejn kienet tidħol għażla ta' qaddief ġdid ma' ekwipaġġ stabbilit, il-ħabrieka kienu jitolbu l-opinjoni tal-membri ta' l-ekwipaġġ biex ma jinqalax inkwiet magħhom .

S'intendi mhux kulħadd kien juża l-istess metodu fejn tidħol l-għażla ta' ekwipaġġi ġodda. Aktar ma distrett ikollu barklori aktar kien hemm ċans ta' l-għażla tajba, iżda fejn l-entużjażmu jkun naqas minħabba telf ta' paljijiet jew inkwiet fost il-qaddiefa, allura kienu jħallu l-għażla f'idejn barklori u jagħtuhom iċ-ċans li jaqdfu ma' min ikunu jridu. Ġie li kien hemm distretti fejn minħabba dawn iċ-ċirkostanzi erba' qaddiefa ftehmu, armaw dgħajsa u marru jġerru biha.

F'dik l-epoka la kienu jeżistu regoli dwar piż u l-anqas dwar in-numri ta' opri li setgħu jipparteċipaw f'kull korsa. Id-dwana li kienet torganizza r-Regatta kienet riġida ħafna fejn tidħol is-serjetà u l-integrità tal-ġurija fid-deċiżjonijiet tagħhom, l-osservanza tar-regolamenti mill-ekwipaġġi waqt il-korsa, kif ukoll, li kull opra jkollha s-sinjal fuq il-pruwa tagħha waqt it-tiġrija.

Tissokta f'ħarġa oħra

# Inċentivi biex tkompli titkattar kultura sportiva

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-iSport, l-Onor. Clyde Puli, ħabbar li matul is-sena d-dieħla mistennija jidħlu fis-seħħ aktar inċentivi biex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-isport u l-attività fiżika fost il-poplu Malti. Il-missjoni ewlenija hi li tixxettel kultura sportiva.

Fost l-inċentivi u l-investiment li l-Gvern se jkun qiegħed jiffoka fuqhom insibu…

- titkabbar Skola Sport permezz ta' programmi sportivi u attivitajiet fiżiċi ndirizzati lejn it-tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani, b'attenzjoni partikolari fuq programmi ffokati lejn in-nisa, persuni b'diżabilità u dawk li għandhom problema ta' integrazzjoni fis-soċjetà. Skola Sport mhux se tibqa' topera s-Sibt biss, iżda se ssir Skola tal-isport b'programmi kuljum u għal kulħadd;
- jitnieda programm ta' promozzjoni tal-isport fl-iskejjel. Fil-Kulleġġ San Injazju tnieda l-ewwel mudell ta' kif irridu l-kulleġġi tagħna jaħdmu f'dan il-qasam. F'dan il-kulleġġ qiegħdin jitnedew programmi ta' sport u attività fiżika kemm qabel, waqt u wara l-ħin tal-iskola. Il-pjan hu li dawn il-programmi jkunu estiżi għall-kulleġġi kollha fuq perjodu ta' snin;
- titnieda skema ġdida biex tassisti lil dawk l-assoċjazzjonijiet sportivi nazzjonali li jniedu programm biex jiftħu l-faċilitajiet sportivi tagħhom u s-sessjonijiet ta' taħriġ tagħhom għal atleti b'diżabilità;
- titnieda Child Protection Policy li tħares l-interess tat-tfal li jattendu għat-taħriġ u għall-attivitajiet sportivi;
- titnieda l-iskema twenty twenty fejn sportivi li jkunu se jirrappreżentaw lil Malta f'kompetizzjonijiet internazzjonali rikonoxxuti mill-Kunsill Malti għall-iSport u li jaħdmu maċ-ċivil jingħataw massimu ta' 20 siegħa leave mħallsa kull ġimgħa biex jattendu għal sessjonijiet ta' taħriġ professjonali;
- ikun inawgurat il-kumpless sportiv ta' Ħal Kirkop. Dan il-kumpless mistenni jkun miftuħ matul il-ġurnata għall-



# kunsill malti għall-isport

www.sportmalta.org.mt



istudenti tal-Kulleġġ San Benedittu u filgħaxija joffri faċilitajiet ta' taħriġ ġodda u moderni għal aktar għaqdiet sportivi;

- jitlesta t-technical and design brief tal-kumpless sportiv li se jinbena fit-tramuntana tal-pajjiż. Kumpless li għall ewwel darba se jinbena bi sħab mall-privat;
- jinfetħu għall-pubbliku wħud mill-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel biex fihom ikun jista' jsir eżerċizzju fiżiku minn dawk li m'humiex membri ta' xi assoċjazzjoni jew klabb sportiv;
- jiġu ppubblikati l-ewwel disinji għal sit ta' spazju miftuħ f'Ta' Qali fejn se jkun hemm faċilitajiet għal eżerċizzju fiżiku;
- titnieda skema ta' assistenza indirizzata lill-Kunsilli Lokali biex il-Kunsilli jkunu jistgħu jiżviluppaw siti għall-eżerċizzju fiżiku fl-ispazji miftuħa f'żoni amministrati minnhom;
- jitressqu għall-approvazzjoni tal-Parlament kuntratti biex aktar għaqdiet sportivi jingħataw b'ċens jew kera artijiet u faċilitajiet sportivi għall amministrazzjoni tagħhom. Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni qiegħdin jgħaddu artijiet u propjetà lill-għaqdiet sportivi li l-valur tagħhom jaqbeż iċ-ċifra ta' Ð2,500,000;
- ikun offrut taħriġ għall-amministraturi sportivi u kif ukoll jiżdiedu dawk eżistenti għall-coaches. Permezz ta' dan it-taħriġ l-entitajiet sportivi jiġu direzzjonati f'linji aktar professjonali f'dawk li huma amministrazzjoni u taħriġ;
- jidħlu fis-seħħ regolamenti nazzjonali dwar id-doping;
- titwaqqaf Anti Doping Unit li fost l-oħrajn se jkollha l-għan li tassisti l-entitatjiet sportivi biex jagħmlu testijiet tad-doping. Dan jista' jsir wara li ftit tal ġimgħat ilu l Kunsill Malti għall-iSport ġie rikonoxxut mill-World Anti Doping Agency (WADA) bħala l-Aġenzija Nazzjonali kontra d-doping f'Malta;
- jitnieda studju xjentifiku ddettaljat dwar il-parteċipazzjoni fl-isport u l-eżerċizju fiżiku f'pajjiżna. Dan biex ikun magħruf fejn ninsabu llum u għaldaqstant ikun jista' jitfassal pjan ta' fejn irridu naslu. Permezz ta' dan l-istudju se jkunu jistgħu jiġu ndirizzati dawk is-setturi li se jinstabu nieqsa mill-parteċipazzjoni sportiva u fiżika.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Il-KMS jieħu sehem fl-attivitajiet tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażagħ

Bejn it-2 u t-8 ta' Novembru, Malta ingħaqdet mall-pajjiżi l-oħra membri tal-Unjoni Ewropea biex kien iċċelebrata l-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażagħ. Dan permezz ta' sensiela ta' attivitajiet li saru fi Pjazza Ħelsien ġewwa l-Belt Valletta, organizzati mill-Aġenzija EUPA u b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat għaż-Żgħażagħ u Sport u l-Kunsill Malti għall-iSport. Matul dawn l-attivitajiet l-għaqdiet taż-żgħażagħ Maltin kellhom l-opportunita' juru t-talent tagħhom u fuq kollox iwasslu nformazzjoni dwar l-attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena. Ma naqsitx ukoll il-parteċipazzjoni ta' numru ta' assoċjazzjonijiet u federazzjonijiet sportivi Maltin li matul din il-ġimgħa għamlu attivita' fiżika u sportiva u dan biex iqajmu kuxjenza dwar il-vantaġġi tal-isport għal saħħitna u l-fatt li l-attivita' fiżika hi ta' benefiċċju għal kulħadd.

Dawk li kienu preżenti għall-attivitajiet kellhom iċ-ċans ukoll jippruvaw uħud mid-dixxiplini sportivi li ġew preżentati. F'din l-attivita' ma naqasx ukoll l-involviment tal-Kunsill Malti għall-iSport b'promozzjoni tal-inizjattivi li qiegħed jieħu bħalissa l-istess Kunsill u kif ukoll dwar il-programmi ta' parteċipazzjoni sportiva.

F'dak li hu sport, matul din il-ġimgħa kien hemm ukoll l-involviment ta' numru ta' nurseries tal-futbol li huma assoċjati fi ħdan il-Youth FA, Federazzjonijiet u Assoċjazzjonijiet ta' arti marzjali fosthom dawk tal-Kendo u l-Aikikai Aikido, il-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, dik tal-Ġinnastika u dik tal-Judo, l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Cricket, il-Federazzjoni Maltija tal-Lotta, l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Volleyball, l-Assoċjazzjoni tal-Baseball u s-Softball u dik tal-Handball.

Nhar is-Sibt, 8 ta' Novembru l-attivitajiet komplew b'konferenza bit-tema "L-Isport u l-Unjoni Ewropea" u li għaliha attendew uffiċjali ta' assoċjazzjonijiet u federazzjonijiet sportivi Maltin. Il-konferenza infetħet miċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, is-Sur Bernard Vassallo. Fid-diskors tiegħu, is-Sur Vassallo tkellem dwar kif żviluppat il-politika dwar l-isport fi ħdan l-Unjoni Ewropea u semma wkoll in-numru ta' inizjattivi li qiegħed






jieħu bħalissa l-Kunsill Malti għall-iSport bl-għan li titqajjem kuxjenza sportiva.

Is-Sur Mauro Pace Parascandolo, Koordinatur Nazzjonali tal-Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea semma kif l-Aġenzija qiegħda tkun strumentali biex għaqdiet Maltin, inkluż dawk sportivi, jieħdu sehem fi programmi differenti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Żewġ uffiċjali oħra fi ħdan l-EUPA, Ryan Borg u Gabriella Agius għamlu preżentazzjoni dwar il-Programmi Youth In Action u Life Long Learning u kif dawn jistgħu jkunu ta' benifiċċju għall-Assoċjazzjonijiet u Federazzjonijiet sportivi Maltin fl-inizjattivi li jieħdu matul is-sena. Dan ġie kkonfermat minn Luisa Galea f'isem il-Federazzjoni Maltija tal-Judo u Ray Farrugia, Direttur ta' Żażu Football School li b'mod prattiku taw eżempji dwar dak li rnexxielhom joħolqu permezz tal-fondi mogħtija mill-Unjoni Ewropea. Interessanti ferm kienet il-preżentazzjoni ta' Pedro Velazquez li hu l-Viċi Kap tad-Diviżjoni dwar l-Isport fi ħdan id-Direttorat Ġenerali tal-Edukazzjoni u l-Kultura fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea. Is-Sur Velazquez ta ħarsa lejn il-white paper dwar l-Isport ippublikata mill-Unjoni Ewropea u kif in-novitajiet li qiegħdin jiġu proposti jolqtu direttament lill-għaqdiet sportivi. Il-konferenza ingħalqet mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, l-Onorevoli Clyde Puli.

Puli beda d-diskors tiegħu billi fakkar l-għanijiet wara l-organizzazzjoni ta' din il-Konferenza u ta ħarsa fil-qasir lejn il-programmi tal-Unjoni Ewropea li jistgħu jkunu ta' vantaġġ għall-assoċjazzjonijiet sportivi Maltin. Hu appella lill-uffiċjali preżenti sabiex japplikaw għal dawn it-tip ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Is-Segretarju Parlamentari Puli żied jgħid ukoll li attwalment s-Segretarjat tiegħu flimkien mal-Kunsill Malti għall-iSport u l-iSport Promotion Unit li kienet imwaqqfa dan l-aħħar, qiegħed jagħmel minn kollox biex kemm jista' jkun isir l-akbar użu tal-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel statali Maltin, anki wara l-ħin tal-iskola.

Clyde Puli temm id-diskors tiegħu billi fakkar li l-Konferenza kienet tagħmel parti mill-ġimgħa Ewropea taż-żgħażagħ u li matulha saru sensiela ta' attivitajiet li matulhom żgħażagħ Maltin kellhom iċ-ċans fost l-oħrajn jipparteċipaw f'dixxiplini sportivi differenti.




kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# KMS Sportlink

Mill-Ġimgħa, 10 t'Ottubru, 2008, fuq Education 22 fid-9.00 p.m., beda jintwera l-programm KMS Sportlink. Dan il-programm, imtella' mill-Kunsill Malti għall-iSport għandu l-għan li jwassal informazzjoni dwar il-ħidma u l-inizjattivi li jieħu l-istess KMS u mistenni jikkonsisti f'intervisti u filmati relatati mal-KMS u l-assoċjazzjonijiet u l-federazzjonijiet affiljati magħha kif ukoll biex jagħti prominenza lill-attivitajiet li ma jingħatawx spazju fil-media lokali.

KMS Sportlink għandu preżentazzjoni ta' Dorienne Grech u produzzjoni ta' Kenneth Vella u Lisa Spiteri. Ir-ripetizzjoni tixxandar nhar ta' Sibt fil-5.00 p.m. u nhar ta' Tnejn f'nofsinhar fuq E22, filwaqt li fuq TVM il-programm jixxandar kull nhar ta' Tlieta fl-10.30 a.m. u fil-5.10 p.m.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt


Dorianne Grech

## Dehra ġdida għall-Kunsill Malti għall-iSport - KMS

Il-Kunsill Malti għall-iSport għadu kif nieda logo ġdid li hu verżjoni iktar moderna w adattat għaż-żminijiet tal-lum. Fil-fatt dan il-logo hu mibni fuq il-verżjoni l-antika b'dehra iktar kontemporanja u b'kuluri vivaċi li qed naraw iktar użati dan l-aħħar. F'din il-bidla il-KMS ħaseb ukoll biex iżid l-uniformita' billi jinkorpora u jamalgama l-ismijiet tal-programmi u l-faċilitajiet kollha f'dan il-logo, u b'hekk jagħti dehra iktar unita'.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# kms girls on the move

www.sportmalta.org.mt







KMS Girls on the Move huwa programm sportiv tal-Kunsill Malti għall-iSport li jindirizza n-nuqqas ta' attività fiżika fost il-bniet li għandhom bejn id-9 u s-16 –il sena.

Din is-sena f'dan il-programm sportiv it-tfajliet jistgħu jagħżlu programm ta' 24 ġimgħa li jkun joffri sport differenti fosthom l-atletika, il-badminton, il-basketball, iċ-ċikliżmu, il-futbol, ir-rugby, il-ġinnastika, il-pilates, il-handball, il-hip-hop, il-judo, in-netball, il-keep fit, il-karatè tradizzjonali u l-volleyball. Dan il-programm sportiv jibda fl-aħħar ta' Novembru u s-sessjonijiet tat-taħriġ isiru darba fil-ġimgħa.

L-applikazzjonijiet tal-programm KMS Girls on the Move fetħu u jistgħu jinġabru mill-Kumpless Sportiv tal-Kottonera jew mill-Pixxina Nazzjonali, f'Tal-Qroqq. L-applikazzjoni tista' titniżżel ukoll mill-internet minn fuq is-sit www.sportmalta.org.mt. Għal aktar informazzjoni tista' tintbagħat e-mail fuq kms@sportmalta.org.mt

# Il-logħba tal-Cricket f'pajjiżna

Il-Logħba tal-Cricket ilha tintlgħab f'Malta għal aktar minn mitt sena u hi magħrufa mad-dinja kollha. Ħafna Maltin mill-ewwel jgħidu li bħall-futbol, din ukoll hija logħba Ingliża.

It-tim Malti jipparteċipa fil-European Championships li jinżammu kull sentejn u preżentament jinsab fit-Tielet Diviżjoni. Għad-daqs ta' pajjiżna, it-tim huwa ta' livell tajjeb ħafna u matul is-sena l-oħra irnexxielu jżomm postu f'din id-diviżjoni meta wasal sas-semi finali u finalment spiċċa r-raba' minn tmien timijiet. Fil-pożizzjonijiet wara t-tim Malti spiċċaw il-Belġju, il-Finlandja, Ċipru u l-Portugall. Is–sena d-dieħla t-tim Malti mistenni jerġa' jikkompeti nternazzjonalment u din id-darba fid-diviżjoni mistennija jkun hemm sitt timijiet biss li jinkludu l-Iżrael, il-Belġju, Spanja, il-Portugall u l-Isle of Man.

Il-Cricket hija logħba li jista' jilgħabha kulħadd. Kull nhar ta' Sibt bejn id-9.30 a.m u l-11.30 a.m. inlaqqgħu n-Nursery biex ngħallmu din il-logħba. L-etajiet jibdew minn tmien snin 'il fuq u t-taħriġ isir fil-Marsa Sports Club li huwa l-uniku ground tal-Cricket f'pajjiżna. Fuq din in–nota nixtiequ nisħqu fuq il-bżonn li jinstab ground ieħor, biex il-logħba tkun tista' titgawda minn kulħadd. Il-mira tagħna hi li l-quddiem inkunu nistgħu nikkompetu f'livelli ta' taħt id-19–il sena, dawk ta' taħt is-17–il sena u dawk ta' taħt il-15–il sena u kif ukoll fis-sezzjoni tan-nisa.

Fuq bażi lokali għadu kif intemm il-Globalair Summer League, bit-titlu jkun mirbuħ mit-tim ta' Marsa CC. Fil-kampjonat ħadu sehem erba' timijiet. Nowell Khosla tat-tim tal-Krishna CC kien l-aktar plejer li għamel runs (330 punti) u Mike Caruana tat-tim tal-Marsa CC ħa l-aktar wickets - 17. F'Diċembru, mistenni jibda il-Kampjonat tax-Xitwa b'parteċipazzjoni ta' tliet timijiet. Dawk interessati jipparteċipaw għandhom jidħlu fis-sit elettroniku tagħna www.maltacricket.biz fejn jistgħu isibu l-informazzjoni neċċessarja jew jibagħtu e-mail, jew iċemplu fuq 79330702. Il-kampjonati jintlagħbu fuq sistema ta' twenty over games.

Matul din is-sena ġew fostna 22 tim minn barra. Dawn ġew jilagħbu kontra timijiet lokali u fost dawk li żaruna kien hemm timijit minn New Zealand, in-Norveġja, Ċipru, is-Slovenja u diversi mill-Ingliterra. B'kollox intlagħbu 44 logħba kontra dawn it-timijiet, bit-tim Malti jikseb 25 rebħa minn daqstant logħbiet.

Għaldaqstant inħeġġukom tiġu tipprattikaw dan l-isport, sport li żgur jagħtikom gost u pjaċir!



# L-AIKIDO YAMATO KLABB... Arti Marzjali b'differenza



L-AIKIDO hija arti marzjali Ġappuniża b'differenza. Dan għaliex minkejja li żammet l-attitudni marzjali, ma tibbażax fuq il-filosofija tal-aggressjoni.

L-Aikido beda jiġi żviluppat f'nofs is-seklu għoxrin minn Morihei Ueshiba wara li kien diġà ddikjarat espert f'arti marzjali oħrajn. Huwa wasal għall-konklużjoni li xejn tajjeb ma jiġi mill-aggressjoni wara li ra d-distruzzjoni tat-tieni gwerra dinjija. Ueshiba ried għalhekk ineħħi dawk l-aspetti vjolenti ta' l-arti marzjali u tgħallem u żviluppa l-arti tal-AIKIDO: it-triq tal-armonija.

Primarjament il-prattika tal-Aikido hija waħda ta' koperazzjoni u mhux kompetizzjoni. L-Aikido tinvolvi l-abbiltà u t-teknika biex wieħed jiddefendi lilu nnifsu b'metodu sistematiku u tattiku, fejn l-għan aħħari jibqa' dak li f'mument ta' konflitt tiġi mħarsa l-armonija u l-prinċipji naturali.

L-attakki fl-Aikido jvarjaw ferm, jibdew minn qbid ta' l-idejn, daqqiet ta' ponn u saqajn, attakki ċirkolari u b'żewġ idejn u kif ukoll attakki minn wara. Id-difiża tinqasam fuq żewġ tipi – l-iżbilanċ komplet jew l-immobilizzazzjoni ta' l-attakkant permezz tar-rotazzjoni tal-ġogi (sal-punt naturali).

Lezzjoni tal-Aikido tinvolvi diversi partijiet. Wieħed jibda b'diversi eżerċizzji bħala warm up, eżerċizzji respiratorji u movimenti ta' abbiltà. Biex jiġu evitati injuries l-individwu jitgħallem jaqa' b'mod gradwali fuq twapet speċjalizzati. Wara jkun imiss spjegazzjoni u prattika fuq il-movimenti u t-teknika skond il-programm tekniku.

L-istudju ta' l-Aikido jinvolvi ukoll l-użu ta' l-armi (bħax-xabla u s-sikkina ta' l-injam), ix-xjenza, l-iżvilupp mentali u l-kunfidenza personali.

Minħabba li ma tintużax saħħa muskolari jew fiżika, il-prattika tal-Aikido hija ideali ħafna għat-tfajliet, u fil-fatt din id-dixxiplina qiegħda ssir aktar popolari fosthom.

L-Aikido joffri benifiċċji varji u fit-tul. L-ewwel l-abbilità tad-difiża personali, wieħed jista' jibqa' jistudja mingħajr impediment ta' l-età, kif ukoll ħafna mill-abbiltà li wieħed jakkwista tista' tiġi applikata fil-ħajja ta' kuljum fejn tidħol possibbiltà ta' konflitt, antiċipazzjoni u l-mod ta' kif wieħed jgħix.

Yamato klabb huwa teknikament immexxi minn Kevin Bonanno, għalliem ikkwalifikat u ċertifikat mill-kwartieri tal-Aikido fil-Ġappun. Il-klabb jifforma parti mill-assoċjazzjoni AIKO fl-Italja u b'mod regolari jorganizza seminars fejn jistieden masters biex itejjeb il-livell ta' l-istudenti b'taħriġ aktar avvanzat. Il-klabb jopera minn ġewwa l-iskola Maria Assunta, fil-Ħamrun, kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa mis-6.30 p.m. sat-8.00 p.m. u kull nhar ta' Sibt mill-4.30 p.m. sas-6.00 p.m.

Il-Klabb joffri wkoll lezzjonijiet għat-tfal addoloxxenti bejn il-11 u s-16–il sena.

Dawn jitgħallmu taħriġ fiżiku, dixxiplina, movimenti koordinati u difiża personali, fost affarijiet oħra. Wara s-16–il sena t-tfal jistgħu jkomplu jitgħallmu f'aktar dettal fil-lezzjoniet ta' l-adulti.

Aktar informazzjoni fuq l-Aikido jew fuq korsijiet ġodda tista' tinkiseb bit-telefon fuq in-numru 9989 9733 jew wieħed jista' jżur is-sit elettroniku www.aikidomalta.net.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



Joseph Borg Cardona
President

# Miftuħ ċentru nternazzjonali Malti tat-Table Tennis

Forsi kontra dak li jaħsbu xi wħud, il-logħba tat-Table Tennis f'Malta, ilha tintlagħab ġewwa pajjiżna sa mis-snin għoxrin. Kien fis-snin ħamsin li twaqqfet l-assoċjazzjoni nazzjonali tat-Table Tennis minn Joseph Debattista, bl-eks referee internazzjonali tal-futbol, Joseph Cassar Naudi ikun l-ewwel President tal-assoċjazzjoni. Fl-1956-57, Malta ġiet affiljata fl-assoċjazzjoni internazzjonali tat-Table Tennis u tul il-medda tas-snin it-tim nazzjonali ipparteċipa f'diversi avvenimenti internazzjonali.

Taħt il-presidenza ta' Joe Borg Cardona, isem assoċjat mal-logħba tat-Table Tennis, l-assoċjazzjoni kompliet tagħmel avvanzi notevoli u f'Malta ġew organizzati diversi tournaments internazzjonali, bil-logħba tat-Table Tennis tiġi inkluża wkoll fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar. Sal-lum l-atleti Maltin rebħu 5 midalji tad-deheb, 9 tal-fidda u 9 tal-bronż.

Huwa fuq dan is-suċċess miksub u fuq il-binarju li l-logħba tat-Table Tennis qiegħda tkompli tattira aktar żgħażagħ lejha, li l-assoċjazzjoni lokali tat-Table Tennis kienet minn dejjem minn ta' quddiem biex tagħti l-għajnuna tagħha fir-rigward infrastrutturali u għaldaqstant f'ċentri ġodda fejn jintlgħab it-Table Tennis. L-assoċjazzjoni dan l-aħħar tat is-sehem tagħha biex jinfetaħ il-ħames ċentru internazzjonali tat-Table Tennis f'pajjiżna. Dan infetaħ ġewwa Ħal Tarxien.

Grazzi għal dan iċ-ċentru ġdid li nfetaħ riċentament, kull dilettant u plejer tat-Table Tennis, żgur li issa aktar minn qatt qabel jista' jħossu kunfidenti li nfetaħ il-post ideali fejn jista' jiġi pprattikat l-isport favorit tiegħu.

Iżda iċ-ċentru l-ġdid mhuwiex biss għall-plejers diġà prominenti fix-xena lokali. Fi kliem il-president ta' l-assoċjazzjoni, Joe Borg Cardona, l-għan ewlieni taċ-ċentru huwa mhux biss li jkompli jiżviluppa t-talent ta' diversi plejers lokali, iżda wkoll li jħarreġ tfal u żgħażagħ ġodda li jridu jibdew jippratikaw dan l-isport b'mod professjonali.

Is-sessjonijiet ta' taħriġ huma mmexxija minn kowċis professjonali fosthom Joe Borg Cardona, Johanna Grech, Christian Nicdimescu, Umberto Borg Cardona u Daniel Bajada. L-enfasi tat-taħriġ hija li kull individwu jingħata attenzjoni ndividwali biex b'mod gradwali jiżviluppa t-talent u l-potenzjal tiegħu.

Saħansitra, l-art fejn isir il-logħob ġiet magħżula bl-akbar reqqa. *Taraflex* hija art li tintuża fl-aqwa kompetizzjonijiet internazzjonali madwar id-dinja, filwaqt li ċ-ċentru jiġbor fih xejn inqas minn għaxar imwejjed Joola, issistemati b'mod li jistgħu jsiru daqstant logħbiet fl-istess ħin. Punt ieħor interessanti huwa l-installazzjoni ta' table tennis robots, li huma essenzjali fit-taħriġ tal-plejers.

Żgur li b'dan iċ-ċentru nnovattiv, isem Malta fl-isfera tat-Table Tennis mistenni jkompli miexi 'l quddiem b'mod ugwali ma' ta' pajjiżi oħra u matul iż-żmien li ġej bħal ma ġara fil-passat se jkomplu jiġu attirati aktar Tournaments Internazzjonali ta' prestiġju.

Kull min huwa nteressat jaqbad karriera fil-logħba tat-Table Tennis, jew jixtieq ikompli jiżviluppa t-talent tiegħu f'din id-dixxiplina u għaldaqstant jibbenefika minn dan iċ-ċentru, jista' jżur is-sit elettroniku *www.mittc.org*, jew jibgħat email fuq ***info@mittc.org***. Wieħed jista' wkoll iċempel fuq 99525371. Iċ-ċentru jkun miftuħ matul il-ġimgħa kollha. L-iskejjel interessati jistgħu wkoll jagħmlu kuntatt magħna biex jibdew jagħmlu użu minn dan iċ-ċentru.



MITTC kowċis Johanna Grech u Umberto Borg Cardona flimkien ma' plejers żgħażagħ



MITTC Open Day Youth Tournament
Daniel Bajada u Umberto Borg Cardona

# The Physical Activity Pyramid

Gvern ta' Malta
Diviżjoni Regolazzjoni Saħħa Pubblika
Ministeru għall-Politika Soċjali

Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard
5A, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104, www.sahha.gov.mt

The Pyramid of Physical Activity (PA) encompasses examples of those activities that we should all do on a daily regular basis and those other activities that we should do less often throughout the week in order to control our weight and feel both physically and mentally good.

But first we have to define certain concepts and recommendations before we proceed with the PA Pyramid. **Any bodily movement produced by skeletal muscles that results in energy expenditure above resting level is PA.** The WHO's recommendation is that **adults should accumulate 30 minutes or more of moderate-intensity PA (and at least 1 hour for children) on preferably all days of the week.** If during the activity the person is able to carry on a conversation without experiencing any discomfort, the activity is generally of the moderate-intensity type. However, if a person becomes too much out of breath to carry on a conversation, the activity is considered as vigorous, whereas if he/she is able to sing, the activity is considered as light.

Returning to the PA Pyramid, this uses the same colour codes that are incorporated in the Food Pyramid Guide and that are used in the traffic control lights' systems. The green light at the base of the Pyramid highlights those activities that are mostly recommended in our everyday lives. Health enhancing daily activities include: brisk walking, going up the stairs, washing the car, active housework and gardening.

Higher up, we find the aerobic (cardio) type of activities that are best done from 3 to 5 times a week because although they are ideal for the control or loss of extra weight, they can be of a strain to the heart unless the person is fit enough to do them regularly. Examples include: running, swimming, cycling and exercise to music classes.




The yellow-to-orange band includes exercises that involve some form of resistance (eg. weights) or are less aerobic than the previous examples. These are recommended to be done from 2 to 3 times a week. Elderly people and people with disabilities have to take extra precautions and it is for this reason that these people are also placed in this band.

The recommended frequencies per week (eg. 3 times a week) do not mean that throughout the other days of the week we can just sit down and do nothing! The daily living movements mentioned above should still be performed at a moderate pace. The recommended times of 30 minutes in adults or 1 hour in children can be split up into shorter periods of ideally not less than 10 minutes.

The peak of the Pyramid is in red, the colour which we normally signifies danger. Therefore, it is not wise if we spend all our time sitting down in front of the television or computer monitor.

As I said above, the Pyramid of PA targets the general population who want to control their weight (prevent or treat obesity) and feel both physically and mentally healthy (by lessening the incidences of heart disease, type 2 diabetes, colon cancer, fractured hips, stress, anxiety and depression).

However, if one has a specific goal to compete in, for example, a sprint (speed), marathon (stamina) or weight lifting competition (strength), then he/she has to adopt a specific training program that targets the muscles that are mostly involved for the particular sport they wish to participate in.

Charles Micallef, B.Pharm (Hons), Cert (Exer&Fit), Fitness promoter,
**Health Promotion & Disease Prevention Department**

Be Active Helpline
2326 6115




# Spot the ball u irbaħ Nike Watch



Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mid-19 ta' Diċembru 2008

Kompetizzjoni Spot the Ball, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi

Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata Nike Watch ġentilment mogħti lilna minn Urban Jungle.

## Soluzzjoni Ħarġa nru.19

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru.19 huwa: Matthew Bonanno - Zurrieq



# SPORTIV Kriss-Kross



## IRBAĦ WESTIN WEEKEND BREAK

THE WESTIN DRAGONARA RESORT Malta

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mid-19 ta' Diċembru 2008: **Kompetizzjoni Sportiv, 'Bapu', Triq is-Sejjieħ, Swieqi**

Flimkien mat-tweġibiet trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 19



Ir-rebbieħ tal-Westin Weekend Break tal-Ħarġa Nru. 19 ta' Ottubru 2008 huwa: Christian Ellul Zabbar

**MIMDUDIN**

4) Jgħolliha r-referee qabel tibda l-partita (6)
6) Inkisru bosta minnu fl-Olimpjadi f'Beijing (6)
11) President tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali (5)
12) Fil-lasti tal-futbol din 'fatali' (5)
13) Alvaro "El Chino", ex attakkant ta' Inter (6)
14) Luton .... F.C. (4)
17) Ħamsa fiha l-bandiera Olimpika (6)
19) Diversi minn dawn jidhru fuq il-kit tal-atleti (7)
21) Tyson, sprinter Amerikan mhux boxer (3)
23) Dawn jitpoġġew fil-vetrini tal-klabbs (5)
25) Fil-free kicks 'ma tkunx tal-ġebel' (8)
27) "Tiha l-.... għax tieħu falza stikka" (4)
28) Peter, attakkant barrani ta' St. Patrick FC (7)
29) Hawn isir l-aqwa tournament tat-Tennis (9)
33) Joker de ......, żiemel tat-Trott fil-Marsa (7)
35) Il-..... Cup tal-Waterpolo saret Malta riċenti (5)
37) Support lit-team Malti tal-Futbol - .... End Core (5)
38) "Il-ballun ħabat mal-lasta l-...... " (6)
40) Sett ta' regolamenti ta' kull għaqda sportiva (6)
41) Il-gżira tiegħu kellha żmienha fil-Futbol Malti (6)
42) Mario Azzopardi "Is-....", ex qaddief famuż (4)

**WEQFIN**

1) Camilleri, rebaħ it-Trofeo dell'Etna tal-karozzi (6)
2) George, ex-kowċ ta' Pieta Hotspurs FC (6)
3) In-Knock Out jintlagħab fuq tnejn minn dan (3)
5) Partitarji għat-Taljani (6)
7) Il-Youths tal-futbol Għawdxi (7)
8) Ħadd ma skorja, spiċċaw .... (4)
9) Jens, ex-plejer ta' Bayern M. u l-Ġermanja (8)
10) James Vella ....., assistant referee tal-MFA (5)
15) Borg, ex President tal-Kumitat Olimpiku Malti (4)
16) "Check ....", il-mossa finali fiċ-ċess (4)
18) B'leħen wieħed - "Le għar-........ fl-isport" (8)
20) Reġgħet issemmiet fil-futbol lokali (11)
22) L-Imperatur Interist (7)
24) Dan il-plejer tal-Futbol mhux David wieħed! (6)
26) Middle ... Race tad-dgħajjes (3)
29) Theo, li stilla l-ġdida ta' Fabio Capello (7)
30) Tan-Naxxar fil-Futbol ma jigdmux! (5)
31) Michael, attakkant ta' B'Kara FC (5)
32) Il-verżjoni tal-logħba 5-a-side fil-Futbol (6)
34) Tat-trasferimenti jiġi fis-Sajf u f'Jannar (3)
36) Din jeħluha l-klabbs minbarra s-sospensjoni (5)
39) Tackle jew daħla irregolari (4)

POWERADE®

COMMITMENT TO SPORT




GatoNegro
MANY LIVES MANY MOMENTS
GatoNegro
GatoNegro
Cabernet Sauvignon
2005
Central Valley
Wine of Chile
SAN PEDRO
Official wine supplies
TRADE ENQUIRIES:
MALTA: ATTARD & CO. FOODSTUFFS LTD. TEL: 21237555
GOZO: ABRAHAM SUPPLIES CO. LTD. TEL: 21 563231
wine of Chile
www.GatoNegro.cl